# X'KIENU L-KONSEGWENZI GĦALL-ĠENERAZZJONI LI RRIĠETTAT LIL KRISTU? KIENET ID-DEŻOLAZZJONI TA' 70 W.K. IMBASSRA MINN KRISTU?

"*Għax dawn huma jiem ta' vendetta,* ***li fihom iseħħ kulma nkiteb***" (Luqa 21:22).

"*Il-profeti* kitbu *ħafna ħwejjeġ* dwar iż-żmien meta Alla jikkastiga *lill-poplu Tiegħu*. Dan huwa ż-żmien meta dawn il-ħwejjeġ kollha għandhom jiġru." Dan kien imbassar minn Ġeremija 5:29 u minn Ħosegħa 9:7.:24.

Xi wħud jassumu li dak li naqraw f'Luqa 21 "sa ma jintemm żmien il-Ġentili" u dak li naqraw f'Rumani 11:25, "…sama l-milja tal-Ġentili tidħol" li meta "n-numru sħiħ" tal-Ġentili jkun ikkonvertit għal Kristu, il-Lhud jerġgħu jiġu fil-favur ta' Alla. Imma ma jidher li hemm ebda raġuni tajba għal din il-veduta, għaliex sa mill-Jum ta' Pentekoste *dawk kollha* li Alla jistieden biex jiġu Għandu *permezz tal-messaġġ ta' l-Evanġelju*, ukoll dawk li huma l-bogħod kemm jekk Lhud u kemm jekk Ġentili, jistgħu jkunu salvi. *Il-prijorità tal-Lhudi kienet mitlufa fis-salib*, imma l-Evanġelju, naturalment, għandu jkun ippridkat lill-bnedmin kollha, kemm lil-Lhud u kemm lill-Ġentili, sama Kristu jerġa' jiġi. Ta' minn jinnota wkoll hawn illi l-Lhud kienu d-dixxendenti ta' Abraham, iżda wkoll fit-Testment il-Qadim mhux Iżrael kollu kien Iżrael (ara Rumani 9:6-7). L-Ispirtu s-Santu, permezz ta' l-appostlu Pawlu enfasizza li l-veru Lhudi llum huwa dak liċ-ċirkonċizzjoni tiegħu hija dik tal-qalb:

> "*Mhux dak li jidher li hu Lhudi minn barra hu Lhudi, l-anqas min għandu ġismu ċirkonċiż;* ***il-veru Lhudi*** *hu dak li hu Lhudi minn ġewwa; iċ-ċirkonċiżjoni vera hi dik tal-qalb, opra ta' l-Ispirtu u mhux tal-liġi miktuba. Bniedem bħal dan, mhux il-bnedmin ifaħħruh, imma Alla*" (Rumani 2:28-29 enfasi tiegħi).

Il-Kristjani huma l-Lhud li huma mfissra hawn. Aħna, bħala Kristjani m'aħniex Lhud minn barra. Ukoll Lhud minn barra kellhom isiru Lhud minn ġewwa biex ikunu Lhud veri! Dwar dan naraw aktar 'il quddiem.

F'Danjel, kapitlu disa', l-anġlu Gabrijel qal lil Danjel li kien hemm "sebgħin ġimgħa" iddeterminati fuq il-poplu ta' Iżrael bħala nazzjon. Vers 26 juri lit-tkomplija ta' dan il-perjodu ta' sebgħin ġimgħa speċifikament għandha ġġib il-qerda tal-belt u tas-santwarju ta' Ġerusalem. Kristu, f'li jiddeskrivi l-ħażen tal-mexxejja Lhud f'Mattew 23, għalaq billi qal li fuq dik il-ġenerazzjoni jew nisel jiġi d-demm kollu tan-nies sewwa mċar-ċar fuq l-art, mid-demm ta' Abel (Mattew 23:35). Dawn iż-żewġ profeziji huma relatati direttament għal xulxin. Kristu, ukoll f'wirja **tal-ġudizzju** li kellu jiġi fuq in-nazzjon ta' Iżrael, qalilhom, "*Ara, darkom tibqagħlkom ħerba*" (Mattew 23:38). Din hija l-istess lingwa li hija wżata f'Danjel kapitlu disa' li tirriferi għat-tkomplija tal-perjodu tas-sebgħin ġimgħa.

L-ewwel, aħna għandna nirrealizzaw meta l-ħerba ġrat. Ħafna jgħallmu li din tkun matul perjodu ta' tribulazzjoni ta' seba' snin, li fih Alla jispiċċa l-ittrattar tiegħu "man-nazzjon ta' Iżrael." Kristu Nnifsu, iżda, qal li **l-ġudizzju** jiġi fuq dak in-nisel jew ġenerazzjoni, li kien jgħix dak iż-żmien. Il-Kelma ta' Alla tgħidilna li wieħed ikun biss Lhudi *jekk* huwa jkun imwieled mill-ġdid. Nerġa' ntenni dak li għadni kif ikkwotajt f'paġna 14, li permezz ta' l-appostlu Pawlu, l-Ispirtu s-Santu jgħid bi kliem ċar ħafna:

> "*Għax mhux min jidher minn barra, hu Lhudi; lanqas m'hi ċirkonċiżjoni, dik li tidher minn barra fil-ġisem: **iżda hu Lhudi, dak li hu wieħed minn ġewwa**; u ċ-ċirkonċiżjoni hi dik tal-qalb, fl-ispirtu, u mhux fl-ittra; u t-tifħir tiegħu mhux tal-bnedmin, imma t'Alla*" (Rumani 2:28-29).

Ħaġa ta' l-iskantament hija, kif, wara li wieħed jaqra dan il-kliem ispirat mill-Ispirtu s-Santu u li m'għandu bżonn ta' ebda tifsira ikompli jsostni li l-poplu **fiżiku** Lhudi għad jerġa' jkollu

ċans ieħor li jsalva, (barra minn dak permezz ta' l-Evanġelju, (Rumani 1:16) imma aħna nafu, u dan nafuh għaliex tgħidulna l-Kelma ta' Alla, li l-uniku "nazzjon ta' Iżrael" wara Kristu huwa l-ġisem ta' emmiena li twieldu mill-ġdid mill-ilma u l-Ispirtu. F'Mattew 21:43, meta Kristu ikkonfronta lill-mexxejja Lhud fejn qalilhom:

> "*Is-saltna ta' Alla tittieħed minn għandkom,*
> *u tingħata lill-ġens li jagħti l-frott minnha*"

Hu kien qiegħed biċ-ċar jidentifika li l-ittrattar Tiegħu man-"nazzjon ta' Iżrael" dalwaqt kien se jkun komplut. Naraw li l-ġudizzju kellu jiġi fuq *dik il-ġenerazzjoni*, x'sar minn din l-aħħar ġenerazzjoni ta' "Lhud" mhux salvi?

Fi twettiq tal-profeziji ta' Danjel kapitlu disa', u l-profeziji ta' Ġesù Kristu, il-ġudizzju jew il-ħaqq ta' Alla ġie fuq dak in-nazzjon li ma tax frott fis-seba' snin ta' gwerra (mil-lum 'il quddiem sempliċiment imsejjaħ '70 W.K.' Ara Josephus' War Archive), li kien irrappreżentat mill-qerda ta' Ġerusalem fis-sena 70 W.K., meta l-belt kienet assedjata u meqruda għal kollox. Dan huwa l-ġudizzju stess li kien imwiegħed għad-diżubbidjenza f'Levitku 26, f'Dewteronomju 28, fl-1 Slaten 9, fit-2 Kronaki 7, u f'ħafna postijiet oħra. Mattew 24, u Luqa 21 jagħtu d-data ta' din il-qerda b'mod l-aktar ċar bħala li hi d-deżolazzjoni tan-nazzjon kollu Lhudi mis-sena 66-73 W.K., bil-qerda ta' Ġerusalem fil-punt tat-tliet snin u nofs.

Ir-riferenza ta' Mattew 24 tidentifika l-qerda tal-belt u tas-santwarju bħala li tiġri, l-ewwel nett, sewwasew għall-jum tal-profezija tiegħu. F'Mattew 24:34, Kristu jgħid,

> "*Tassew ngħidilkom: Dan in-nisel ma jgħad-*
> *dix, sama jseħħu dawn il-ħwejjeġ kollha.*"

Dan in-nisel ma jgħaddix, "*sama jseħħu dawn il-ħwejjeġ kollha.*" Ħafna jgħidu, kif diġa semmejt aktar qabel, li l-kelma "nisel" jew ġenerazzjoni ma tirriferixxix għaż-żmien, imma għax-xorta ta' nies involuti. Aħna nafu li dan mhux minnu, għaliex f'Luqa 17:25, Ġesù Kristu jirriferi għall-kurċifissjoni Tiegħu, fejn jgħid,

> "*Imma qabel jaħtieġ li jbati ħafna, u jinċaħad* ***minn dan in-nisel***" (enfasi tiegħi).

Hawn biċ-ċar Ġesù qiegħed jagħmel kummentarju fuq nisel speċifiku. Ukoll, fl-lingwa l-aktar ċara, Ġesù Kristu qal lill-qassis il-Kbir, f'Mattew 26:64,

> "*...mil-lum 'il quddiem taraw Bin il-bniedem qiegħed fil-lemin tas-setgħa, u ġej fuq is-sħab tas-sema.*"

F'Mattew 16:28, Kristu jgħid,

> "*Tassew ngħidilkom: Ikun hemm x'uħud milli qegħdin hawn, li ma jduqux il-mewt, sama jaraw Bin il-bniedem ġej fis-saltna tiegħu.*"

Barra minn dan, dak kollu li Kristu qal li se jiġri fuq dak in-nisel jew fuq dik il-ġenerazzjoni, ġara! Din l-istqarrija ċara u letterali minn Alla Nnifsu, timplika lit-twettiq tal-ġudizzji ta' Danjel 9 kellu jiġri fis-sena 70 W.K., tista' tkun issostanzjata f'modi oħra. Riferenza ta' Mattew 24:15 mar-rakkont ta' Luqa tgħaqqad il-qerda ta' Ġerusalem bħala li tiġri meta dik il-ġenerazzjoni tara l-belt imdawra b'armata. Naqraw f'Mattew,

> "*Għalhekk meta taraw il-għajb tal-ħerba, li fuqha tkellem il-profeta Danjel, qiegħda fil-lok imqaddes (ħa jifhem min jaqra). Imbagħad ħalli jaħarbu dawk li jkunu fil-Lhudija għall-muntanji*" (Mattew 24:15-16).

Juża l-istess kmand għan-nies tal-Lhudija biex jaħarbu, Kristu jgħid, f'Luqa 21:20,

> "*U meta taraw 'il Ġerusalem imdawra bl-armati, imbagħad kunu afu li qorbot il-ħerba tagħha.*"

U biex jidentifika biċ-ċar x'inhu l-iskop għall-ħerba, jintqal lilna, f'vers 22,

> *"Għax dawn huma l-jiem ta' tagħdib, **biex iseħħ kulma nkiteb**"* (enfasi tiegħi).

Jekk, tassew, il-korla tal-Mulej kienet imsawba fuq in-nazzjon Lhudi magħmul "ħerba" fis-sena 70 W.K., xi jsir mill-profeziji f'Danjel 9:24-47 li jidentifikaw it-tlestija tan-nazzjon li ma tax frott bħala li ġraw fit-tmiem tas-sebgħin ġimgħa, meta l-belt u s-santwarju (il-lok il-qaddis) kienu meqruda? Għandna aħna nifhmu li dan il-perjodu ta' sebgħin ġimgħa kien imwettaq fil-qerda fis-sena 70 W.K.? Żomm f'moħħok lis-sebgħin ġimgħa kienu iddeterminati fuq "*il-poplu tiegħek u l-belt imqaddsa tiegħek*," u li mat-tmiem tas-sebgħin ġimgħa, il-belt u s-santwarju jkunu meqruda. Dan kien imwettaq fis-sena 70 W.K. Meta Kristu miet fuq is-salib "***kollox kien mitmum***" u dan qalu Ġesù Kristu! Skond il-Mulej Ġesù Kristu, kien "KOLLOX MITMUM" jew le? Illum aħna m'aħniex qegħdin nistennew biex it-tempju jerġa' jinbena, sempliċiment biex dan ikun jista' jinqered, billi dan diġa ġara! Ukoll, mat-tmiem ta' dan il-perjodu, "is-sagrifiċċju u l-offerta" (Danjel 9:27) kellhom jieqfu. Dan, ukoll, kien imwettaq fis-sena 70 W.K. Illum aħna m'aħniex qegħdin nistennew biex is-sagrifiċċji jerġgħu jibdew, sempliċiment biex ikunu jistgħu jerġgħu jieqfu, billi dan diġà ġara! F'aktar konferma, Danjel 9:24 isemmi sitt ħwejjeġ speċifiċi li jkunu mwettqa mat-tmiem ta' dan il-perjodu, liema kienu mwettqa kollha. F'konferma tat-twettiq, dan jaqra, "**Sebgħin ġimgħa huma maqtugħin għall-poplu tiegħek, u għall-belt imqaddsa tiegħek, biex**:

1. "**Ikun miżmum il-ħażen,**"
   –Dan kien imwettaq (Luqa 11:47-51; Mattew 23:29-32; Mattew 21:33-45).
2. "**Jintemmu d-dnubiet,**"
   –Dan kien imwettaq (Ġwanni 1 :29; Mattew 1:21; Atti 10: 43; Lhud 9:26).
3. "**Titħallas il-ħtija,**"
   –Dan kien imwettaq (2 Korintin 5:18-21; Lhud 2:17; Kolossin 1:20; Rumani 5:10).
4. "**Tiġi s-sewwa ta' dejjem,**"

–Dan kien imwettaq (Rumani 3:25-26; Lhud 9:12; 2 Tessalonikin 2:16; 2 Korintin 9:9).

5. "**Issiġillata d-dehra u l-profezija,**"
   –Dan kien imwettaq (Lhud 1:1-2; Ġwanni 1:1; 2 Pietru 1: 19-21).
6. "**Jindehen il-post l-aktar qaddis.**"
   –Dan kien imwettaq (Mattew 3:15-17; Luqa 4:18; Atti 4: 26-27; 10:38).

Ta' interess, Kristu, fi tweġiba għall-mistoqsija dwar kemm-il darba għandu wieħed jaħfer lil ħuh, Hu wieġeb billi qal, "*imma sa sebgħin għal seba' darbiet*" (Mattew 18:22), li huwa l-istess ammont eżatt taż-żmien fis-sebgħin ġimgħa ta' Danjel. L-implikazzjoni hija li hemm tmiem għas-sabar ta' Kristu man-nazzjon Tiegħu. Kristu wettaq il-patt li huma kisru sewwa 'l fuq minn 490 'darba'. Għalhekk, aħna nistgħu naraw li l-ħerba ta' Ġerusalem fis-sena 70 W.K. *wettqet* il-profeziji ta' Danjel kapitlu disa', kontra l-ġenerazzjoni stinata u mħassra li rriġettat lill-Mulej u lill-Midluk Tiegħu. Kristu iġġudika n-nazzjon bil-ħerba, u neħħa s-saltna ta' Alla u taha lil nazzjon li jġib 'il quddiem il-frott, li huwa n-nazzjon *ta' dawk kollha li jemmnu.* "Il-jiem tal-ven-detta, li l-ħwejjeġ kollha li huma miktuba jkunu mwettqa" li jissemmew ma jistgħux ikunu ħaġ'oħra ħlief it-twettiq tas-sebgħin ġimgħa bil-qerda ta' Ġerusalem fis-sena 70 W.K.. **Għalhekk, il-Qerda, id-Deżolazzjoni tal-Palestina fis-Sena 66-73 W.K. Kienet it-Twettiq tas-70 Ġimgħa ta' Danjel, U t-Tmiem ta' Kull 'Nazzjon Temporali ta' Alla'. Il-Kurċifissjoni Dan Kollu Wettqitu. "Kollox Mitmum" Iddikjara l-Mulej Fuq is-Salib.** U aħna, bħala Kristjani hekk nemmnu, li "**Kollox Mitmum**" għaliex **hekk jgħid il-Mulej**! Xi wħud jippruvaw ibabsu l-kliem tal-Mulej u jagħtuh interpretazzjoni falza li ġejja minnhom infushom iżda l-Mulej poġġa l-kliem Tiegħu ċar ħafna li kulħadd jista' jifhmu faċiment meta qal li "*kollox mitmum.*" Jew **kollox** kien mitmum jew le. Jekk le, allura l-kelma "kollox" ma tfissirx "kollox" u l-Mulej qarraq bina!

Ukoll, biex wieħed jifhem aktar ċar dwar li dak kollu li kien ipprofetizzat fit-Testment il-Qadim kien imwettaq f'Ġesù Kristu, l-Ispirtu s-Santu ispira lil Luqa biex jikteb dak li qal Ġesù dwar dan, u dan hu miktub għaliex Alla jaf li fiż-żminijiet ta' wara jkun hawn għalliema foloz li jgħidu li l-porfeziji tat-Testment il-Qadim *għadhom mhumiex imwettqa*! Naqraw f'Luqa 24:25-27,

> "*Qalilhom Ġesù: "Kemm intom boloh u tqal biex temmnu kull ma qalu l-profeti! U ma kellux il-Messija jgħaddi minn dawn il-ħwejjeġ u hekk jidħol fil-glorja tiegħu? U beda minn Mosè u l-profeti kollha jfissrilhom kull ma kien hemm fl-Iskrittura fuqu.*"

Hawn Ġesù ma sejħilhomx "boloh" fis-sens li aħna nitkellmu dwar nies bħala li jkunu boloh; l-oriġinal ifisser "moħħkom ma jarfax." Huma kienu qraw dak li kien intqal mill-profeti, imma naqsu milli jagħmlu l-applikazzjoni għal Ġesù. Illum l-istess qiegħed jiġri. Ħafna għalliema foloz qegħdin jonqsu milli jagħmlu l-applikazzjoni għal Ġesù Kristu li "*l-Messija jgħaddi minn dawn il-ħwejjeġ u hekk jidħol fil-glorja tiegħu*"! Huma qegħdin jgħidu u jgħallmu llum li l-Messija **għad** irid jerġa' jiġi fuq l-art u jsaltan għal elf sena letterali! Dan imur għal kollox kontra dak li qal il-Mulej hawn! Illum Ġesù Kristu *wettaq* il-profeziji kollha tat-Testment il-Qadim, u skond Hu, qiegħed "fil-glorja Tiegħu." Ġesù mhuwiex se jħalli l-glorja tiegħu fis-smewwiet, li hija twettiq tal-profeziji u jerġa' jinżel fuq l-art biex jerġa' jibda jsaltan! Dan huwa t-tagħlim falz u interpretazzjoni falza ta' siltiet minn Rivelazzjoni ta' profeti u għalliema foloz! Meta Ġesù jerġa' jiġi, Hu jiġi biex jeħodna Miegħu u mhux biex iwaqqaf saltna għal elf sena fuq l-art!

> "*...U beda minn Mosè u l-profeti kollha...*"

Ġesù ma ħalla *ebda ktieb* barra mit-Testment il-Qadim. Hu ppreżenta veduta komprensiva dwar il-profeziji li kienu jitkellmu Dwaru mill-ewwel serje ta' tbassir fil-kitba ta' Mosè l-isfel matul il-profeti kollha saż-żmien id-dehra Tiegħu; imbagħad it-

twettiq ta' dawn il-profeziji Fih Innifsu; b'hekk Ġesù ddikjara li Hu kien il-qalbha ta' l-Iskrittura tat-Testment il-Qadim.

Imbagħad Luqa jkompli jikteb f'versi 44 u 45,

> "*Imbagħad qalilhom: "Meta kont għadni magħkom għedtilkom dawn il-kelmiet, '**Jeħtieġ li jseħħ kull ma nkiteb fuqi** fil-Liġi ta' Mosè, fil-profeti u fis-salmi*" (enfasi tiegħi).

Ġesù qal li "*jeħtieġ li jseħħ kull ma nkiteb fuqi.*" Naqblu aħna li dak **kollu** li nkiteb fuq Ġesù fit-Testment il-Qadim "seħħ" għal kollox? Jekk xi ħadd ma jaqbilx allura Ġesù u l-profeti kollha kienu żbaljati! Dak kollu li kien ipprofetizzat dwar Ġesù, jew dak li kien "*miktub fil-liġi ta' Mosè, u fil-profeti, u fis-salmi*" kien imwettaq. Ma jibqa' xejn hawn li għad mhux imwettaq li għad irid ikun imwettaq! "*Kollox mitmum*" qal il-Mulej fuq is-salib! Dan jinkludi t-Testment il-Qadim kollu, għaliex hawn huma msemmija t-tliet diviżjonijiet li fihom il-Lhud qasmu t-Testment il-Qadim. "Il-liġi ta' Mosè" kienet tinkludi l-ewwel ħames kotba, jew il-Pentatewku; "Il-profeti" jinkludu l-kotba ta' Ġożwè, Imħallfin, l-Ewwel u t-Tieni Samwel, l-Ewwel u t-Tieni Slaten, tlieta mill-profeti maġġuri (Isaija, Ġeremija, u Eżekjel), u t-tnax-il profeta minuri; "is-salmi" jinkludu l-kotba poetiċi u l-kotba l-oħra kollha tat-Testment il-Qadim li xi kultant huma msejħa "l-Iskrittura" (Ġwanni 5:39). Dan il-grupp fih, is-Salmi, Ġob, Proverbji, Għanja ta' Salamun, Rut, Biki ta' Ġeremija, Ekkleżjażti, Ester, Danjel, Esdra, Neħemija, u l-Ewwel u t-Tieni Kronaki. Meta Ġesù iddikjara li *l-ħwejjeġ kollha* għandhom ikunu mwettqa li kienu miktuba Dwaru, hu nkluda t-Testment il-Qadim kollu.

> "*Imbagħad fetħilhom moħhom biex jifhmu l-Iskrittura*" (Luqa 24:45).

Ġesù għallem lid-dixxipli Tiegħu li dak kollu li kien miktub Dwaru fit-Testment il-Qadim **kien imwettaq**; u dan juri li dak it-tagħlim li Ġesù Kristu għad irid jeġa' jiġi biex isaltan fuq l-art għal elf sena f'Ġerusalem huwa ***għal kollox tagħlim falz*** u

li jwaqqa' l-kliem li qal Ġesù Kristu f'dawn il-versi ta' Luqa! Ġesù fetħilhom moħħom u huma fehmu imma llum, il-millenjalisti għad ma jridux li jifhmu u sfortunatament ħafna nies sinċiera qegħdin jinqabdu fin-nassa qerrieda tagħhom li twassalhom għat-telfien ta' dejjem! Jew "*kull ma nkiteb*" seħħ jew le! Il-Mulej qalilna li *kull ma nkiteb, ukoll dak li hemm f'Danjel*, "seħħ." Il-Millenjalisti jgħidulna, le, "għadu ma seħħx"! Jgħidulna li għad baqa' *elf sena oħra* xi jseħħu! Dan għandu juri kemm hija żbaljata l-interpretazzjoni tal-millenjalisti dwar is-saltna ta' elf sena fuq l-art ta' Ġesù Kristu. Jekk skond Ġesù Kristu dak kollu li "*nkiteb fil-liġi ta' Mosè, fil-profeti u fis-salmi*" **seħħ kollu** allura l-elf sena għandhom ikunu interpretati mod ieħor, jiġifieri, li jfissru l-Epoka Kristjana li aħna llum ninsabu fiha bi Kristu bħala s-Sultan li qiegħed isaltan mis-Smewwiet! Din hija l-interpretazzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu u mhux tal-millenjalisti! Aħna bħala Kristjani tat-Testment il-Ġdid nemmnu lill-Mulej tagħna li "kull ma nkiteb" seħħ u li "kollox kien mitmum," u li Hu "temm ix-xogħol li tah jagħmel il-Missier" (Ġwanni 17:11). Lil min temmen int, lil Alla jew lill-bnedmin?

Imma hawn ukoll, dwk l-għalliema foloz jippruvaw jagħtu interpretazzjoni falza tal-kiem li qal Ġesù, jiġifieri, li "kollox mitmum." Huma jgħidu li veru li kollox kien mitmum imma dan kien dak biss li kellu x'jaqsam ma' Kristu, mal-mewt Tiegħu fuq is-salib. Din hija dawgħa kbira għaliex meta Kristu qal li "KOLLOX" huwa fisser "kollox" u ma għamel ebda distinzjoni bejn il-mewta Tiegħu fuq is-salib u ħwejjeġ oħra! Kull ħaġa oħra li naqraw dwarha fil-Bibbja Mqaddsa li tappartjeni għal Ġesù Kristu: il-profeziji Dwaru, il-ħajja Tiegħu, it-tagħlim Tiegħu, il-mirakli Tiegħu, il-passjoni Tiegħu, il-knisja jew is-saltna Tiegħu, u dak kollu li hemm miktub fil-Kelma Tiegħu, il-Bibbja Mqaddsa huma nklużi f'dak il-kliem, "*kollox mitmum*." Meta Ġesù qal li kollox kien mitmum Hu kien qiegħed jirriferi għal dak kollu li kien ipprofetizzat Dwaru u dwar kull ħaġa oħra li għandha x'taqsam Miegħu! Imma l-

profeti u l-għalliema foloz tal-lum jgħidu mod ieħor u jġibu l-Kelma ta' Kristu fix-xejn!

Fl-aħħar, l-iskop li nittratta ma' dawn is-siltiet f'dettall bħal dan huwa biex nuri li d-dottrina ta' saltna ta' millenju fil-futur **ma għandha ebda appoġġ** f'dawn it-testi profetiċi, u li l-prattika li tneħħi dawn il-profeziji barra mill-kuntest storiku tagħhom li jwettaqhom hija li tagħti żmien ħażin u bla ebda ġustifikazzjoni u b'hekk tkun qed iġġib il-Kelma ta' Alla fix-xejn. Għalhekk, it-twissija:

> "*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla t'Alla fuq dawk li ma jisimgħux*" (Efesin 5:6)

U sfortunatament hemm ħafna li ma jridux jisimgħu u qegħdin jaċċettaw it-tagħlim falz tal-millenjalisti li jwassalhom għat-telfien ta' dejjem!

Kristu ġie fid-dinja biex jagħti l-eżempju perfett, biex jagħmel ir-rivelazzjoni sħiħa ta' Alla lill-bniedem fil-Persuna u fit-tagħlim Tiegħu, biex jikkwalifika Lilu nnifsu ħalli b'hekk ikun jista' jsir il-Qassis il-Kbir tagħna, u li jmut bħala l-Ħaruf ta' Alla għad-dnubiet tad-dinja. Iżda, Hu ma kienx se jiġi biex jagħmel ħwejjeġ kontraditorji. Jekk is-saltna li kienet qrib kienet differenti fin-natura tagħha mill-knisja, Hu ma kienx ikun jista' jħabbar is-saltna li hi fil-qrib u l-knisja li hi fil-qrib fl-istess ħin. Naqraw f'Mark 1:14-15,

> "*Issa wara li ntafa' l-ħabs, Ġesù ġie fil-Galilija, ixandar l-evanġelju tas-saltna ta' Alla. U jgħid: Għalaq iż-żmien, u s-saltna ta' Alla qorbot: indmu, u emmnu l-evanġelju.*"

Jekk is-saltna u l-knisja mhumiex l-istess allura jekk is-saltna kienet qrib, il-knisja ma kinetx qrib. Jekk il-knisja kienet qrib, is-saltna ma kinetx tista' li tkun qrib. Jekk it-twaqqif ta' waħda eskluda t-twaqqif ta' l-oħra, Kristu ma kienx se jiġi biex jagħmel possibbli t-twaqqif tat-tnejn fl-ewwel seklu! Jekk is-saltna kienet waħda li fiha Ġesù Kristu kellu jmur fit-triq ta' ilqugħ trijonfali min-nazzjon ta' Iżrael, il-knisja li Hu kellu jagħmilha possibbli permezz tas-salib ma kinetx tkun fil-qrib. Jekk Kristu ġie biex jilbes kuruna fis-saltna fuq din l-art, ma kienx jiġi biex imur it-triq tas-salib. Mela, sakemm il-knisja u s-saltna mhumiex modi differenti li titkellem dwar **l-istess** ġisem ta' nies, Kristu ma kienx jiġi biex jiddikjara li s-saltna kienet qrib meta kien jaf li Hu kien irriġettat (kif jgħallmu l-premillenjalisti) u s-salib kien qrib.

Il-veduta premillenjali tas-saltna tirriżulta fil-pożizzjoni li l-knisja li ma kinetx qrib ġiet qrib u s-saltna li kienet qrib tbiegħdet. Is-saltna pprofetizzata ma kinetx imwaqqfa, imma l-knisja mhux ipprofetizzata kienet imwaqqfa.

It-Testment il-Qadim wiegħed *saltna waħda biss ta' dejjem, patt ġdid wieħed biss, ħakma waħda biss tal-Messija*. Għalhekk, sakemm il-knisja mhix is-saltna, il-knisja ma kinetx ipprofetizzata.

***Kienet il-knisja ipprofetizzata?*** Numru tajjeb ta' Skritturi jagħmluha ċara li kienet imbassra mill-profeti, u li l-ewwel miġja ta' Kristu kienet li jmur it-triq tas-salib sabiex joħloq il-ġisem wieħed li hu l-knisja Tiegħu. Naqraw f'Luqa 24:25-27,

> "*Imbagħad qalilhom: Ja boloh, u tqal fil-qalb biex temmnu dak kollu li qalu l-profeti: Ma kellux Kristu jbati dawn il-ħwejjeġ, u jidħol fil-glorja tiegħu? U beda minn Mosè u l-profeti kollha, u fissrilhom dawk il-ħwejjeġ li fl-iskrittura kollha hemm fuqu.*"

L-appostlu Pawlu jgħid f'Efesin 2:13-16,

> "*Imma issa fi Kristu Ġesù, intom li darba kontu bgħid ħafna, sirtu qrib bid-demm ta' Kristu. Għax hu s-sliem tagħna, u t-tnejn għamilna wieħed, u waqqa' l-ħajt tan-nofs li kien jifridna; Billi ħassar b'ġismu l-mibegħda, il-liġi tal-kmandamenti, li tikkonsisti fi preċetti; biex mit-tnejn jagħmel fih innifsu bniedem wieħed ġdid, u hekk iġib is-sliem; U biex iħabbibkom it-tnejn f'ġisem wieħed ma' Alla bis-salib, wara li jkun qered bih il-mibegħda.*"

Issa ħalli nikkunsidraw x'tgħid l-Iskrittura Mqaddsa dwar dan.

Ġesù kien imwieled biex ikun sultan:

> "*Pilatu qallu: "Mela int sultan?" U Ġesù wieġeb: "Qiegħed tgħidu int: jien sultan. Jien għalhekk twelidt, u għalhekk ġejt fid-dinja, biex nixhed għall-verità…*" (Ġwanni 18:37).

Fit-twelid Tiegħu irġiel għorrief ġew ifittxu "*lis-Sultan tal-Lhud*" (Mattew 2:2); waqt li Hu għex in-nies għarfuh bħala "*s-Sultan ta' Israel*" (Ġwanni 1:49), u meta miet sinjal fuq rasu pproklama "*Dan hu s-Sultan tal-Lhud*" (Mattew 27:37).

Il-messaġ ta' Ġesù kien "*Is-saltna tas-smewwiet qorbot*" (Mattew 4:17). Hu bagħat barra tnax—u aktar wara tnejn u

sebgħin—bl-istess messaġġ: "*Is-saltna tas-smewwiet qorbot*" (Mattew 10:7; Luqa 10:9). Wara l-qawmien Tiegħu Hu għallem lid-dixxipli Tiegħu dwar is-saltna, fejn naqraw f'Atti 1:3,

> "*Wara l-passjoni tiegħu dehrilhom u tahom ħafna provi li hu ħaj; f'erbgħin jum rawh kemm-il darba u kellimhom fuq il-ħwejjeġ* ***tas-saltna ta' Alla***."

Ġesù diġa kien għallimhom biex jitolbu "*Tiġi saltnatek*" (Mattew 6:10), u sewwasew qabel il-mewt ta' Kristu, il-ħalliel penitenti talbu, "*Ftakar fija meta tidħol fis-saltna tiegħek*" (Luqa 23:42).

Ġesù wiegħed lil Pietru "*l-imfietaħ tas-saltna*" (Mattew 16: 19), u wara t-tlugħ Tiegħu fis-sema l-appostli użaw l-imfietaħ hekk kif komplew ix-xogħol tas-Sid tagħhom, "*jippriedkaw aħbarijiet tajba fuq is-saltna ta' Alla*" (Atti 8:12). Konsegwentament, il-Mulej żied nies fis-saltna Tiegħu, iberikhom bil-fidwa. L-appostlu Pawlu jgħidilna:

> "*Ħelisna mill-ħakma tad-dlam,* ***u daħħalna fis-saltna*** *ta' Ibnu l-maħbub, li fih għandna l-fidwa b'demmu, u l-maħfra tad-dnubiet*" (Kolossin 1:13-14).

F'xi jum Hu jagħti s-saltna lil l-Alla fejn naqraw,

> "*Imbagħad jiġi t-tmiem, meta hu jagħti s-saltna 'l Alla l-Missier, wara li jkun qered kull ħakma u kull setgħa u qawwa*" (1 Korintin 15:24).

*Ovvjament is-saltna hija importanti fil-pjan ta' Alla u t-tagħlim ta' Kristu.* M'għandniex aħna nkunu kkonċernati dwar is-saltna? Meta ġiet is-saltna? Kif inhi? Kif tista' inti ssir parti minnha? Ħalli nikkunsidraw x'tgħallem il-Bibbja fuq dawn il-mistoqsijiet vitali.

Imma l-ewwel aħna neħtieġu li nagħmluha ċara dwar liema saltna qegħdin nitkellmu. It-tifsira ta' kelma tiddependi fuq l-

użu speċifiku tagħha f'sentenza, u l-uniku mod li tista' tkun taf xi tfisser f'ċertu waqt huwa li tikkunsidra l-kontenut.

Il-kelma *saltna* hija wżata fil-Bibbja biex tirriferi għal bosta organizzazzjonijiet. Din tirriferi għall-knisja (Mattew 16: 18). Imma tista' tirriferi wkoll għas-saltna ta' Satana (Mattew 12: 26), is-saltniet ta' din id-dinja (Mattew 4:8), u wkoll għad-dinja nfisha (Mattew 13:41,43). Din spiss tirriferi għas-smewwiet, l-abitazzjoni eterna tal-ġusti (Ara 2 Pietru 1:11; Atti 14:22; 1 Korintin 6:9-10).

*F'dan l-istudju aħna qegħdin nitkellmu dwar IS-SALTNA TAL-PROFEZIJA*. Din hija s-saltna rrivelata f'Danjel 2:44):

> "*U fiż-żmien dawk is-slaten, iqajjem Alla tas-sema saltna, li qatt ma titwaqqa'; saltna li ma titħalliex għall-poplu ieħor; iżda hi tfarrak u teqred dawn is-saltniet kollha, u hi tibqa' għal dejjem.*"

## ALLA GĦANDU SALTNA LI TIBQA' GĦAL DEJJEM.

Jiena rrid li nkun fiha; ma tridx int li tkun fiha wkoll? Iżda qabel ma aħna nkunu nistgħu nsiru parti mis-saltna ta' Alla, neħtieġu li nitgħallmu żewġ affarijiet dwarha:

## I. META KIENET IMWAQQFA S-SALTNA?

Jew għad trid tiġi? Għandna aħna nħarsu 'l quddiem għal ħakma letterali ta' Kristu fuq l-art f'xi żmien fil-futur?

### IS-SALTNA MWIEGĦEDA

Alla wiegħed saltna mijiet ta' snin qabel it-twaqqif tagħha. Il-Lhud kienu l-poplu ta' Alla, is-saltna Tiegħu:

> "*Għalhekk issa, jekk tassew tisimgħu kliemi, u tħarsu l-għaqda tiegħi, intom tkunu t-teżor partikulari tiegħi fost il-popli kollha: għax l-art kollha tiegħi: U tkunu għalija saltna ta' qassisin, u ġens imqaddes, Dawn huma l-kliem, li int għandek tgħid lil ulied Iżrael*" (Eżodu 19:5-6).

U Alla kien is-Sultan tagħhom (1 Samwel 8:7). F'dan is-sens, is-saltna f'dak il-waqt kienet dell tas-saltna tal-Patt il-Ġdid (Lhud 10:1).

Alla wkoll wiegħed lil David saltna għal dejjem (2 Samwel 7:11-16). Isaija pprofetizza illi "d-dar tal-Mulej" tkun imwaqqfa (Isaija 2:2-3) u li Kristu bħala prinċep ipoġġi fuq it-tron ta' David (Isaija 9:6-7). U Danjel ra minn qabel saltna li qatt ma tinqered (Danjel 2:44).

Imbagħad meta ġie Ġwanni l-Battista, u *ppriedka "is-saltna tas-smewwiet qorbot*" (Mattew 3:1-2), Ġesù u d-dixxipli Tiegħu ħabbru l-aħbar it-tajba. Il-wegħda tas-saltna kienet implikata wkoll fit-talba, "*Tiġi saltnatek*" u fil-pleġġ li jagħti lil Pietru "*l-imfietaħ tas-saltna*."

Imma Ġesù kien saħansitra aktar speċifiku. Hu qal:

> "*Hemm xi wħud milli qegħdin hawn, li ma jduqux il-mewt, qabel ma jaraw is-saltna ta' Alla ġejja bil-qawwa*" (Mark 9:1).

Dan kollu wassal lid-dixxipli biex jantiċipaw bil-ħerqa l-miġja tas-saltna. L-aħħar mistoqsija tagħhom lis-Sid tagħhom kienet:

> "*Mulej, jaqaw f'dan iż-żmien sa tarġa' twaqqaf is-saltna ta' Iżrael?*" (Atti 1:6).

## IS-SALTNA IPPROVDUTA

Is-saltna mwiegħeda minn Alla kienet issa ipprovduta minn Alla! Il-Kolossin kienu meħlusa "*mill-ħakma tad-dlam u mdaħħla fis-saltna ta' Ibnu l-maħbub*" (Kolossin 1:13). Is-seba' knejjes ta' l-Asja kienu magħmula biex ikunu saltna:

> "*U għamilna saltna u qassisin għal Alla tiegħu Missieru, lilu l-glorja u s-setgħa għal dejjem ta' dejjem. Amen*" (Rivelazzjoni 1:6).

Il-Lhud kienu rċevew saltna:

> "*Għalhekk ladarba aħna ksibna saltna li ma tistax tkun imheżżha, ħa nżommu l-grazzja, li*

> *biha nistgħu naqdu 'l Alla kif jixraq, bil-ġieh u l-biża'*" (Lhud 12:28).

Meta s-saltna kienet speċifikament imwaqqfa? L-Iskrittura turi għall-ġurnata preċiża tal-bidu tagħha. Ġesù qal is-saltna tiġi bil-qawwa:

> "*U qalilhom: Tassew, ngħidilkom: Hemm xi wħud milli qegħdin hawn, li ma jduqux il-mewt, qabel ma jaraw is-saltna ta' Alla ġejja bil-qawwa*" (Mark 9:1).

Wara l-qawmien Tiegħu, Ġesù qal lil l-appostli biex jistennew f'Ġerusalem sakemm huma jirċievu l-qawwa mill-għoli:

> "*U, ara, jien nibgħat il-wegħda ta' Missieri fuqkom: iżda intom ibqgħu fil-belt ta' Ġerusalem, sakemm titlibbsu bil-qawwa mill-għoli*" (Luqa 24:49).

Hu żied li huma jirċievu dik il-qawwa meta jiġi l-Ispirtu s-Santu:

> "*Imma intom tieħdu qawwa, wara li jiġi l-Ispirtu s-Santu fuqkom…*" (Atti 1:8).

F'Atti 2 aħna nitgħallmu li l-Ispirtu s-Santu ġie fil-Jum ta' Pentekoste:

> "*U meta wasal jum il-Ħamsin, kienu kollha b'fehma waħda, f'post wieħed. U f'daqqa waħda ġie mis-sema ħoss bħal ta' riħ qawwi, u mela d-dar kollha ta' fejn kienu qegħdin. U hemm dehrulhom ilsna mifruqin qishom tan-nar, li qagħdu fuq kull wieħed minnhom. U mtlew ilkoll bl-Ispirtu s-Santu, u bdew jitkellmu b'ilsna oħra, kif l-Ispirtu kien jagħtihom li jitkellmu*" (Atti 2:1-4).

L-Ispirtu s-Santu ġie f'Pentekoste. *Għalhekk* Il-Qawwa Imwiegħeda Ġiet f'Pentekoste. *Għalhekk* Is-Saltna Ġiet Bil-Qawwa f'Pentekoste.

Innota li s-saltna *ma kinetx* tista' tiġi *qabel* Pentekoste: Din ma kinetx tista' tiġi qabel il-mewt ta' Ġesù, billi l-liġi l-ġdida ma saritx effettiva sa dak il-jum:

> "*Għax fejn hemm testment, jaħtieġ ukoll tid-ħol il-mewt ta' min għamel it-testment. Għax testment igħodd wara li l-bnedmin imutu: inkella m'għandux saħħa kemm idum ħaj min għamel it-testment*" (Lhud 9:16,17).

U din kienet tkun *saltna mingħajr liġi*. Din ma kinetx tista' tiġi qabel il-qawmien ta' Kristu, għax wara dan id-dixxpli kienu għadhom qegħdin iħarsu għaliha:

> "*Mela meta ltaqgħu flimkien, staqsewh, billi qalulu: 'Mulej, jaqaw f'dan iż-żmien sa tarġa' twaqqaf is-saltna ta' Iżrael?*" (Atti 1:6).

U din kienet tkun *saltna mingħajr sudditi*. Din ma kinetx tista' tiġi qabel it-tlugħ fis-sema ta' Ġesù, għax hawn biss Hu kien inkurunat Sultan:

> "*Dan Ġesù qajmu Alla, li tiegħu aħna lkoll xhud. Għalhekk billi kien imgħolli bil-lemi-nija ta' Alla, u billi ħa mingħand il-Missier il-wegħda ta' l-Ispirtu s-Santu, hu xerred dan, li intom qegħdin taraw u tisimgħu issa*" (Atti 2:32-33).

U din kienet tkun *saltna mingħajr sultan*.

*Iżda hija din is-saltna, is-saltna tal-profezija?* Iva, għaliex din kienet imwaqqfa: (1) *Fil-ħin propizju*—fl-aħħar jiem:

> "*U jiġri fl-aħħar jiem, illi l-muntanja ta' dar il-Mulej tkun imwaqqfa f'ras il-muntanji, u tintrafa' 'l fuq mill-għoljiet, u l-ġnus kollha jiġru lejha. U ħafna nies imorru, u jgħidu: Ejjew, ħa nitilgħu fuq il-muntanja tal-Mulej, fid-dar ta' Alla ta' Ġakobb; u hu jgħallimna triqatu, u aħna nimxu fil-mogħdijjiet tiegħu:*

*għax minn Sijon toħroġ il-liġi, u l-kelma tal-Mulej minn Ġerusalem*" (Isaija 2:2-3);

"*U jiġri wara dan, li jien insawwab mill-Ispirtu tiegħi fuq kull bniedem, u jħabbru wliedkom subjien u bniet, u x-xjuħ tagħkom joħolmu ħolm, u ż-żgħażagħ tagħkom jaraw dehriet*" (Ġoel 2:28);

"*Iżda dan hu dak li ngħad mill-profeta Ġoel: U jiġri fl-aħħar jiem, qal Alla, li nsawwab mill-Ispirtu tiegħi fuq kull bniedem: u jħabbru s-subjien u l-bniet tagħkom, u jaraw iż-żgħażagħ tagħkom dehriet, u l-irġiel xjuħ tagħkom joħolmu ħolmiet*" (Atti 2:16-17),

u "*fil-jiem ta' dawk is-slaten*" (Danjel 2:44)—L-Imperu Ruman. (2) *Fil-post it-tajjeb*—Ġerusalem (Isaija 2:3). (3*) Mill-persuna t-tajba*—Ġesù, dixxendent ta' David (2 Samwel 7:11-16; Isaija 9:6-7; Luqa 1:32-33; Atti 2:30-31).

## IS-SALTNA U L-KNISJA

Dan kollu jwassal għall-konklużjoni waħda*: Is-saltna tal-profezija hija l-knisja tat-Testment il-Ġdid.*

*Huma għandhom l-istess bidu.* Is-saltna bdiet f'Pentekoste u hekk ukoll il-knisja. Ġesù qal, "*Jiena nibni l-knisja tiegħi*" (Mattew 16:18). Din kienet għadha fil-futur. Iżda f'Atti 5:11 naqraw li l-knisja kienet fl-eżistenza:

"*U waqa' biża' kbir fuq il-knisja kollha, u fuq dawk kollha li semgħu b'dawn il-ħwejjeġ.*"

Meta l-knisja bdiet? Atti 11:15 jirriferi għall-Pentekoste bħala "*l-bidu.*" Mhuwiex raġjunevoli li tikonkludi li l-knisja kellha l-bidu tagħha f'dak il-jum?

It-tnejn għandhom l-istess *Ras*, Kristu Hu sultan tas-saltna (Ġwanni 18:37), u Hu r-ras tal-knisja (Kolossin 1:18).

It-tnejn għandhom l-istess *Sid*. Is-saltna hija "*s-saltna ta' Ibnu l-maħbub*" (Kolossin 1:13); Hi ta' Kristu. Imma Kristu "*xtara l-knisja b'demmu stess*" (Atti 20:28), u din tappartjeni Lilu; hija l-ġisem ta' Kristu (Efesin 4:12) *jew "il-knejjes ta' Kristu*" (Rumani 16:16).

It-tnejn għandhom *l-istess dħul*. Wieħed jista' jidħol fis-saltna biss bi *twelid ġdid* (Ġwanni 3:3), Imma nies fid-dar ta' Alla ( 1Pietru 2:6), il-knisja (1 Timotju 3:15), jintqal li huma *mwielda mill-ġdid* (1 Pietru 1:23). It-twelid mill-ġdid fis-saltna huwa "mill-ilma u l-Ispirtu" u "l-ilma" jirriferi għall-magħmudija (Atti 2:38,41,47; 1 Korintin 12:23).

Huma għandhom *l-istess qima*. Kif Hu waqqaf l-Ikla tal-Mulej, Ġesù qal,

> "*Iżda jien ngħidilkom: Minn issa 'l quddiem ma nixrobx minn dal-frott tad-dielja, sa dak in-nhar meta nixorbu ġdid magħkom fis-saltna ta' Missieri*" (Mattew 26:29)

Imma l-Ikla tal-Mulej li kellha tkun fis-saltna kienet fil-knisja (Atti 20:7; 1 Korintin 11:23-28).

It-tnejn għandhom *l-istess nies*. It-tnejn, is-saltna u l-knisja huma spiritwali; dawn mhumiex *postijiet*, imma *nies*. U huma magħmula mill-istess nies. Dawk li *kienu "fil-knisja ta' l-ulied il-kbar*" kienu "*kisbu s-saltna*" (Lhud 12:23,27). U Alla kien għamel is-seba' knejjes ta' l-Asja biex ikunu saltna (Rivelazzjoni 1:4-6).

## II. KIF INHI S-SALTNA?

Xi wħud jiddubitaw l-eżistenza preżenti tas-saltna għaliex huma ma jistgħux jaraw it-twettiq ta' profezija bħal "*u huma jaħdmu sjufhom f'sikek, u l-lanez tagħhom fi mnieġel.*" (Isaija 2:4) u "*l-lupu jgħammar mal-ħaruf*" (Isaija 11:6).

Il-problema tagħhom? Huma jonqsu milli jifhmu n-natura bażika tas-saltna, kif irrivelaha Ġesù meta qal:

> "*Is-saltna tiegħi mhix ta' did-dinja: kieku ta' did-dinja kienet is-saltna tiegħi, il-qaddejja*

*tiegħi kienu jissieltu, biex ma ningħatax f'idejn il-Lhud: imma issa s-saltna tiegħi mhix ta' hawn*" (Ġwanni 18:36).

## IS-SALTNA MIFHUMA ĦAŻIN

Il-Lhud taż-żmien ta' Ġesù fehmu ħażin il-missjoni Tiegħu. Huma ħasbu li Hu kien ġie biex iwaqqaf saltna tad-dinja, isaltan letteralment minn Ġerusalem kif kien għamel l-antenat Tiegħu David.

Dan il-kunċett ta' saltna tad-dinja wassal lil Erodi biex joqtol lit-trabi (Mattew 2:16). Din l-idea għamlet lil xi wħud biex jagħmluh sultan bil-forza (Ġwanni 6:15). Fit-tmiem ta' ħajtu, xi wħud ħasbu "*li s-saltna ta' Alla kienet sa tidher immedjatament*" (Luqa 19:11) u kif Ġesù daħal Ġerusalem huma għajtu "*Imbierek is-Sultan…*" (Luqa 19:38), bla dubju jemmnu li Hu kien se jneħħi lir-Rumani u jibda l-ħakma Tiegħu.

Il-Lhud akkużaw lil Ġesù bi tradiment fit-tiġrib Tiegħu, jgħidu li Hu kien stqarr li kien sultan f'oppożizzjoni għal Ċesri (Ġwanni 19:21). L-akkuża ma kinetx ġustifikata, imma l-fehma opposta hija illi kieku Ġesù kien għamel stqarrija bħal din il-Lhud *kienu probabbilment jaċċettawh!* Tabilħaqq, Ġesù kien imsallab *għaliex* is-saltna Tiegħu ma kinetx ta' did-dinja."

*Ukoll l-appostli Tiegħu fehmu ħażin!* Huma argumentaw dwar il-postijiet ta' unur fis-saltna (Mattew 20:20-28); huma ppruvaw biex jiddefendu lil Ġesù bix-xabla (Mattew 26:51-53); huma saħansitra naqsu li jifhmu n-natura spiritwali tas-saltna sal-mument meta Ġesù mar lura fis-smewwiet (Atti 1:6).

*U ħafna llum ukoll qed jifhmu ħażin*: Huma qegħdin iħarsu għal saltna tad-dinja. Imma is-saltna ta' Alla:

### *"MHIJIEX TA' DID-DINJA"*

***Is-Sultan "mhuwiex ta' did dinja"*.** Huwa Ġesù Kristu, "*is-sultan tas-slaten*" (Rivelazzjoni 17:14), li issa qiegħed isaltan fis-smewwiet (Atti 2:33). Is-saltna m'għandix kwartieri ġenerali tad-dinja, għax is-sultan tagħha *għandu "l-awtorità kollha*" kemm "*fis-sema kif ukoll fuq l-art*" Mattew 28:18).

***Is-sudditi tas-saltna "mhumiex ta' did-dinja."*** Dawn huma "*fid-dinja*" imma mhux "*tad-dinja*" (Ġwanni 17:14-17). Iċ-ċittadinanza tagħhom hija fis-smewwiet. L-appostlu Pawlu jgħid hekk:

> "*Għax iċ-ċittadinanza tagħna hi fis-sema; minn hemm ukoll aħna nistennew is-Salvatur, lil Sidna Ġesù Kristu*" (Filippin 3:20),

u, bħal l-eroj tal-fidi, huma "*jixtiequ pajjiż aħjar, jiġifieri, wieħed tas-sema*" (Lhud 11:16). Waqt li għandhom joqgħodu għall-mexxejja tad-dinja (Mattew 22:21; Rumani 13:1; 1 Pietru 2:17), l-impenn prinċipali tagħhom huwa lejn Kristu, is-Sultan tagħhom tas-smewwiet (Atti 5:29).

***It-territorju tas-saltna "mhuwiex ta' did-dinja."***

> "*U meta kien mistoqsi mill-Fariżej, meta tiġi s-saltna ta' Alla, weġibhom, u qal: 'Is-saltna ta' Alla ma tiġix bid-dieher: Lanqas ma jgħidu: Ara hawn! Jew, ara hemm! għax, ara, is-saltna ta' Alla hi ġo fikom*" (Luqa 17:20-21).

Ġesù ma jsaltanx fuq ċertu qasam ta' ġeografija, imma fuq il-qlub u l-ħajjiet tan-nies!

***Ir-regolamenti tas-saltna "mhumiex ta' did-dinja."*** Dawn ma jittrattawx ma' l-eżistenza fiżika tagħna, imma mal-prinċipji tal-ħajja spiritwali.

> "*Is-saltna ta' Alla mhix ikel u xorb; imma ħaqq, u sliem, u ferħ fl-Ispirtu s-Santu*" (Rumani 14:17).

***Il-kwalifiki għas-saltna "mhumiex ta' did-dinja".*** X'jikkwalifika persuna għas-saltna? *Mhux l-għana*. Ġesù qal:

> "*Eħfef li ġemel jgħaddi minn għajn ta' labra, milli raġel għani jidħol fis-saltna ta' Alla*" (Mark 10:25)

*Mhux l-għerf tad-dinja*. L-appostlu Pawlu jgħid:

"*Għax ma bagħatnix Kristu biex ngħammed, iżda biex inxandar l-evanġelju: mhux bi kliem il-għerf sabiex ma jiġix fix-xejn is-salib ta' Kristu.*" (1 Korintin 1:18-29; 2:1-5).

*L-attitudni ta' tifel żgħir* tikkwalifika persuna għas-saltna ta' Alla. Ġesu jgħidilna li:

"*Kull min ma jilqax is-saltna ta' Alla bħal tifel ċkejken b'xejn ma jidħol fiha*" (Luqa 18: 17).

*Il-Konverżjoni* tikkwalifika persuna għas-saltna ta' Alla. Ġesù jgħid:

"*Tassew ngħidilkom, jekk ma tikkonvertux, u ssiru bħal tfal żgħar, ma tidħlux fis-saltna tas-smewwiet*" (Mattew 18:3)

*It-twelid mill-ġdid* jikkwalifika persuna għas-saltna ta' Alla. Il-Mulej tagħna jgħid:

"*Jekk wieħed ma jitwelidx mill-ġdid, ma jistax jara s-saltna ta' Alla….Jekk wieħed ma jitwelidx mill-ilma u l-Ispirtu, ma jistax jidħol fis-saltna ta' Alla*" (Ġwanni 3:3-5).

*L-ubbidjenza għall-Kelma ta' Alla* tikkwalifika persuna għas-saltna ta' Alla. Ġesù dan jurih ċar fil-priedka tal-Muntanja:

"*Mhux kull min jgħidli: 'Mulej, Mulej', jidħol fis-saltna tas-smewwiet: imma dak li jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet*" (Mattew 7:21).

Jekk wieħed jonqos milli jkollu dawn il-kwalifiki allura dan ma jistax li jkun sudditu fis-saltna ta' Alla.

***It-tattiċi tas-saltna "mhumiex ta' did-dinja.***" Il-missjoni tagħha hija li tirbaħ lid-dinja (Danjel 2:44; Mattew 28:18-20; 13:31-33). Dan hija twettaq, mhux b'rebħa ta' l-armi (Ġwanni 18:36), imma billi sempliċiment tiżra' ż-żerriegħa tas-saltna

(Luqa 8:11), tgħallem il-Kelma ta' Alla! Kif tinfirex, is-saltna tikber ġewwa l-bnedmin, mingħajr ebda ġegħil jew b'saħħa.

***Il-valur tas-saltna "mhuwiex ta' did-dinja."*** Dan fil-fatt, jiswa *aktar* minn kull ħaġa oħra li l-bniedem għandu! (Mattew 13:44-45). Għalhekk Ġesù sewwa jeħtieġ li jpoġġi s-saltna Tiegħu qabel kollox!

> "*Iżda fittxu l-ewwel is-saltna ta' Alla, u l-ħaqq tiegħu; u dawn il-ħwejjeġ kollha jiżdidulkom*" (Mattew 6:33).

***Id-destin tas-saltna "mhuwiex ta' did-dinja."*** Saltniet tad-dinja fl-aħħar jaqgħu, imma s-saltna ta' *Alla "tibqa' għal dejjem.*" (Danjel 2:44; Luqa 1:33; Lhud 12:28). Fit-tmiem, is-saltna tkun mogħtija lil Alla (1 Korintin 15:24) u ċ-ċittadini tagħha jsaltnu ma' Kristu (Rivelazzjoni 3:21; 2 Timotju 2:12).

## KONKLUŻJONI

F'sommarju, ikkunsidra dawn il-konklużjonijiet dwar is-saltna ta' Alla:

Is-saltna ġiet fl-eżistenza fil-jum ta' Pentekoste wara t-tlugħ fis-sema ta' Kristu.

Is-saltna tal-profezija hija l-Knisja tat-Testment il-Ġdid.

Is-saltna "*mhijiex ta' did-dinja.*" Għalhekk, aħna m'għandniex nistennew li Kristu qatt isaltan fuq saltna fiżika fuq l-art.

Fis-saltna hemm il-barkiet KOLLHA li Kristu jipprovdi issa, inkluż l-*Unika* tama li għandna biex nidħlu fis-saltna!

Ma tridx int li tkun fis-saltna ta' Alla? Ċertament li trid, billi tifhem li fis-saltna biss hemm il-fidwa u l-maħfra tad-dnubiet (Kolossin 1:14). Ċertament li trid, billi int tifhem illi l-unika alternattiva hija li tkun fil-qawwa tad-dlam, is-saltna ta' Satana! (Kolossin 1:13). Daqs kemm u sabiħ li tkun ċittadin ta' pajjiżek, huwa bil-wisq aktar sabiħ li tkun ċittadin tas-Saltna ta' Alla!

*Imma kif tista' int tidħol fis-saltna?* Tabilħaqq ħaġa waħda biss hija meħtieġa: *Issottometti għal Kristu bħala s-Sultan u l-Awtorità finali tiegħek!* Meta Kristu jsir is-Sultan tiegħek, inti tidħol fis-saltna Tiegħu. Oqgħod għal kmandi Tiegħu u ssir

parti mis-saltna Tiegħu. Kun imwieled mill-ilma u l-Ispirtu (Ġwanni 3:5) billi tobdi l-kmand Tiegħu: *"Min jemmen u jitgħammed isalva."* (Mark 16:16).

Ġesù darba qal lil wieħed raġel, "Mintix 'il bogħod mis-saltna ta' Alla" Mark 12:34). Kemm tinsab 'il bogħod int mis-saltna ta' Alla? Forsi int lest/a biex tidħol, taċċetta lil Kristu bħala s-Sultan tiegħek billi tisma' u tobdi r-rieda Tiegħu.

Kemm jekk inti qrib jew 'il bogħod, ma tridx li "tinkurunah Sid tas-Sidjien" b'ħajtek billi tissottometti lilek innifsek għal kollox Għalih illum?

## IL-KNISJA U L-IMFIETAĦ (Mattew 16:15-19)

Ġesù wiegħed li fuq il-blata, il-verità li Hu 'l Kristu li Pietru kien stqarr, Hu kien se jibni l-knisja Tiegħu (Mattew 16:15-19). Ġesù wiegħed lil Pietru l-imfietaħ tas-saltna; dawn l-imfietaħ kienu mwiegħeda wkoll lil l-appostli kollha (ara Mattew 18:18). Fl-illustrazzjoni tal-knisja bħala bini mibni fuq pedament, Pietru (u l-appostli l-oħra) huwa rrappreżentat bħala dak li jkun fil-bieb, purtinar. "Imfietaħ" jissimbolizzaw awtorità. Dan kien ifisser illi hu, (Pietru), taħt il-gwida ta' l-Ispirtu s-Santu, jiddikjara l-kondizzjonijiet tad-dħul fil-knisja. In-nies ma kinux jistgħu jidħlu sakemm huma jgħaddu mill-bieb kif ipproklamat minn Kristu permezz ta' Pietru u l-appotli l-oħra kollha. Jekk "l-imfietaħ" m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-knisja, u dawn m'għandhomx jekk il-knisja u s-saltna huma żewġ taqsimiet differenti, għaliex il-Mulej tagħna semma l-imfietaħ u lil Pietru bħala l-purtinar meta tkellem dwar li jibni l-knisja Tiegħu?

Barra minn dan, l-appostlu Pietru **uża** l-imfietaħ fil-jum ta' Pentekoste biex jiddikjara l-Evanġelju lil-Lhud, u l-kondizz-jonijiet tad-dħul tagħhom fil-knisja jew saltna, għax hu tkellem dwar il-ħakma ta' Kristu fil-lemin ta' Alla (Atti 2:34-38, 40-41). Għaliex Kristu bagħat lil Pietru fid-dar ta' Kornelju biex jagħti prova li l-Lhud u l-Ġentili kellhom jidħlu fil-knisja mill-istess bieb tal-fidi fil u fl-accettar tal-grazzja ta' Alla? (Atti

15:7-11). Jekk il-premillenjalist hu tajjeb, Pietru qatt ma uża l-imfietaħ tas-saltna, u ma jużahomx sat-tieni miġja ta' Kristu u t-twaqqif tas-saltna f'dak il-waqt. Dan ċertament ikun żmien twil għal Pietru biex iġorr miegħu imfietaħ li għalihom hu ma jkollu l-ebda użu matul it-taqsima ta' l-Evanġelju!

Minn dan naraw kemm huwa falz it-tagħlim li Kristu se jwaqqaf saltna għal elf sena letterali fuq l-art. Dan huwa tagħlim tax-xjaten u mhux ta' Kristu kif sejrin inkomplu naraw!

## IS-SALTNA FIL-FUTUR JEW IMWAQQFA ISSA?

Ħalli issa naraw x'tgħid il-Kelma ta' Alla dwar is-saltna u dwar kif il-Mulej tagħna tkellem dwarha, u dwar kemm il-saltna hemm?

Jekk, u nerġa' nirrepeti, jekk aħna nħallu l-Kelma ta' Alla titkellem għaliha nfisha, allura m'għandu jkollna l-ebda diffikultà biex nifhmuha kif iridna li nifmuha Alla. Imma, jekk aħna

*nħalltu* magħha t-tagħlim u l-interpretazzjonijiet tal-bnedmin, allura ċertament li dak li aħna nifhmu ma jkun xejn ħlief it-tagħlim falz tal-bnedmin! Alla għandu saltna WAĦDA BISS! Imma x'inhu jiġri llum? Qegħdin nisimgħu li huwa tassew li aħna ninsabu fis-saltna ta' Alla, il-knisja, imma, meta Kristu jerġa' jiġi Hu jwaqqaf saltna f'Ġerusalem u jsaltan minn hemm għal elf sena. Dan hu tagħlim falz għal kollox u interpretazzjoni ħażina tal-Kelma ta' Alla li jġibu l-Kelma ta' Alla fix-xejn u jagħmlu lil l-Ispirtu s-Santu jikkontradixxi Lilu nnifsu! Ħalli naraw x'tgħid il-Kelma ta' Alla fuq is-saltna u nħallu lilha tinterpreta lilha nfisha.

1. **Mattew 3:1-2,**

> "*F'dawk il-jiem deher Ġwanni l-Battista jippriedka fid-deżert tal-Lhudija u jgħid: 'Indmu,* ***għax is-saltna tas-smewwiet qorbot***."

Minn dan naraw lis-saltna kienet għadha mhix imwaqqfa imma kienet fil-qrib.

2. **Mattew 4:23,**

> "*U dar il-Galilija kollha jgħallem fis-sinagogi* ***tagħhom ixandar l-evanġelju tas-saltna***."

Mistoqsija: **Liema** saltna? Ċertament li hija dik li naqraw dwarha f'Mattew 16:18-19; f'Kolossin 1:13 u f'Rivelazzjoni 1: 6, 9. Ma hemm ebda saltna oħra imsemmija fil-Bibbja li għad trid titwaqqaf! Kristu, bħala Sultan tas-Slaten għandu **saltna waħda** li l-liġi tagħha hija l-Kelma ta' Alla, iċ-ċittadini tagħha huma l-Kristjani u t-territorju tagħha hija d-dinja. L-appostlu Pawlu jgħid hekk dwar dan:

> "*Tassew li aħna ngħixu fid-dinja, imma ma nissarawx bl-armi tad-dinja; l-armi tagħna għall-ġlied m'humiex tad-dinja; iżda għandhom il-qawwa ta' Alla biex iġarrfu l-fortizzi. Aħna nwaqqgħu kull raġunament u kull kburija li tqum kontra l-għarfien ta' Alla u njassru*

*kull ħsieb għal l-ubbidjenza lil Kristu*" (2 Korintin 10:3-5).

Bit-tagħlim falz tal-millenjalisti dak kollu li naqraw dwar is-saltna l-waħda jiġi fix-xejn!

3. **Mattew 6:9-10**,

Meta wieħed mid-dixxipli qal lil Ġesù: "Mulej, għallimna nitolbu…" Ġesù qlilhom hekk:

"*Missier, jitqaddes ismek,* ***tiġi saltnatek***" (Luqa 11:1-2).

Mistoqsija: Għal **liema** saltna huma kellhom jitolbu biex tiġi? Suppost li saltna **waħda** hemm! (Ara Efesin 1:22-23; Kolossin 1:18; Efesin 4:4-6; Mattew 16: 18-19). Ma ninsewx lis-saltna hija l-knisja (Mattew 16:18-19; Kolossin 1:13; Rivelazzjoni 1:6, 9). Is-saltna ġiet u aħna, bħala Kristjani tat-Testment il-Ġdid ninsabu fiha (Kolossin 1:13).

4. **Mattew 16:19,**

Il-Mulej qal lil l-appostlu Pietru,

"*Jiena nagħtik l-imfietaħ* ***tas-saltna*** *tas-smewwiet…*"

Ċerament li Pietru wżahom l-imfietaħ tas-saltna **f'ħajtu** inkel-la x'kien ikun l-iskop li Ġesù jgħidlu li se **jibni** l-knisja Tiegħu u **jagħtih** l-imfietaħ tas-saltna li kieku ma kienx se jużahom f'ħajtu! Pietru użahom f'Atti 2 u l-bibien tas-saltna nfetħu għal kulħadd. Taqbel int ma' dan?

5. **Mattew 18:1-4,**

"*F'dak il-waqt resqu d-dixxipli lejn Ġesù u staqsewh: "Mela min hu l-akbar* ***fis-saltna*** *tas-smewwiet?" Hu sejjaħ lejh tifel ċkejken, qiegħdu f'nofshom u qalilhom, "Tassew ngħidilkom, li jekk* ***intom*** *ma terġgħux issiru bħat-tfal iż-żgħar, żgur li ma* ***tidħlux fis-saltna*** *tas-smewwiet. U għalhekk l-ikbar wieħed*

*FIS-SALTNA tas-smewwiet huwa DAK li jċekken lilu nnifsu bħal dan it-tfajjel żgħir.*"

Mistoqsija: Dwar **liema** saltna kien qiegħed jitkellem Ġesù? Kif diġà rajna, hemm saltna **waħda** u mhux tnejn! (Efesin 4:4). Dawk li lilhom Ġesù kellem, x'kellhom jagħmlu biex **jidħlu fis-saltna**? Minn dawk in-nies kien hemm **min daħal fis-saltna** li dwarha Ġesù kien qiegħed jitkellem, *u dawn kienu Lhud, ukoll*!

6. **Ġwanni 3:3, 5** - Ġesù lil Nikodemu:

"*Tassew, tassew ngħidlek, li, jekk wieħed ma jitwilidx mill-ġdid, ma jistax jara* ***s-saltna ta' Alla****....Tassew, tassew ngħidlek, li, jekk wieħed ma jitwilidx mill-ilma u l-Ispirtu, ma jistax JIDĦOL* ***fis-saltna ta' Alla****.*"

Jekk Nikodemu għamel dak li Ġesù qallu biex jagħmel, **daħal hu fis-saltna** li dwarha kien qiegħed jitkellem Ġesù? Ċertament li daħal inkella Ġesù qarraq bih!

7. **Ġwanni 4:19-24** – Ġesù u l-mara Samaritana:

"*Qaltlu l-mara: "int profeta, Sinjur, milli qiegħda nara. Missirijietna kienu jaduraw lil Alla fuq din il-muntanja; imma intom tgħidu li l-post fejn wieħed għandu jadura lil Alla* ***jinsab f'Ġerusalem****." Qalilha Ġesù: Emminni, mara: jiġi żmien meta mhux fuq din il-muntanja taduraw lill-Missier,* ***ANQAS F' ĠERUSALEM****. Intom taduraw lil dak li ma tafux; aħna naduraw lil dak li nafu, għax is-salvazzjoni ġejja mil-Lhud. Imma tiġi siegħa,* ***anzi issa hi****, meta dawk li tassew jaduraw jibdew jaduraw lill-Missier fl-ispirtu u l-verità. Għax il-Missier ukoll, nies bħal dawn ifittex li jadurawh. Alla huwa spirtu, u dawk li jadurawh għandhom jadurawh FL-ISPIRTU u l-verità.*"

Kien Ġesù qiegħed jitkellem dwar saltna li huma ma kinux jistgħu jidħlu fiha minħabba li din kienet se titwaqqaf wara t-tieni miġja ta' Kristu? Hemm saltna waħda biss ta' Alla! "Ġisem **wieħed** hemm" il-knisja jew is-saltna (Efesin 4:4). Ċertament li Ġesù ma kienx qiegħed jirriferi għal xi **saltna oħra** u mhux dik diġà mwaqqfa llum!

**"ANQAS F'ĠERUSALEM."** U mbagħad il-Millenjalisti jgħidulna li Ġesù *se jerġa' jwaqqaf is-saltna tiegħu **f'Ġerusalem***! Rega' Ġesù lura minn Kelmtu f'Rivelazzjoni 20? Ġesù qal lis-siegħa "**issa hi**" u mhux wara l-miġja Tiegħu! Il-Kelma ta' Alla tgħidlina li:

> "*Alla mhux l-awtur tat-taħwid, iżda tas-sliem.*" (1 Korintin 14:33).

Allura se jerġa' jiġi ż-żmien li naduraw f'Ġerusalem u tispiċċa l-adorazzjoni "fl-ispirtu u l-verità"? Żgur li le! Fi kliem l-aktar ċar Ġesù qal lill-mara Samaritana li "*anqas f'Ġerusalem*" li "*issa*" u mhux fil-millenju! Minn dan il-kliem tal-Mulej wieħed għandu jinduna kemm huwa falz it-tagħlim tal-millenjalisti!

> "*Ġesù Kristu hu dak li kien, fl-imgħoddi, issa u għal dejjem*" (Lhud 13:8).

Ġwanni jgħid f'Rivelazzjoni 20:4, 6:

> "*...U bdew igħixu u jsaltnu ma' Kristu għal elf sena....imma jkunu qassisin ta' Alla u ta' Kristu, u jsaltnu miegħu matul l-elf sena.*"

Jekk mhux hekk, allura l-Iskrittura tikkontradixxi lilha nfisha!

**8. Kolossin 3:1-2,**

> "*Jekk intom irxuxtajtu ma' Kristu, **fittxu l-ħwejjeġ tas-sema, fejn Kristu qiegħed** fuq il-lemin ta' Alla. **Aħsbu fil-ħwejjeġ tas-sema, mhux f'dawk ta' l-art**.*"

Mela għalfejn *naħseb f'saltna ta' l-art* meta l-Kelma ta' Alla tgħidilna ċar ħafna liċ-"**ċittadinanza tagħna hi fis-sema**? (Filippin 3:20). U "tagħna" tapplika għal-Lhud ukoll mhux tal-

lum biss imma għal dawk kollha li jkunu hawn sa ma jiġi Kristu! Kien hemm ħafna Lhud li daħlu fis-saltna billi semgħu u emmnu u tgħammdu għall-maħfra ta' dnubiethom skond l-Evanġelju ta' Kristu (ara Atti 2:36-47; 17:4, 10-12; 18:24-28; 19:10-20 u oħrajn).

**9. Kolossin 1:12-13**,

> "*Ifirħu u roddu ħajr lill-Missier, li għamilkom denji li tissieħbu fil-wirt tal-qaddisin FIS-SALTNA tad-dawl. Ħelisna mill-ħakma tad-dlam u **DAĦĦALNA** FIS-SALTNA ta' Ibnu l-maħbub.*"

"*Saltna tad-**dawl***" – Hija din l-istess saltna li hija msejħa fl-Iskrittura bħala "i*s-Saltna ta' **Alla***"? Ħalli nħallu l-Kelma ta' Alla tinterpreta din il-frażi għalina għaliex ukoll din il-millenjalisti jippruvaw biex jagħtuha interpretazzjoni oħra! "Saltna tad-dawl." "Saltna ta' Alla." "Saltna ta' Kristu." Is-saltna ta' Alla. **Min** Hu Alla? **X'inhu** Alla? Naqraw fl-1 Ġwanni 1:5:

> "*Din hi l-aħbar li smajna mingħandu u li qegħdin inxandrulkom; li ALLA HU DAWL, u ebda dlam ma hemm fih.*"

Mela għaliex "is-saltna tad-dawl" u mhux "is-saltna ta' Alla"? Jekk Alla Hu dawl allura ma tfissirx **l-istess** ħaġa? Ara wkoll Ġwanni 1:1-10. Huma "s-saltna ta' Alla" u "s-saltna ta' Kristu" l-istess saltna jew żewġ saltniet differenti? L-appostlu Pawlu jagħtin t-tweġiba:

> "*Għax dan kunu afu: li ebda żieni jew faħxi jew rgħib—li hu idolatra—ma jkollu wirt fis-saltna ta' Kristu u ta' Alla*" (Efesin 5:5).

Is-saltna **l-waħda** li dwarha naqraw fil-Kelma ta' Alla hija ta' Kristu u ta' Alla, l-istess saltna u mhux żewġ saltniet!

10. **Rumani 14:17,**

> *"Is-saltna ta' Alla **m'hijiex** ikel u xorb, imma hi ġustizzja, u sliem, u grazzja fl-Ispirtu s-Santu.*

Ċertament li mhix tad-dinja la m'hijiex "ikel u xorb"! U lanqas ma tkun 'il quddiem!

**11. Pietru 2:9-10,**

> *"Imma intom ġens maħtur, saċerdozju RJALI, nazzjon qaddis, **poplu li Alla kiseb għalih**, biex ixxandru t-tifħir ta' dak li sejħilkom **mid-dlam għad-dawl tiegħu** ta' l-għaġeb. Intom darba ma kontux poplu, ISSA SIRTU L-POPLU TA' ALLA, intom li darba ma kontux issibu ħniena, issa sibtu l-ħniena"* (ara wkoll **Kolossin 1:12-13**).

"Saċerdozju rjali." Għaliex "irjali"? Għaliex aħna "*saltna ta' qassisin*" (Rivelazzjoni 1:6). "*Poplu li Alla kiseb għalih.*" Huwa dan il-"poplu" il-poplu Lhudi jew il-Kristjani kollha, kemm Lhud u kemm Ġentili? It-tweġiba nafuha tajjeb! (ara Galatin 3:26-29; Rumani 2:28-29; eċċ.)

**12. 2 Korintin 10:3-5,**

> *"Tassew li aħna ngħixu fid-dinja, **imma ma nissarawx bl-armi tad-dinja**; l-armi tagħna għall-ġlied **m'humiex tad-dinja**; iżda għandhom il-qawwa ta' Alla biex iġarrfu l-fortizzi. Aħna nwaqqgħu kull raġunament u kull kburija li tqum kontra l-għarfien ta' Alla u njassru kull ħsieb għall-ubbidjenza lil Kristu."*

Sejrin 'il quddiem "nissaraw bl-armi tad-dinja" u l-armi tagħna se jkunu "tad-dinja" għal elf sena? Hekk jemmnu l-millenjalisti! Il-Mulej hawn jgħidilna permezz ta' Pawlu li "*aħna nwaqqgħu kull raġunament u kull kburija li tqum kontra l-għarfien ta' Alla u njassru kull ħsieb għall-ubbidjenza lil Kristu.*" **Il-kburija** hija l-kawża ta' dan it-tagħlim falz kollu

dwar li Kristu se jiġi biex iwaqqaf saltna fuq l-art, f'Ġerusalem għal elf sena! Minn dan naraw kemm il-bniedem bl-interpretazzjonijiet foloz tiegħu jagħmel il-Kelma ta' Alla tikkontradixxi lilha nfisha! Dawn il-versi għandhom ikunu biżżejjed biex wieħed jumilja lilu nnifsu u jaċċetta l-Kelma ta' Alla dwar dan is-suġġett u jemmen lill-Mulej u mhux lill-bniedem! Ara li jmiss u ddeċiedi dwar min qiegħed jikkontradixxi lilu nnifsu, jekk hux Ġesù jew l-għalliema foloz li qegħdin iqarrqu bin-nies permezz tat-tagħlim falz tagħhom.

**13. Ġwanni 18:36,**

> "*Wieġeb Ġesù:* "***Is-saltna tiegħi m'hijiex ta' din id-dinja***. ***Li kieku saltnati kienet ta' din id-dinja***, *l-għases tiegħi kienu jiġġieldu biex ma ningħatax f'idejn il-Lhud;* ***imma tabilħaqq saltnati m'hijiex ta' hawn***."

Reġa' Ġesù **biddel** fehemtu u se jerġa' jwaqqaf saltna meta Hu jerġa' jiġi, **fuq l-art f'Ġerusalem?** "Li kieku" qal Ġesù. Li kieku Saltnatu kienet skond il-millenjalisti, kieku l-għases Tiegħu kienu jiġġieldu. Taf int li hekk jgħallmu l-millenjalisti? F'Efesin 6:10-17 naqraw li l-armi tas-saltna huma **spiritwali**:

> "*Mill-bqija, twettqu fil-Mulej u ssaħħu bil-qawwa tiegħu. Ilbsu l-armatura ta' Alla biex tkunu tifilħu tieqfu għat-tnassis tax-xitan. Għax il-ġlieda tagħna mhijiex kontra d-demm u l-laħam, imma kontra s-setgħat, kontra l-qawwiet, kontra l-prinċipati ta' din id-dinja ta' dlamijiet, kontra l-ispirti ħżiena li jgħammru fil-wisa' tas-smewwiet. Għalhekk ħudu fuqkom l-armatura ta' Alla, ħalli tkunu tistgħu tieqfu fi żmien il-ħażen u, wara li tkunu għamiltu ħilitkom kollha, iżżommu weqfin. Żommu sħiħ, mela, ħażżmu ġenbejkom bil-ħeġġa ta' l-Evanġelju tas-sliem; ħudu f'idejkom it-tarka tal-fidi, li biha tistgħu titfu l-*

*vleġġeġ kollha tan-nar tal-ħażin; ilbsu l-elmu tas-salvazzjoni u aqbdu x-xabla ta' l-Ispirtu li hi l-Kelma ta' Alla.*"

Bl-akbar rispett lejn il-Kattoliċi, huma wkoll, illum, għalkemm jemmnu lis-saltna hija l-knisja, imma ħares lejn il-Vatikan fejn hemm tara suldati jew gwardji bl-uniformi u bil-lanez eċċ. jgħassu lil papa. Dan hu kollu kuntrarju għal dak li tgħid il-Kelma ta' Alla. Il-millenjalisti bit-twemmin tagħhom ta' saltna ta' elf sena fuq l-art qegħdin jagħmlu u jgħallmu l-istess ħaġa. L-appostlu Pawlu semma armatura, tarka, elmu u xabla. Temmen int li dawn huma materjali jew spiritwali? Ħafna jemmnu u jgħallmu li matul l-elf sena dawn ikunu materjali kif fil-fatt qegħdin narawhom fil-Vatikan ukoll illum! Kemm huma żbaljati! Jew Saltnatu *m'hijiex ta' din id-dinja* jew **se tkun** ta' din id-dinja fil-futur! Lest int li tgiddeb lill-Mulej? Ħafna llum huma dawk li jgiddbuh u jwasslu lil oħrajn biex jaċċettaw it-tagħlim falz u t-teoriji foloz tagħhom! Imma tinsiex it-twissija ta' Efesin 5:6.

14. **1 Korintin 15:50,**

"*Dan ngħidilkom, ħuti; id-demm u l-**laħam ma jistgħux jirtu s-saltna ta' Alla; lanqas in-nuqqas ta' taħsir**.*"

Jekk "*id-demm u l-laħam* ***ma jistgħux*** *jirtu s-saltna ta' Alla;* ***lanqas*** *in-nuqqas ta' taħsir*" kif mela, skond il-millenjalisti, is-saltna se tkun imwaqqfa mill-ġdid fuq l-art fejn "id-demm u l-laħam u n-nuqqas ta' taħsir" **jirtuha**? Minn dan wieħed għandu jara kemm huwa jista' jinduna meta jħalli l-Kelma ta' Alla tinterpreta lilha nfisha kemm huwa falz it-tagħlim tal-millenjalisti! Jew id-demm u l-laħam u n-nuqqas ta' taħsir ma jistgħux jirtuha jew inkella jistgħu. Xi ħadd huwa żbaljat! Jew il-Kelma ta' Alla jew il-millenjalisti! Min taħseb int li huwa żbaljat?

15. **Lhud 12:28-29,**

"*Mela roddu ħajr lil Alla għax AĦNA ĦAD-NA SALTNA* ***li ma titħarrikx****; u nagħtuh il-*

*qima li tixraqlu, bil-ġieh u bil-biża'. Għax Alla tagħna hu nar qerriedi.*"

Jew "*ħadna s-saltna li ma titħarrikx*" jew għad titħarrek u għad irridu neħduha għal elf sena fuq l-art, f'Ġerusalem? B'hekk wieħed jista' jkun jaf xi tfisser l-elf sena ta' Rivelazzjoni 20. Jekk din tfisser kollox ċertament li ma tfissirx li Kristu se jerġa' jsaltan fuq l-art għal elf sena letterali! Is-saltna li ħadna "*ma titħarrikx.*" Dan **Alla** qiegħed jgħidu u mhux il-bniedem! **Il-bniedem** jgħid lis-saltna se titħarrek u se terġa' tkun imwaqqfa "fuq l-art" għal elf sena letterali! Għandek għażla hawn int bejn dak li **"jgħid Alla u dak li jgħid il-bniedem."** X'se tagħżel int?

16. **Danjel 2:44,**

"*U fi żmien dawk is-slaten, iqajjem Alla tassema* ***saltna,*** *li qatt ma titwaqqa';* ***saltna li ma titħalliex għal poplu ieħor;*** *iżda hi tfarrak u teqred dawn is-saltniet kollha, U HI TIBQA' GĦAL DEJJEM.*"

"Saltna li qatt ma titwaqqa'." Għaliex? "Saltna li ma titħalliex għal poplu ieħor." Għaliex? "U hi tibqa' għal dejjem." Għaliex? Tweġiba: Għaliex din is-saltna hija l-unika saltna li Alla waqqaf u **qatt aktar** mhu se jkun hemm saltna oħra fuq l-art! Din is-saltna hija magħmula minn Kristjani mill-ġnus kollha u mhux se jkun hemm saltna oħra li hija, skond il-millenjalisti, "imħollija għall-poplu ieħor," dak Lhudi, għal elf sena! Dan huwa kollu tagħlim falz u mhux tal-Mulej! Tassew li "*x-xitan qisu ljun igħajjat, idur u jfittex 'il min se jibla*'" (1 Pietru 5:8) u sfortunatament qiegħed jibla' ħafna nies bit-tagħlim falz tiegħu u li jniżżel lill-Mulej ta' kulħadd minn fuq it-tron Tiegħu fis-smewwiet għal fuq tron materjali li jitħassar fuq l-art!

17. **Danjel 7:18,**

*"Iżda l-qaddisin ta' l-Għoli jieħdu s-saltna, u jżommu s-saltna **GĦAL DEJJEM, U GĦAL DEJJEM TA' DEJJEM**."*

**"Għal dejjem, u għal dejjem ta' dejjem"** aħna ħadna s-saltna. Temmnu dan int? Jew temmen li għad ikun hemm żmien fejn Alla jwaqqaf saltna fuq l-art, f'Ġerusalem, għal elf sena? Jekk temmen dan allura dak li qal Alla permezz ta' Danjel, jiġifieri, "**għal dejjem, u għal dejjem ta' dejjem**" ma jfisser xejn! Ifisser "**għal dejjem, u għal dejjem ta' dejjem**" li **m'hijiex** "**għal dejjem u għal dejjem ta' dejjem**?" Jekk is-saltna se tkun imwaqqfa mill-ġdid meta Kristu jerġa' jiġi allura s-saltna li qegħdin fiha m'hijiex "**għal dejjem u għal dejjem ta' dejjem**." Jekk is-saltna se tkun imwaqqfa għal elf sena, allura, hawn ukoll is-saltna ma tkunx "**għal dejjem u għal dejjem ta' dejjem**" għaliex meta l-elf sena jispiċċaw is-saltna tispiċċa wkoll!

18. **Danjel 7:27,**

*"Is-saltna u s-setgħa u l-kobor tas-saltniet ta' taħt is-smewwiet kollha jingħataw lill-poplu tal-qaddisin ta' Alla, l-Għoli. SALT-NATU **SALTNA GĦAL DEJJEM**, u kull setgħa taqdih u tisma' minnu."*

"Saltnatu **saltna għal dejjem**" Għal darb'oħra, tfisser "għal dejjem" li mhijiex dejjem? Jekk Kristu **se jerġa'** jsaltan fuq l-art għal elf sena letterali allura "**għal dejjem**" tfisser "**mhux għal dejjem**"! Temmnu dan int? Dan għandu jkun biżżejjed biex juri kemm huma żbaljati l-millenjalisti fit-tagħlim tagħhom! Tinsiex li "*Alla mhux l-awtur tat-taħwid, iżda tas-sliem*" (1 Korintin 14:33).

19. **Luqa 1:30-33,**

*"U qalilha l-anġlu: La tibżax, Marija: għax int sibt grazzja quddiem Alla. U, ara, int tnissel f'ġufek, u tiled iben, u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir, u jissemma Bin il-Għoli: u l-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' missieru David: **U***

*JSALTAN GĦAL DEJJEM fuq id-dar ta' Ġakobb; U GĦAL SALTNATU MA JKUNX HEMM TMIEM.*"

Jew is-**saltna** hija "**għal dejjem**" jew mhijiex! Jew "**għal salt-natu ma jkunx hemm tmiem**" jew ikun hemm tmiem wara li l-elf sena jintemmu! Fil-Jum ta' Pentekoste, Pietru ddikjara li l-wegħda ta' Alla lil David kienet twettqet fil-qawmien u fit-tlugħ fis-sema ta' Ġesù Kristu fl-id il-leminija tat-tron ta' Alla (Atti 2:30-34). Is-saltna hija **spiritwali**. Ġesù **irrifjuta** milli jħalli lin-nies li jagħmluh sultan wara li tema' l-ħamest elef ruħ (Ġwanni 6:14-15). Ġesù qal lil Pilatu: "*Is-saltna tiegħi **mhi-jiex ta' din id-dinja**.*" (Ġwanni 18:36). Tmiem is-saltna *fuq l-art* jasal mhux wara l-elf sena imma meta Ġesù Kristu jerġa' jiġi mhux biex iwaqqaf saltna għal elf sena imma biex "jerħi s-saltna lill-Missier" (1 Korintin 15:24). Hawn l-appostlu Pawlu kien qiegħed jirriferi *għall-fażi tad-dinja* tas-saltna. Is-saltna hija għal dejjem imma l-fażi tagħha fid-dinja tiġi fit-tmiem meta Kristu jerġa' jiġi u jerħi s-saltna lill-Missier. Pietru wkoll għamel riferenza għal dan meta qal,

> "*U hekk ikollkom miftuħ beraħ quddiemkom il-bieb tad-**dħul fis-saltna ta' dejjem** ta' Sidna u s-Salvatur tagħna Ġesù Kristu*" (2 Pietru 1:11).

**20. Mattew 13**. Dan il-kapitlu kollu jitkellem dwar is-saltna **waħda** ta' Alla. Tmien parabboli semma l-Mulej biex aħna nifhmu sewwa x'inhi s-saltna u xorta ħafna llum għadhom ma jridux li jifhmu!

21. **Ġwanni 5:36** – Ġesù jkellem lil-Lhud:

> "*Iżda jien għandi xhieda akbar minn dik ta' Ġwanni: għax l-egħmejjel **li bagħtni ntemm** Missieri, jiġifieri dawn l-istess egħmejjel li jiena qiegħed nagħmel, **jixhdu għalija** li kien il-Missier li bagħatni.*"

"Jixhdu għalija." X'jixhdu? Jixhdu lix-xogħol li l-Missier ta' lil Kristu biex jagħmel **kien mitmum**. Jekk Kristu għad irid isaltan għal elf sena, kif Ġesù kien jista' jgħid hawn li Hu kellu jtemm ix-xogħol li l-Missier bagħatu jagħmel? Temmen int li Ġesù temm ix-xogħol li l-Missier bagħtu jagħmel jew temmen li għad għandu elf sena xogħol oħra x'jagħmel fuq l-art?

**22. Mark 1:14-15,**

> "*IŻ-ŻMIEN HUWA MITMUM, U S-SALTNA TA' ALLA* ***WASLET****, indmu u emmnu fil-Bxara t-tajba.*"

"Emmnu fil-Bxara t-Tajba." Ma hemm ebda triq oħra ħlief permezz tal-Bxara t-Tajba li wieħed jista' jsalva u jidħol fis-saltna, kemm jekk dan ikun Lhudi u kemm jekk le!

**23. Ġwanni 17:4,**

> "*Jien igglorifikajt lilek fuq l-art billi tem-mejt ix-xogħol li tajtni nagħmel. U issa, Missier, igglorifika lili għandek, bil-glorja li kelli miegħek qabel ma kienet id-dinja.*"

Ġesù qal: "*...**fuq l-art** billi **temmejt** ix-xogħol li tajtni nagħmel...*" Jekk Kristu għandu jerġa' jiġi "**fuq l-art**" biex iwaqqaf saltna għal elf sena letterali, allura dak li Kristu qal, jiġifieri, "...**fuq l-art billi temmejt ix-xogħol li tajtni nagħmel**" huwa żbaljat għal kollox għaliex ikun għad baqagħlu żmien mhux ħażin, elf sena oħra xogħol "**fuq l-art**," skond il-millenjalisti! Lil min temmen inti, lill-Mulej jew lill-bnedmin? Tinsiex x'qalu Pietru u Ġwanni f'Atti 5:29:

> "*Jeħtieġ li nobdu lil Alla aktar milli 'll-bnedmin.*"

**24. Lhud 1:8,**

> *"Imma għal l-Iben igħid "It-Tron tiegħek, O Alla, **għal dejjem ta' dejjem**, ix-xettru tal-ġustizzja hu x-xettru **ta' saltnatek**."*

"Xettru ta' **saltnatek**" u "**għal dejjem ta' dejjem**." Sejjer Ġesù jwaqqaf mill-ġdid it-tron tiegħu fuq l-art f'Ġerusalem għal elf sena? It-tron ta' liema saltna? U "**għal dejjem ta' dejjem**" jew **sa ma** jerġa' jiġi? Min hu korrett hawn, il-millenjalisti jew l-Ispirtu s-Santu?

**25. Ġwanni 19:30,**

> *"Kif Ġesù ħa l-ħall, qal: "**KOLLOX HU MITMUM!**" Imbagħad mejjel rasu u radd ruħu."*

Temmen int li "KOLLOX HU MITMUM"? Jew temmen it-tagħlim falz li Kristu **għadu ma temmx kollox**? Tinsiex x'tgħidilna l-Kelma ta' Alla permezz ta' l-eżempju ta' Pietru u Ġwanni f'Atti 5:29 li:

> *"Jeħtieġ nobdu **aktar** lil Alla milli 'll-bnedmin"*

26. Ħalli issa nqabblu dak li jgħid il-Mulej ma' dak li jgħidu l-għalliema u l-profeti foloz moderni:

- Il-Mulej jgħid lis-"**saltna hi għal dejjem u għal dejjem ta' dejjem**" (Danjel 7:8).
- Il-Mulej jgħid li "s-saltna tiegħi **m'hijiex** ta' din id-dinja" (Ġwanni 18:36).
- Il-Mulej jgħid: "U għal saltnatu **ma jkunx hemm tmiem**" (Luqa 1:30-31).
- Il-Mulej jgħid li "**anqas f'Ġerusalem**" ma jadurawh (Ġwanni 4:21, 24).
- Il-Mulej jgħid liż-"**żmiem huwa mitmum**." (Mark 1:14-15).
- Il-Mulej jgħid li dak kollu li "nkiteb fuqu fil-Liġi ta' Mosè, fil-profeti, u fis-salmi: **seħħ** (Luqa 24:27, 44-45).

- Il-Mulej jgħid li Hu "**temm** ix-xogħol li tajtni nagħmel" (Ġwanni 17:4).
- Il-Mulej jgħid li "**kollox hu mitmum**" (Ġwanni 19:30).
- Il-Mulej jgħid: "Jaqblilkom li jiena mmur: għax jekk ma mmurx, l-Avukat ma jiġix għandkom; iżda jekk immur, nibagħtulkom. U meta jiġi hu, juri li d-dinja għandha ħtija għad-dnub, għall-ħaqq, u għall-kundanna" (Ġwanni 16:7-8).
- Il-Mulej jgħid li meta jerġa' jiġi "Hu se **jagħti** lura s-saltna lill-Missier." (1 Korintin 15:28).

27. Imma l-millenjalisti f'dawn kollha jgiddbuh lill-Mulej!
    - Huma jgħidu lis-saltna **mhijiex** għal dejjem għaliex għad trid titwaqqaf fuq l-art għal elf sena letterali!
    - Huma jgħidu lis-saltna hi **ta' din id-dinja** għaliex se tkun imwaqqfa fuq l-art għal elf sena letterali!
    - Huma jgħidu li "għal saltnatu **hemm tmiem**" għaliex din għad trid terġa' tibda fuq l-art għal elf sena letterali u wara l-elf sena din tispiċċa!
    - Huma jgħidu li mhux talli "**anqas f'Ġerusalem**" imma hemm elf sena oħra f'Ġerusalem fejn issir l-adorazzjoni fuq l-art!
    - Huma jgħidu liż-żmien **mhuwiex** mitmum għaliex għad baqa' elf sena oħra fuq l-art!
    - Huma jgħidu li dak li hemm "fil-liġi ta' Mosè, fil-profeti, u fis-salmi" **għadu ma seħħx**!
    - Huma jgħidu li "l-Mulej **ma temmx** ix-xogħol li tah Alla" għaliex **għad baqagħlu elf sena** oħra xogħol x'jagħmel fuq l-art f'Ġerusalem!
    - Huma jgħidu li mhux veru, **mhux** "kollox hu mitmum" għaliex għad baqa' t-twaqqif tas-saltna f'Ġerusalem għal elf sena oħra!
    - Il-millenjalisti jgħidu li meta Kristu jerġa' jiġi Hu jiġi biex isalva lil Iżrael kollu, imma huma jwarrbu l-kliem ta' Ġesù li l-miġa ta' l-Ispirtu s-Santu tikkonċerna s-salvazzjoni (Ġwanni 16:8) u li l-miġja viżibbli ta'

Kristu ma tkunx biex isalva lill-bnedmin għaliex dak huwa x-xogħol ta' L-Ispirtu s-Santu fit-taqsima preżenti! It-tieni miġja ta' Kristu tkun biex jagħmel ħaqq u biex isaltan, mhux għal elf sena imma għal l-eternità!

- Huma jgħidu li meta Kristu jerġa' jiġi **mhux** se "jagħti lura s-saltna lill-Missier" imma **se jwaqqaf** saltna fuq l-art!

28. Ħalli aħna ngħidu ma' l-appostlu Pawlu:

> "*Ħa jkun jaf kulħadd li Alla hu sinċier u **kull bniedem giddieb**…*" (Rumani 3:4).

Hemm żewġ toroq biss: dik tal-verità u dik tal-qerq. Liema waħda se taqbad int? Ma' liema naħa tagħmel int? Ma dik li "*Alla jgħid*" jew ma' dik li "*intom tgħidu*" (Mattew 15:4, 5)? Ma tistax tkun mat-tnejn, ma' waħda jew ma' l-oħra! Waħda twassal għall-ħajja ta' dejjem u dik tal-millenjalisti twassal għall-kundanna ta' dejjem!

## QIEGĦED ĠESÙ JSALTAN ILLUM JEW LE?

1. **1 Timotju 6:13-16,**

> "*Nwissik quddiem Alla li jagħti l-ħajja lill-ħlejjaq kollha, u quddiem Kristu Ġesù li xehed u għamel l-istqarrija sabiħa quddiem Ponzu Pilatu. Nwissik biex tħares il-liġi u*

*żżomm ruħek bla tebgħa u bla ħtija sa jum id-dehra ta' Sidna Ġesù Kristu, li għad juriha f'waqtha. Dak li hu hieni u waħdu setgħani, is-**SULTAN TAS-SLATEN** u s-Sid tas-sidien, li hu biss ma jmut qatt u jgħammar f'dawl li ħadd ma jista' jersaq lejh, hu li ebda bniedem qatt ma rah u anqas jista' jarah. Lilu ġieħ u setgħa għal dejjem! Amen.*"

Ċertament li skond din is-silta Ġesù Kristu HU SULTAN! Jista' Ġesù jkun Sultan mingħajr saltna? Kristu jsaltan fis-smewwiet għaliex it-tron ta' David qiegħed fis-smewwiet, u issa Kristu qiegħed isaltna fuq it-tron ta' David (Ara Salm 89:35-37; Luqa 1:33; Atti 2:29-36). Ara wkoll Rivelazzjoni 17:14; Rivelazzjoni 19:16.

"*Alla kellem fl-imgħoddi lil missirjietna bil-profeti*" (Lhud 1:1).

Il-Kelma ta' Alla hija vera; għalhekk, hija tarmonizza magħha nfisha. Il-profeziji tat-Testment il-Qadim, inkluż dawk li wrew lejn il-Messija u l-ħakma tiegħu, huma parti mill-Kelma Tiegħu tal-verità; għalhekk, huma wkoll jarmonizzaw waħda ma' l-oħra. Jekk il-mod tagħna ta' interpretazzjoni tal-profeziji jirriżulta fi profezija waħda tikkontradixxi profezija oħra, aħna nafu li nkunu interpretajna b'mod ħażin waħda jew possibbilment iż-żewġ profeziji. Aħna għandna nfittxu l-interpretazzjonijiet li joħorġu l-armonija tat-Testment il-Qadim miegħu nnifsu, kif ukoll mat-Testment il-Ġdid. Waqt li nittrattaw ma' l-armonizzar tat-Testment il-Qadim miegħu nnifsu, ħalli nikkonsidraw xi siltiet li jitkellmu dwar is-saltna.

*L-ewwel*, kien ipprofetizzat li Kristu jsaltan fuq it-tron ta' David (2 Samwel 7:12-16; Atti 2:30). *It-tieni*, kien ipprofetizzat li Kristu kellu jaħkem fis-smewwiet fuq l-id il-leminija ta' Alla (Salm 110:1-4). *It-tielet*, il-ħakma tas-sultan divinuman fuq it-tron ta' David kienet ipprofetizzata (Isaija 9:6-7). *Ir-raba'*, kien ipprofetizzat li David isaltan fuq il-poplu ta' Alla (Eżekjel 37:24-27). *Il-ħames*, kienet ipprofetizzata saltna waħ-

da li ma tispiċċa qatt (Danjel 2:44). *Is-sitta*, kienet ipprofetizzata taqsima waħda ta' l-aħħar jiem (Atti 2:16-17). *Is-seba'*, Kien ipprofetizzat patt ġdid wieħed finali u suffiċjenti (Ġeremija 31:31-34). *It-tmienja*, kienet ipprofetizzata sistema waħda ta' dellijiet li turi għal sistema waħda ta' realtajiet (Lhud 10:1). Jekk dawn huma kollha interpretati letteralment, żewġ ħakmiet ta' Kristu kienu ipprofetizzati; u ħakma addizzjonali għal David kienet ipprofetizzata fejn David ineħħi lil Kristu minn fuq it-tron tiegħu u jaħkem f'postu fuq Iżrael. Ma jistax jintqal minn dawk li jinterpretaw din il-profezija letteralment, li David se jaħkem taħt il-ħakma jew tmexxija ta' Ġesù, għaliex David kellu jkun il-prinċep għal dejjem, u kellu jkun "is-sultan wieħed" li "jkun is-sultan tagħhom kollha" (Eżekjel 37:22, 24, 25). Minkejja minn profeziji u ħakmiet li jidhru differenti, il-premillenjalisti jaqblu magħna li saltna waħda biss tal-Messija kienet ipprofetizzata.

Kif jistgħu dawn il-profeziji jkunu armonizzati? Dawn huma faċilment armonizzati meta aħna nirrealizzaw il-fatt tat-tip u l-anti-tip. David fuq it-tron tiegħu jaħkem fuq Iżrael magħqud kien tip ta' Kristu fuq it-tron Tiegħu jaħkem fuq l-Iżrael magħqud spiritwali Tiegħu. David is-sultan, jaħkem fuq it-tron tiegħu, kien tip ta' Kristu s-sultan, jaħkem fuq it-tron Tiegħu. Il-ħakma jew tmexxija ta' Kristu fuq l-id il-leminija ta' Alla kienet issimbolizzata minn David u t-tron tiegħu; għalhekk, Kristu kien xi drabi imbassar taħt it-tip, David, u t-tron ta' Kristu taħt it-tip tat-tron ta' David. L-anti-tip, jew struttura, hija superjuri għat-tip, jew dell; għalhekk, Kristu u t-tron tiegħu huma superjuri għal David u t-tron tiegħu.

Jekk Kristu qiegħed issa jaħkem fuq it-tron ta' David, is-saltna ta' l-Iben ta' Alla (Kolossin 1:13) hija dik ipprofetizzata mill-profeti, dawk li jgħallmu t-tagħlim falz tal-ħakma fuq l-art ta' Kristu għal elf sena huma żbaljati fl-interpretazzjoni tagħhom tal-profezija, u t-tieni miġja ta' Kristu ma tirriżultax fit-twaqqif ta' teokrazija bi Kristu jaħkem fuq it-tron ta' David f'Ġerusalem fuq Iżrael fejn il-ġnus kollha jkunu qaddejja. Minflok, it-tieni miġja ġġib it-trjonf ta' Kristu fuq l-aħħar għadu—

il-mewt, il-qaddisin jirċievu mistrieħ ta' dejjem, il-midinbin ikunu mkeċċija għal dejjem mill-preżenza ta' Alla, u Kristu jikkonkludi l-ħakma tiegħu bħala Medjatur bejn Alla u l-bniedem u jerħi s-saltna lill-Missier fl-eternità (Atti 2:24-36; 1 Korintin 15:24-28; Rivelazzjoni 20:11-21:5; 2 Tessalonikin 1:5-12; Lhud 9:27; 1 Pietru 1:5).

Dan jarmonizza l-profezija tat-Testment il-Qadim mal-profezija tat-Testment il-Qadim. Dan juri li l-epoka waħda tal-Messija kienet imbassra kemm f'deskrizzjonijiet letterali u taħt il-lingwa li tiddeskrivi t-tipi tat-Testment il-Qadim. Dan juri li l-ħakma tal-Messija kienet ipprofetizzata f'aktar minn manjiera waħda. Aħna nafu li l-profeti ipprofetizzaw f'aktar minn manjiera waħda għaliex l-Ispirtu s-Santu jgħidu dan f'Lhud 1:1, u għalhekk aħna ma nkunux sorpriżi lit-tema l-kbira tal-profezija tat-Testment il-Qadim—il-ħakma tal-Messija—kienet ipprofetizzata f'diversi manjieri, jew f'aktar minn manjiera waħda.

Fi kliem ieħor, profezija m'għandix tkun imwettqa letteralment sabiex attwalment tkun imwettqa. Kristu m'għandux għalfejn isaltan fuq it-tron letterali ta' David sabiex jaħkem jew isaltan fuq it-tron attwali li dwaru t-tron ta' David issimbolizza u li kien imwiegħed. Ġwanni l-Battista ma kellux għalfejn ikun wieħed li jaqla' t-toroq letteralment u ħaddiem tat-toroq sabiex attwalment iwettaq il-profezija ta' Isaija dwar ix-xogħol tiegħu bħala dak li jħejji t-triq u jiddritta l-mogħdijiet għal Kristu (Luqa 3:3-6; Mattew 3:2).

Il-kelma 'letterali' tfisser, skond l-ittra, mhux metaforika. Xi kultant din hija mħallta mal-kelma 'attwali.' Ħaġa tista' tkun attwali u ma tkun letterali. Isaija qal li Kristu kellu jkun 'rimja' u 'zokk' u 'għerq' ta' Ġesse. Kien Ġesù 'rimja' letterali, 'zokk' letterali, u 'għerq' letterali? Għalhekk, meta lingwa figurattiva hija wżata fil-profezija, jew f'xi xorta ta' silta oħra, din għandha tifsira attwali, imma mhux tifsira letterali. Meta t-tifsira hija mpoġġija f'lingwa figurattiva wieħed jitlef it-tifsira, jekk huwa jinterpreta s-silta letteralment minflok figurattivament.

## TIFSIRA TA' "TRON"

Safejn naf jien, ħadd ma jżomm li s-siġġu letterali jew fiżiku jew tron li fuqu qagħad David huwa ppriservat xi mkien u fuqu joqgħod Kristu. Dan mhuwiex aktar emmnut milli li l-istqarrija dwar is-siġġu ta' Mosè (Mattew 23:1-2) kienet tfisser is-siġġu nnifsu li fuqu poġġha Mosè. Kieku hu hekk, dan kien tassew siġġu jew tron kbir ħafna, għaliex l-iskribi u l-Fariżej poġġew fuqu; jew inkella huma kellhom jagħmlu ħafna dawrien sabiex huma lkoll joqgħodu ftit fuqu.

Bil-kelma 'tron' huwa mfisser setgħa sovrana u dinjità. Għalhekk, kif David kien eżaltat għal dan il-post ta' setgħa u ħakma f'Iżrael, hekk ukoll il-Mulej Ġesù Kristu, li Hu n-nisel ta' David, kellu jkun imtalla' u eżaltat għal stat u post ta' setgħa sovrana; sultan biex jaħkem fil-ġustizzja. Dan hu kollox li jista' jkun imfisser bi Kristu jpoġġi fuq it-tron ta' David. Jekk jista' jkun muri li Kristu issa, matul it-taqsima preżenti, qiegħed jimla dan il-post; li Kristu issa qiegħed jokkuppa dan il-post innifsu u l-pożizzjoni li bassru l-profeti; imbagħad it-tagħlim falz tal-millenjalisti dwar l-elf sena jkun irrifjutat.

R. H. Boll, premillenjalist, jgħid lit-tron ta' David dejjem sempliċiment fisser sovranità iddelegata divinament fuq in-nazzjon ta' Iżrael, "id-dar ta' Ġakobb' (Luqa 1:32, 33)" (R. H. Boll, *The Kingdom of God*, 2nd Ed., p. 112). Kulħadd jaqbel li bi "tron" huwa mfisser sovranità, awtorità, setgħa, ħakma; u lit-tron ta' David kien sempliċiment il-ħakma tiegħu, l-awtorità jew is-setgħa tiegħu fuq Iżrael. Dan hu li tgħid li kien fuq il-poplu ta' Alla, għaliex Iżrael f'dak il-waqt kien jikkonstitwixxi n-nazzjon ta' Alla.

Comment: Ent il-ħakma tieg

## KRISTU MA KIENX IMWIEGĦED ŻEWĠ ĦAKMIET DIFFERENTI

Kristu kien imwiegħed ħakma waħda biss, u Hu issa jaħkem fl'id il-leminija ta' Alla (Salm 110:1-4; Atti 2:34-36). Din il-ħakma ma tħalli ebda lok għall-ħakma oħra, għaliex din tibqa' sakemm dak kollu li l-elf sena jissinifikaw f'Rivelazzjoni 20. Din tkompli sakemm il-mewt tkun mirbuħa u l-mewt ma tkunx mirbuħa sakemm il-mewt u post l-imwiet ikunu mitfugħin fl-

għadira tan-nar. Dan jiġi wara l-elf sena. Mela, dak kollu li l-elf sena jirrappreżentaw dan jiġi *matul il-ħakma preżenti* ta' Kristu (1 Korintin 15:24-28; Rivelazzjoni 20:11—21:5). Dan juri kemm huwa tagħlim falz li tieħu l-elf sena bħala elf sena letterali!

Xi wħud jippruvaw jagħtu interpretazzjoni falza ta' xi jfisser li Kristu qiegħed "*fl-id il-leminija ta' Alla*" billi jgħidu li dak ifisser li Kristu għad mhuwiex isaltna għaliex jinsab f'post fil-ġenb, jiġifieri, fil-lemin ta' Alla. Minn dan naraw sa fejn jaslu l-millenjalisti bit-tagħlim falz tagħhom biex jippruvaw iqarrqu b'dawk, li mingħajr ma jistudjaw bir-reqqa l-Iskrittura, jaċċettaw kull tagħlim li jidher li hu raġjunevoli u b'hekk jinqabdu fin-nassa ta' dawn l-għalliema foloz. Vers wieħed mil-Kelma ta' Alla għandu jkun biżżejjed biex juri kemm dik l-interpretazzjoni hija falza. Ġesù Nnifsu jgħidilna xi jfisser li tkun "*fl-id il-leminija ta' Alla.*" F'Mattew 28:18, Ġesù qal:

> "*Lili ngħatat kull setgħa fis-sema u fl-art.*"

Jista' xi kliem ikun aktar ċar minn dan? "Lili" jgħid Ġesù, "ingħatat." X'ingħata lil Ġesù? "KULL SETGĦA" U fejn Ġesù għandu KULL SETGĦA? "Fis-SEMA U FL-ART." Imma skond il-millenjalisti dan mhux tassew! Ġesù mhux is-segħta kollha għandu issa għaliex għad irid jiġi dak iż-żmien li jsaltan għal elf sena fuq l-art u mbagħad ikollu s-setgħa kollha! Qiegħed tara kemm dan huwa tagħlim falz u tagħlim tax-xitan li jneħħi lill-Mulej mill-pożizzjoni Tiegħu! Dawk kollha li jaċċettaw dan it-tagħlim qegħdin ikunu kompliċi max-xitan biex ikompli jqarraq lil dawk li mhumiex tiegħu. *Is-setgħa kollha* u mhux parti minnha hija ta' Ġesù Kristu u din is-setgħa hija Tiegħu, **issa**, **fis-sema u fl-art**! Temmnu dan int? Dan huwa dak li l-frażi "fl-id il-leminija ta' Alla" tfisser. Dan il-Mulej qiegħed jgħidu u mhux il-millenjalisti! U hawn għandna prova ċara oħra ta' "Alla jgħid" u "intom tgħidu." Mhux ta' b'xejn l-Ispirtu s-Santu jwissi, permezz ta' l-appostlu Pietru meta jgħid:

> "*Dehru wkoll profeti foloz fost il-poplu ta' Alla, kif għad ikun hemm għalliema foloz*

> *fostkom. Dawn idaħħlu firdiet, li jġibu l-qerda, sa jaslu biex jiċħdu s-Sid li għalih kisibhom u malajr iġibu l-qerda fuqhom infushom*" (2 Pietru 2:1).

Huwa preċiżament dan li qiegħed jiġri: Bit-tagħlim falz tagħhom, dawn l-għalliema foloz qegħdin *jiċħdu s-Sid* billi jgħidu li Hu għadu mhux qiegħed isaltan! L-appostlu Pietru jwissina billi jgħidilna:

> "*Kunu meqjusa u għassu. L-għadu tagħkom ix-xitan qisu ljun igħajjat, idur u jfittex 'il min sa jibla'. Iqfulu, sħaħ fil-fidi*" (1 Pietru 5:8

Tassew lix-xitan qiegħed jibla' ħafna nies li qegħdin ikunu ngannati bit-tagħlim falz tal-millenjalisti! Jew Kristu għandu KULL SETGĦA FIS-SEMA U FL-ART jew m'għandux! Jien nemmen li għandu **kull setgħa** u għalhekk qiegħed isaltan **issa** u QIEGĦED ISALTAN GĦAL DEJJEM u mhux jistenna sa ma jerġa' jiġi biex isaltan għal elf sena letterali fuq l-art! Mela:

> "*Tħallu li ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla ta' Alla fuq dawk li ma jisimgħux*" (Efesin 5:6).

Ħalli nkomplu naraw aktar provi dwar dan. Il-ħakma ta' Kristu fis-saltna Tiegħu kienet qrib matul il-ministeru personali Tiegħu (Mark 1:14-15). Żewġ ħakmiet differenti ma setgħux ikunu qrib. Il-waħda li kienet qrib kienet il-waħda li kienet imwaqqfa. Il-waħda li kienet imwaqqfa kie-net il-ħakma fl-id il-leminija ta' Alla (Salm 110:1-4; Atti 2:34-36). Għalhekk, din hija l-ħakma fuq it-tron ta' David, għax inkella, jekk le, tip differenti ta' saltna kien qrib minn dik il-waħda li kienet imwaqqfa. L-interpretazzjoni tal-premillenjalisti tat-tron ta' David iġġib fix-xejn illi s-salib kien qrib waqt lis-saltna kienet fil-qrib. Dan jikkontradixxi l-fatt li t-tnejn kienu qrib u Kristu kellu jbati u mbagħad jidħol fil-glorja Tiegħu (Luqa 24:25-27; Mattew 20:21; Mark 10:37; 1 Timotju 3:16; Lhud 1:3, 13; Atti

2:34-35; 1 Pietru 1:10-12). Minn dan kollu naraw li *hemm saltna waħda biss* u mhux tnejn. Jekk Kristu miet fuq is-salib allura s-saltna li kienet qrib issa tinsab imwaqqfa, kif diġa rajna u sejrin inkomplu naraw aktar 'il quddiem.

## KRISTU ISSA QIEGĦED FUQ IT-TRON TA' DAVID

L-argument ta' Pietru f'Pentekoste jagħmilha ċara li l-wegħda tal-ħakma fuq it-tron ta' David hija mwettqa fil-ħakma fl-id il-leminija ta' Alla. *L-ewwel*, David ipprofetizza li Kristu jkun imqajjem biex joqgħod fuq it-tron Tiegħu. Naqraw dwar dan f'Atti 2:30,

> "*Mela billi kien profeta, u billi kien jaf li Alla kien wiegħdu b'ħalfa, li mill-frott ta' ġenbejh, skond il-ġisem, iqajjem 'il Kristu biex joqgħod fuq it-tron tiegħu.*"

*It-tieni*, X'fisser David? Aħna għandna interpretazzjoni tat-tifsira tagħha mill-Ispirtu s-Santu li tkellem permezz ta' David, billi dan kien ukoll l-Ispirtu s-Santu li tkellem permezz ta' Pietru f'Pentekoste (Atti 1:8; 2:1-4). Pietru qal:

> "*Hu, billi ra minn qabel dan, tkellem fuq il-qawmien ta' Kristu, li ruħu ma tħallietx fl-imwiet, u lanqas ġismu ma ra t-taħsir*" (Atti 2:31).

David kien ħabbar minn qabel il-mewt ta' Kristu, imma kien ipprofetizza li qabel ma l-ġisem Tiegħu kien jara t-taħsir l-ispirtu Tiegħu jirritorna mid-dinja ta' l-ispirti u jkun magħqud mill-ġdid mal-ġisem Tiegħu fil-qawmien. David tkellem dwar il-qawmien ta' Kristu, fejn l-appostli kienu xhieda:

> "*Dan Ġesù qajmu Alla, li tiegħu aħna lkoll xhud*" (Atti 2:32).

Madankollu, hu mhux biss tkellem dwar il-qawmien Tiegħu, imma dwar dak li Hu kien eżaltat għalih wara l-qawmien Tiegħu; għax Alla mbagħad għollieh wisq. L-appostlu Pawlu jgħid hekk dwar dan:

> "*Għalhekk Alla għollieh wisq, u tah isem li hu fuq kull isem*" (Filippin 2:9).

Alla qal li Hu kien se jqajjem lil Kristu biex joqgħod fuq it-tron ta' David. Dan kien jinvolvi mhux sempliċiment li jint-bagħat Kristu, imma li Hu jmur it-triq tas-salib, u mbagħad il-qawmien. Wara l-qawmien Tiegħu, x'jiġi? L-Ispirtu s-Santu qal, permezz ta' Pietru,

> "*Għalhekk, billi kien imgħolli bil-leminijia ta' Alla, u billi ħa mingħand il-Missier il-wegħda ta' l-Ispirtu s-Santu, hu xerred dan, li intom qegħdin taraw u tisimgħu issa*" (Atti 2:33).

"Għalhekk" tintroduċi konklużjoni. Imma konklużjoni dwar x'hiex? Ovvjament konklużjoni dwar l-argument li Pietru qiegħed jagħmel. Imma x'inhu l-argument ta' Pietru? Li David kien wiegħed li Alla kien se jqajjem lil Kristu biex ipoġġi fuq it-tron Tiegħu. Kristu kien imqajjem u eżaltat. Eżaltat jew im-għolli għal x'hiex? Biex jaħkem fl-id il-leminija ta' Alla,

> "*Għax David ma talax fis-smewwiet: iżda hu stess igħid: Il-Mulej qal lil Sidi: Oqgħod fil-lemin tiegħi, sa ma nagħmel l-egħdewwa tiegħek b'mirfes riġlejk*" (Atti 2:34-35).

Hija din il-ħakma li Iżrael għandhom jagħrfu sabiex ikunu sal-vati? Pietru ikkonkluda:

> "*Mela ħa tkun taf fi żgur id-dar kollha ta' Iżrael, li Alla għamel lil dan stess Ġesù, li intom sallabtu, kemm Mulej u kemm Kristu*" (Atti 2:36).

X'kien l-impatt tan-nies? X'riedu huma, dawk il-Lhud, li jkunu jafu? Ħalli nħallu lil l-Ispirtu s-Santu jagħtina t-tweġiba:

> "*Issa meta semgħu dan, tniggżu f'qalbhom, u qalu 'l Pietru , u lill-bqija ta' l-appostli: Irġiel u aħwa, x'għandna nagħmlu?*" (Atti 2:37).

Huma tniggżu f'qalbhom u riedu li jkunu jafu x'għandhom jagħmlu biex isalvaw. Huma riedu jafu kif jistgħu huma li kienu għedewwa ta' Kristu u li talbu għall-mewt tiegħu (Atti 2: 22-24), ikunu irrikonċiljati għall-Messija? It-tweġiba tal-millenjalisti hija differenti għal kollox mit-tweġiba li jagħti l-Ispirtu s-Santu permezz ta' Pietru. Ħafna huma lesti li jaċċettaw it-tweġiba tal-millenjalisti, u jiddefendu t-tagħlim falz tagħhom u mhumiex lesti li jaċċettawx dik ta' l-Ispirtu s-Santu mogħtija permezz ta' l-appostlu Pietru. Pietru wieġeb il-mistoqsija tagħhom mhux billi qalilhom li meta jerġa' jiġi Kristu Hu se jsalva lil Iżrael fiżiku kollu imma qal:

> "*Indmu, u kull wieħed minnkom jitgħammed f'isem Ġesù Kristu għall-maħfra tad-dnubiet, u taqilgħu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu*" (Atti 2:38).

Pietru ħeġġiġhom biex isalvaw lilhom infushom minn dan in-nisel ħażin. X'għamlu dawk li laqgħu l-kelma tiegħu bil-ferħ? Il-Kelma ta' Alla tgħidilna:

> "*Imbagħad dawk li laqgħu l-kelma tiegħu bil-ferħa kienu mgħammdin: u żdiedu magħhom dak in-nhar madwar tliett elef ruħ. U komplew iżommu sħiħ fit-tagħlim u fix-xirka ta' l-appostli, u fil-qsim tal-ħobż, u fit-talb*" (Atti 2:41-42).

Kemm huwa differenti dan il-kliem mill-Kelma ta' Alla mit-tagħlim falz tal-millenjalisti! Huma aċċettaw lil Kristu bħala s-Sultan tagħhom. Huma kienu jafu li Hu kien Mulej, jew Mexxej, u li Hu kien il-Messija. Bħala l-Messija Hu kien Profeta, Qassis u Sultan. Imma l-għalliema foloz tal-lum dan ma jaċċettawħx. Huma jgħidu li Iżrael għad isalva kollu meta jerġa' jiġi Kristu. Din hija interpretazzjoni falza għal kollox ta' Rumani 11:26 li dwarha tkellimna aktar qabel. Huma jgħidu li Kristu għad irid "isaltan" għal elf sena fuq l-art li hija wkoll interpretazzjoni falza għal kollox ta' dak li naqraw dwaru f'Rivelazzjoni 20 u li dwar dan ukoll rajna aktar qabel. Bit-

tagħlim falz tagħhom, il-millenjalisti jagħmlu lil l-Ispirtu s-Santu jikkontradixxi Lilu Nnifsu!

*It-tielet*, X'jiġi wara jekk Kristu mhuwiex fuq it-tron ta' David? (a) Dan ikun ifisser li Pietru, li beda l-argument tiegħu fuq il-wegħda tal-ħakma ta' Kristu fuq it-tron ta' David, biddel is-suġġett f'nofs id-diskussjoni u ddikjara li Kristu kien qiegħed jaħkem fuq tron differenti għal kollox. Il-ħakma fuq it-tron ta' David kienet talinqas elfejn sena l-bogħod, imma Pietru argumenta bħallikieku din kellha riferenza għall-ħakma preżenti ta' Kristu. Jekk xi ħadd ma jaqbilx ma' dan, hu ma jkunx qiegħed jaqbel ma' l-Ispirtu s-Santu u mhux miegħi! Ħadd ma jista' juri xi post fir-raġunar ta' Pietru fejn huwa jagħti xi ħjiel li hu kien biddel is-suġġett mit-twettiq tal-wegħda tal-ħakma fuq it-tron ta' David. Pietru jibda bil-wegħda u jispiċċa bit-twettiq tagħha fil-ħakma u t-tmexxija ta' Kristu fuq l-id il-leminija ta' Alla. (b) Jekk Kristu issa mhux qiegħed fuq it-tron ta' David, hu qatt ma jkun, billi l-ħakma fuq l-id il-leminija ta' Alla tispiċċa bl-għotja tas-saltna lill-Missier fl-eternità u mhux għal saltna fuq l-art ta' elf sena letterali (Atti 2:34-35; 1 Korintin 15:24-28; Rivelazzjoni 20:11 —21:5).

*Ir-raba'*, Kristu Hu Sultan fuq Iżrael, u dawn il-Lhud li rriġettawh kienu rriġettati Minnu; kienu mwarrba minħabba n-nuqqas ta' twemmin tagħhom (Rumani 11:20-23; Atti 3:22-23). Id-dar kollha ta' Iżrael tista' tkun taf dan, jekk huma jridu li jagħmlu r-rieda ta' Alla (Atti 3:36; Ġwanni 7:17). Il-kliem huwa ċar kemm jista' jkun. L-uniku mod u l-unika tama li bih il-Lhud jistgħu jsalvaw huwa li jagħmlu dak li qal l-Ispirtu s-Santu permezz ta' Pietru:

> "*Indmu, u kull wieħed minkom jitgħammed f'isem Ġesù Kristu għall-maħfra tad-dnubiet, u taqilgħu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu*" (Atti 2:38).

Dan kien japplika għall-ewwel seklu u japplika għas-seklu li aħna ninsabu fih u jibqa' japplika sakemm Kristu jerġa' jiġi. Wara dan ma jkun hemm ebda mod ieħor kif xi ħadd, kemm jekk ikun Lhudi jew le li bih ikun jista' jsalva!

*"Alla għalaq għajnejh sakemm il-bnedmin kienu għadhom ma jafux; issa għarrafhom li* ***kulħadd*** *għandu jindem, hu fejn hu. Għax hu għażel jum li fih għandu jagħmel ħaqq ġust mid-dinja permezz ta' bniedem li ħatru hu; u ta' dan kollu ta prova quddiem* ***kulħadd*** *billi lilu qajmu mill-imwiet*" (Atti 17:30-31).

"Kulħadd" tindika li l-Lhud ukoll għandhom jindmu qabel il-jum li "hu għażel biex jagħmel ħaqq ġust" u mhux li Kristu jsalvahom meta jerġa' jiġi!

## KRISTU KELLU JSALTAN FUQ IT-TRON TA' DAVID WAQT LI DAVID KIEN FIL-QABAR TIEGĦU

L-ewwel, Alla wiegħed li jistabilixxi t-tron ta' David għal dejjem.

*"U meta inti ttemm żmienek, u tkun striħajt ma' missirijietek, jiena nqajjem nislek warajk, nisel ħiereġ mill-ġewwieni tiegħek, u nwettaq is-saltna tiegħu. Huwa jibni dar lil ismi, u jiena inwettaq it-tron tas-saltna tiegħu għal dejjem. Jiena nkun għalih missier, u hu jkun għalija iben. Jekk jagħmel il-ħażin, jiena nwiddbu bl-istess bastun tal-bnedmin, u bid-daqqiet li jagħtu l-bnedmin. Imma t-tjieba tiegħi lejh qatt ma nwarrabha għalkollox minnu, bħalma warrabtha minn ma' Sawl li jiena begħedt minn quddiemek. Il-familja tiegħek u s-saltna tiegħek jibqgħu sħaħ għal dejjem quddiemi. It-tron tiegħek ikun imwettaq għal dejjem*" (2 Samwel 7:12-16).

Dwar versi 12 u 13 il-kumment huwa dan: "Jiena nqajjem nislek warajk: Jiena nqajjem minflokok u minflok it-tron tiegħek il-posterità tiegħek, l-ewwel Salamun, u mbagħad oħrajn suċċessivament, u fl-aħħar il-Messija. Hekk il-kliem ta' wara jistgħu jkunu mifhuma diversament, parti dwar il-posterità tiegħu

in-ġenerali jew meħuda indefinittivament, parti dwar Salamun, u parti dwar Kristu biss, skond għan-natura differenti tal-bosta siltiet." "Jiena nwettaq it-tron tas-saltna tiegħu': Dan mhuwiex imfisser dwar Salamun, għaliex is-saltna tiegħu ma kinetx għal dejjem. U għalkemm il-frażi 'għal dejjem' xi kultant hija wżata dwar iż-żmien tal-ħajja ta' persuna, madankollu din ma tistax tkun mifhuma hekk hawn, għaliex il-ħniena mwiegħda hawn lil bin David hija ta' natura oħra, u ta' kontinwazzjoni wisq itwal, minn dik li kienet mogħtija lil Sawl (vers 15), li madankollu gawda s-saltna sakemm hu baqa' ħaj. Imma dan għandu jkun mifhum dwar il-posterità ta' David in-ġenerali, imma speċjalment għal Kristu, li fil-persuna Tiegħu is-saltna kellha tkun imwaqqfa għal dejjem (ara Isaija 9:7; Danjel 2:44; Luqa 1:32-33).

*It-tieni*, il-wegħda kellha tkun imwettqa wara l-mewt ta' David u waqt li hu kien fil-qabar tiegħu.

> "*U meta inti ttemm żmienek, u tkun striħajt ma' missirijietek*" (2 Samwel 7:12).

Dan il-punt kien imsemmi darbtejn minn Pietru f'Pentekoste. Pietru semmih sewwasew qabel ma qal il-wegħda ta' Alla li jqajjem wieħed biex joqgħod fuq it-tron ta' David (Atti 2:29), u hu semmih ftit wara fl-istess linja ta' argument (Atti 2:24). Pietru ikkwota l-profezija ta' David li Alla ma "*jħallix ruħi fl-imwiet, u lanqas tħalli l-Qaddis tiegħek jara t-taħsir*" (Atti 2: 27). Dan żgur li ma jistax jirriferi għal David. Għaliex? Għaliex David kien miet u kien midfun. Il-ġisem tiegħu kien ra t-taħsir, billi l-qabar ta' David kien għadu magħhom. Pietru qal,

> "*Irġiel u aħwa, ħalli nkellimkom bla tlaqliq fuq il-patrijarka David, li hu mejjet u midfun, u l-qabar tiegħu għadu fostna sal-lum*" (Atti 2:29).

David kellu riferenza għal xhiex?

> "*Mela billi kien profeta, u billi kien jaf li Alla kien wiegħdu b'ħalfa, li mill-frot ta' ġenbejh, skond il-ġisem, iqajjem 'il Kristu biex joq-*

> *għod fuq it-tron tiegħu; hu billi ra minn qabel dan, tkellem fuq il-qawmien ta' Kristu, li ruħu ma tħallietx fl-imwiet, u lanqas ġismu ma ra t-taħsir*" (Atti 2:30-31).

Mela David tkellem dwar Kristu u dwar il-qawmien Tiegħu biex joqgħod fuq it-tron ta' David. Kristu kien eżaltat għat-tron fl-id il-leminija ta' Alla. Dan kien rah minn qabel David, billi qal:

> "*Il-Mulej qal lil Sidi: Oqgħod fil-lemin tiegħi, sa ma nagħmel l-egħdewwa tiegħek b'mirfes riġlejk*" (Atti 2:34-35).

Kristu kien eżaltat fis-smewwiet, imma mhux hekk David, għax "*David ma talax fis-smewwiet*" (Atti 2:34). Dan juri li David ma kienx imqajjem. Kristu kellu joqgħod fuq it-tron ta' David wara li David kien strieħ ma missirijietu, u David kellu jkun għadu fil-qabar meta Kristu kien imqajjem biex joqgħod fuq it-tron tiegħu.

Mela, minflok ma Kristu joqgħod fuq it-tron ta' David wara l-qawmien tal-ġusti, dan it-test jagħti prova li dan isir waqt li David għadu rieqed ma' missirijietu (Atti 2:29, 30; Salm 132: 11).

### KRISTU ISSA MULEJ FUQ IŻRAEL

L-ewwel, il-ħakma ta' Kristu fuq Iżrael, id-dar ta' Ġakobb, kellha tkun meta hu jkun fuq it-tron ta' David. It-tron ta' David —dejjem fisser sempliċiment sovranità iddelegata divinament fuq in-nazzjon ta' Iżrael, id-'dar ta' Ġakobb.'

> "*Hu jkun kbir, u jissemma Bin il-Għoli: u l-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' missieru David: U jsaltan għal dejjem fuq id-dar ta' Ġakob; u għal saltnatu ma jkunx hemm tmiem*" (Luqa 1:32-33).

Kemm hu differenti mit-tagħlim falz tal-millenjalisti dan il-kliem ispirat! "*U għal saltnatu ma jkunx hemm tmiem.*" Imma

skond il-millenjalisti, wara l-elf sena fuq l-art is-saltna tieqaf għaliex Kristu għandu jsaltan *għal* elf sena!

It-tieni, Kristu issa għandu awtorità suprema fuq Iżrael.

> "*Mela ħa jkun jaf bi żgur il-poplu kollu ta' Iżrael li lil dan Ġesù, li intom sallabtuh, Alla għamlu Mulej u Messija*" (Atti 2:36).

Kristu Hu l-Mulej, is-Sid ta' David, u Hu l-Mulej ta' Iżrael, u Iżrael jistgħu jkunu jafu bi żgur jekk huma jivverifikaw ix-xhieda. Kien hemm eluf ta' Lhud li aċċettaw is-Sinjurija ta' Ġesù Kristu (Atti 2:41; 5:14; Rumani 11:5), il-bqija kienu mw-issija u mbagħad imwarrba minħabba n-nuqqas ta' twemmin tagħhom; kif kien ipprofetizzat (Atti 2:34-35; Rumani 9:10-11). Minn dan naraw kemm huwa falz it-tagħlim tal-millen-jalisti li jinterpretaw Rumani 11:26 bħala li tapplika għal Iżrael fiżiku u mhux għal l-Iżrael spiritwali li huma l-Kristjani kollha.

It-terminu "Mulej" jirriferi għal dan "il-Mulej" tal-profezija (Salm 110:1). Jintqal lilna fl-Ewwel Pietru biex inqaddsu f'qal-bna lil Kristu bħala Mulej, "fi kliem li huwa wżat fit-Testment il-Qadim dwar il-Mulej ta' l-eżerċti (Isaija 8:13), u s-santifi-kazzjoni Tiegħu minn Iżrael." Ir-riferenza f'Atti 2:36 tfisser li Kristu Hu mexxej universali. Pietru jgħid ukoll li fi qbil ma' Salm 110, Ġesù kien eżaltat fl-id il-leminija ta' Alla, u huwa, kif jgħid David, *Mulej—il-Mulej ta' David*, il-mexxej jew ħakkiem universali kif ukoll bħala Kristu.

*It-tielet*, ma jistax ikun imġiegħel mill-premillenjalisti li Kristu ma jistax issa jkun fuq it-tron ta' David għaliex issa Hu mexxej universali, u mhux sempliċiment il-mexxej speċjali fuq Iżrael; li sovranità speċjali fuq Iżrael kienet dak li kien imfisser bit-tron ta' David. Din l-oġġezzjoni hija bla saħħa għal bosta raġunijiet. (1) Aħna nistennew lil-anti-tip (Kristu) jkun akbar u aqwa mit-tip (David). (2) Kristu għandu tabilħaqq issa l-awtorità kollha fuq Iżrael innifsu li David qatt ma kellu. (3) Il-Bibbja ma tgħallimx li Kristu għandu jaħkem fuq Iżrael biss meta jkun fuq it-tron ta' David. Il-Bibbja ma tgħallimx li Kristu ma jkunx mexxej universali meta jkun fuq it-tron ta' David. Jekk tgħallem dan allura fil-millenju li jassumu l-mil-

lenjlaisti Kristu ma jkunx fuq it-tron ta' David, kif il-punt li jmiss juri. (4) Jekk il-fatt li Kristu huwa issa mexxej universali—jaħkem fuq oħrajn kif ukoll fuq Iżrael—huwa prova li Hu ma jistax ikun issa fuq it-tron ta' David, allura l-premillenjalisti jkollhom isibu xi tron ieħor għal Kristu fil-millenju; għalhekk huma jgħallmu li Hu mhux biss ikollu sovranità fuq Iżrael f'dak iż-żmien, imma wkoll fuq il-ġnus kollha fuq l-art. Imma dik hija eżattament is-sovranità li għandu issa. Kristu Hu l-Mexxej universali. Għalhekk l-oġġezzjoni tagħhom iżżomm lil Kristu barra mit-tron ta' David fil-millenju li huma jassumu li se jiġi kif ukoll ċertament li tneħħih issa minn fuq it-tron. Jekk huwa validu issa kontra li Kristu jkun fuq it-tron ta' David issa, ikun validu dak iż-żmien kontra li Kristu jkun fuq it-tron ta' David dak in-nhar.

## KRISTU ISSA QIEGĦED FUQ IT-TRON TA' DAVID, GĦAX ISSA HU FUQ ID-DAR TA' ĠAKOBB

Fost ħwejjeġ oħra, anġlu tal-Mulej qal lil Marija:

> "*Ara, inti se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir, u jkun jissejjaħ Bin il-Għoli. Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb, u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu*" (Luqa 1:31-33).

*L-ewwel*, Iż-żmien meta Kristu jaħkem jew isaltan fuq id-dar ta' Ġakobb huwa l-istess bħaż-żmien li Hu jkun fuq it-tron ta' David. Luqa 1:31-33 ma jgħallmux, lanqas xi siltiet oħra mill-Iskrittura ma jgħallmu, li Kristu se jaħkem jew isaltan fuq id-dar ta' Ġakobb qabel ma Hu saltan fuq it-tron ta' David. Jekk Hu mhuwiex fuq it-tron ta' David issa, Hu mhuwiex qiegħed isaltan issa fuq id-dar ta' Ġakobb. Żewġ taqsimiet mhumiex ippreżentati f'Luqa 1:31-33. Meta qiegħed fuq it-tron ta' David, Kristu jkun, naturalment, qiegħed isaltan. U din il-ħakma, vers 33 jgħidilna, tkun fuq id-dar ta' Ġakobb.

*It-tieni*, x'inkludiet id-dar ta' Ġakob? Ġakob kien il-missier tat-tnax-il tribù ta' Iżrael. Id-dar ta' Iżrael tfisser dixxendenti

ta' Ġakobb; l-istess kif id-dar ta' David, li għaliha kien jappartjeni Ġużeppi, fissret id-dixxendenti ta' David (Luqa 1:27). Ġużeppi kien "mid-dar u l-familja ta' David" (Luqa 2:4).

Id-dar ta' Iżrael u d-dar ta' Ġuda kienu t-tnejn dixxendenti ta' Ġakobb, u b'hekk it-tnejn huma d-dar ta' Ġakobb. Fil-fatt, Ġakobb innifsu kien l-ewwel imsejjaħ Iżrael qabel mad-dar ta' Iżrael kienet teżisti u hekk kien muri (Ġenesi 35:10, 21). F'waqtiet, naturalment, id-dar ta' Ġakobb kienet magħrufa bħala d-dar ta' David; id-dar ta' Iżrael; u d-dar ta' Ġuda u Benjamin, eċċ. (1 Slaten 12:19-34). Id-dar ta' Ġakobb tkun l-ulied jew id-dixxendenti ta' Ġakobb, l-istess kif l-ulied Iżrael (1 Slaten 12: 24) kienu l-istess bħad-dar ta' Iżrael (1 Slaten 12:21, 24).

*It-tielet*, Alla wiegħed li jagħmel patt ġdid mad-dar ta' Iżrael u d-dar ta' Ġakobb.

> "*Araw, għad jiġi żmien, oraklu tal-Mulej, meta jien nagħmel patt ġdid ma' dar Iżrael u dar Ġuda; mhux bħall-patt li għamilt ma' misirijiethom fiż-żmien meta qbadthom minn idejhom biex ħriġthom mill-art ta' l-Eġittu, il-patt tiegħi li huma kisru, għalkemm jien kont l-għarus tagħhom, oraklu tal-Mulej. Imma dan ikun il-patt li għad nagħmel ma' dar Iżrael wara dawk il-jiem, oraklu tal-Mulej. Nqiegħed il-liġi tiegħi fosthom u niktibha f'qalbhom; u jiena nkun Alla tagħhom, u huma jkunu l-poplu tiegħi. Ma jgħallmux iżjed lil xulxin, u ħadd ma jgħid lil ħuh: 'Agħraf il-Mulej', għaliex ilkoll kemm huma jkunu jafuni, miż-żgħir sal-kbir, oraklu tal-Mulej. Għax jien naħfrilhom ħżunithom, u ħtijiethom aktar ma niftakarhomx*" (Ġeremija 31:31-34).

Id-dar ta' Ġuda u d-dar ta' Iżrael huma d-dar ta' Ġakobb. Kienet id-dar ta' Ġakobb li ħarġet mill-art ta' l-Eġittu. U dawk

li ħarġu mill-art ta' l-Eġittu jintqal li huma "missirijiethom"— il-missirjiet tad-dar ta' Iżrael u ta'Ġuda.

Dan huwa muri wkoll bil-fatt li meta l-qasma tal-poplu saret matul il-ħakma ta' Reħobogħam in-nies kienu msejħa d-dar ta' Iżrael, għalkemm id-dar ta' Benjamin hija msemmija wkoll bħala li hija fidila lejn id-dar ta' Ġuda. Dawk li kienu fidili lejn Reħobogħam inkludew ukoll xi wħud mill-bqija tal-poplu (ara 1 Slaten 12:21-23).

Il-patt il-ġdid kien evidentament magħmul mad-dar ta' Ġakobb; għaliex kieku d-dar ta' Ġakobb ma ħaddnitx lil Ġuda u lil Iżrael, u l-bqija ta' tribujiet oħra li saru identifikati magħhom, ma kien ikun baqa' ħadd fid-dar ta' Ġakobb matul il-jiem ta' Ġesù. U għalhekk, sakemm il-ħakma ta' Kristu kellha tkun fuq id-dar ta' Ġakobb, li kienet magħmula minn Ġuda u Iżrael, ma kien ikun baqa' ħadd fid-dar ta' Ġakobb li fuqhom Kristu jkun jista' jaħkem fuqhom waqt li jkun fuq it-tron ta' David.

*Ir-raba'*, Alla żamm il-wegħda Tiegħu, u Hu għamel patt ġdid ma Iżrael u Ġuda. Il-patt il-ġdid kien diġa sar, Il-profezija ta' Ġeremija tal-patt hija kkwotata f'Lhud 8:6-13. Alla neħħa l-ewwel patt biex iwettaq it-tieni, il-patt il-ġdid (Lhud 10:9-10). Dan il-patt sar qawwa wara, mhux qabel, il-mewt tal-Mulej Ġesù Kristu, li bid-demm tiegħu kien iddedikat u aħna mqaddsin (Lhud 9:18; 10:10). Għalhekk, huwa ovvju li l-patt il-ġdid kien ġie magħmul u issa huwa fil-qawwa. Kristu issa Hu l-Medjatur tiegħu (Lhud 12:24).

Ma' min kien il-patt magħmul? Il-profeta qal li dan ikun magħmul mad-dar ta' Iżrael u d-dar ta' Ġuda (Lhud 8:8). Billi t-Testment il-Ġdid jikkwotah bħala li hu mwettaq, dan kien magħmul ma' dawk li l-profeta Ġeremija wera. L-"aħna" li magħhom il-patt kien magħmul kienu "l-aħwa" li jsibu l-maħfra tad-dnubiet permezz ta' Kristu (Lhud 10:15, 16, 19, 20). Li l-istqarrija tal-profeta dwar lid-dnubiet ma jkunux imfakkra aktar hija mwettaq fit-Testment il-Ġdid huwa evidenti mill-interpretazzjoni magħmula tas-silta f'Lhud 10:15-19.

Li l-patt il-ġdid kien magħmul ma' Iżrael huwa wkoll evidenti minn Atti, fejn Iżrael kien offrut, u eluf aċċettaw, il-patt.

Is-Sinjurija ta' Ġesù kienet appridkata lil: "*Lhud*" (Atti 2:5); "*Ja rġiel tal-Lhudija, u intom ilkoll li tgħammru f'Ġerusalem*" (Atti 2:14); "*Ja rġiel ta' Iżrael*" (Atti 2:22); u "*id-dar kollha ta' Iżrael*" (Atti 2:36). Huma riedu li jkunu jafu x'għandhom jagħmlu.

> "*Imbagħad Pietru qalilhom: Indmu, u kull wieħed minnkom jitgħammed f'isem Ġesù Kristu għall-maħfra tad-dnubiet, u taqilgħu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu*" (Atti 2:38).

Lill-Irġiel ta' Iżrael kien ukoll ippridkat lilhom f'Atti 3:12,

> "*U meta Pietru ra dan, wieġeb lill-poplu: Ja rġiel ta' Iżrael, għaliex tistagħġbu b'dan? Jew għaliex għajnejkom fuqna, bħallikieku bil-qawwa u l-qdusija tagħna għamilna lil dar-raġel jimxi?*" (Atti 3:12).

> "*Għalikom l-ewwel Alla qajjem 'l Ibnu Ġesù, u bagħtu biex iberikkom, u jdawwar lil kull wieħed minkom mill-ħażen tiegħu*" (Atti 3: 26).

*Il-ħames*, il-patt il-ġdid kienu jidħlu fih dawk biss li kienu jaċċettawh. Id-dħul fil-patt il-ġdid kien għal dawk biss li kienu jaċċettawh. Alla ma sfurzax il-patt fuqhom. Huma ma kellhomx jaċċettawh bilfors imma jekk iridu, fil-fatt ħafna minnhom m'aċċettawhx. Il-patt il-ġdid ma kienx magħmul ma' persuna għaliex hija kienet mid-dar fiżika ta' Iżrael, għalkemm dan kien offrut lilhom kollha, imma kien magħmul biss ma' dawk li kienu lesti li jaċċettawh. Ukoll il-Lhud kellhom jitwieldu mill-ġdid. Dawk kollha minn Iżrael fiżiku li aċċettawh dak in-nhar daħlu f'relazzjoni ta' patt ma' Alla. Dawk kollha li jaċċettawh **issa** jidħlu f'relazzjoni ta' patt ma' Alla. U minn dan naraw kemm huwa tagħlim falz li l-millenjalisti qegħdin jgħallmu li Iżrael fiżiku kollu se jkun salvat minn Kristu meta jerġa' jiġi billi jikkwotaw u jinterpretaw ħażin Rumani 11:26 li qiegħed jitkellem dwar l-Iżrael spiritwali, li huma l-Kristjani

kollha! (Rumani 2:28-29; 3:9, 29, 30; 4:9-12; 9:6-8; 10:12; Galatin 3:26-29; 6:16; Filippin 3:3; eċċ.).

Ħafna minn Iżrael kellhom iż-żelu, imma mhux l-għarfien, u b'hekk huma ma ssuġġettawx lilhom infushom għall-ġus-tizzja ta' Alla. Fil-patt il-ġdid li tiegħu Kristu huwa ċ-ċentru (ara Rumani 10:1-4). Isaija irrealizza li mhux ilkoll jobdu l-Evanġelju (Rumani 10:16). Madankollu, "f'dan iż-żmien hemm il-fdal skond il-grazzja" (Rumani 11:5). Fi kliem ieħor, kien hemm xi wħud, li riedu jilqgħu l-Kelma ta' Alla—l-istess kif dejjem kien hemm fdal fil-jiem tat-Testment il-Qadim—u għalhekk irċevew il-patt il-ġdid meta dan kien imħabbar. Dawk ta' Iżrael li m'aċċettawħx kienu maqtugħa jew imqaċċta minħ-abba n-nuqqas ta' twemmin tagħhom (Rumani 11:20). Jekk il-Ġentili jkomplu fit-tjieba ta' Alla, jekk huma jkomplu bil-fedeltà kollha, ma jitqaċċtux, imma jkunu mqaċċta jekk ma jkomplux fil-fidi (Rumani 11:21-22). "Huma wkoll (il-Lhud) jerġgħu jitlaqqmu jekk ma jibqgħux ma jemmnux; għax Alla għandu l-qawwa li jerġa' jlaqqamhom" (Rumani 11:23). Kull wieħed u lkoll minn Iżrael fiżiku jistgħu jiġu fil-patt il-ġdid f'kull ħin li huma jemmnu l-Evanġelju. Kien minħabba n-nuq-qas ta' twemmin fl-Evanġelju li huma kienu mqaċċtin, u jkun permezz ta' twemmin fl-Evanġelju sewwasew fl-istess Evan-ġelju li huma rriġettaw li huma jkunu mlaqqma fih jekk huma ma jibqgħux ma jemmnux (Rumani 11:23).

*Is-sitta*, fil-patt il-ġdid Kristu għandu awtorità jew setgħa sħiħa. Kristu jaħkem u jsaltan fuq id-dar ta' Ġuda u ta' Iżrael (Ġeremija 31:31-34; Lhud 8:5-13). Ġesù Kristu għadu jsaltan u jaħkem f'dan il-patt fuq kull wieħed jew dawk kollha li jaċċet-tawh. Imma Kristu kellu jaħkem u jsaltan fuq id-dar ta' Ġakob meta Hu kien fuq it-tron ta' David (Luqa 1:31-33). Kristu kellu jkun hemm biex isaltan fuq id-dar ta' Ġakob. Hu beda jsaltan fuq id-dar ta' Ġakob meta l-patt il-ġdid beda japplika. Għal-hekk, Kristu kien f'dak il-waqt jaħkem fuq it-tron ta' David.

Huwa tassew, kif skritturi oħra tat-Testment il-Ġdid juru, li l-Ġentili huma wkoll inklużi fil-patt il-ġdid, imma dan ma jeli-minax il-fatt li dan kien magħmul ukoll ma' Ġuda u ma' Iżrael.

Barra minn dan, il-knisja hija *Iżrael spiritwali*. Ġuda u Iżrael jista' jkollhom riferenza għal Iżrael spiritwali.

Ma jkunx floku li tgħid li hemm ftit wisq mid-dar letterali ta' Ġuda u Iżrael li jaċċettaw il-patt il-ġdid illum, u li għalhekk Kristu ma jistax li qiegħed isaltan fuq it-tron ta' David. Dan ikun l-istess bħallikieku wieħed jgħid li Kristu issa mhuwiex qiegħed isaltan jew jaħkem fil-patt il-ġdid, u li l-patt ma kienx magħmul ma' Ġuda u Iżrael.

Jintqal ukoll minn xi wħud, li l-patt il-ġdid għadu ma ġiex magħmul. Ħaġa waħda li turi dan, jintqal, hija liż-żmien għadu ma ġiex meta kull bniedem ikun jaf lil Alla (Lhud 8:11). Dawk li joġġezzjonaw b'dan il-mod fehmu ħażin din is-silta u fuq il-bażi ta' l-għarfien tagħhom huma kkonkludew li l-profezija ma tistax tkun imwettqa billi l-għarfien tagħhom tas-silta għadu ma twettaqx. Huma żbaljati għal kollox! Ix-xhieda turi li l-profezija kienet imwettqa u li għalhekk il-patt il-ġdid kien magħmul u għalhekk dan il-vers kien imwettaq. Mhux biss aħna nafuh dan mill-kumplament tal-ħwejjeġ f'din il-profezija li kienu mwettqa, imma hemm spjega adattata ta' din is-silta. L-ispjega hija din: Taħt il-patt il-qadim in-nies kienu mwielda fir-razza tal-patt u mbagħad mgħallmin. Għalhekk kien hemm nies f'dak in-nazzjon li ma kinux jafu lil Alla. Imma fil-patt il-ġdid wieħed l-ewwel ikun mgħallem u mbagħad miġjub fil-patt. Dawk kollha f'relazzjoni tal-patt ma' Alla taħt il-patt il-ġdid jafu lil Alla. Huma kellhom ikunu jafuh sabiex jidħlu f'relazzjoni tal-patt. Huma kellhom ikunu mgħallma dwar Alla biex ikunu miġbuda fi Kristu (Ġwanni 6:44-45). Jistgħu jkunu jeħtieġu xi struzzjonijiet fuq ħwejjeġ oħra, imma lkoll kemm huma jafuh, mill-inqas wieħed sa l-akbar wieħed. Il-profezija ittrattat ma' aħwa u ċittadini flimkien (ġirien) *fis-saltna*, u mhux ma' nies fid-dinja. Din ittrattat ma' dawk li l-liġi ta' Alla kienet miktuba f'qalbhom (Lhud 8:10).

## KRISTU FUQ IT-TRON TA' DAVID META FUQ IT-TRON TIEGĦU STESS

Qari bil-għaqal tal-ħafna profeziji tat-Testment il-Qadim juri li 'David' huwa spiss titlu (billi hu kien tip ta' Kristu) għal Kristu. Billi dan hu tassew, allura jiġi li jekk Kristu jpoġġi fuq it-tron Tiegħu, dan għandu jkun it-tron ta' David. Billi "tron" ifisser setgħa sovrana u dinjità, Kristu, li Alla għollieh bil-leminija Tiegħu, 'meta hu qajmu mill-mewt' imlibbes 'bis-setgħa kollha fis-sema u fl-art,' qiegħed bilqiegħda fil-leminija ta' Alla Nnifsu fis-smewwiet, 'inkurunat bil-glorja u unur,' ''il fuq minn kull saltna u setgħa, minn kull qawwa u ħakma; 'il fuq minn kull isem li jissemma, kemm fis-sema u kemm fuq l-art." (Atti 2:32-33; Efesin 1:14, 19-22).

Il-prova li l-isem ta' David huwa xi kultant mogħti lil Kristu —b'hekk jippreżenta l-anti-tip (Kristu) taħt il-figura tat-tip (David), meta letteralment David ma kienx imfisser u għalhekk għalkemm il-Bibbja attwalment fissert xi ħadd, din ma fissritx letteralment lil dak imsemmi, David—din il-prova tinsab f'siltiet mill-Iskrittura bħal Ġeremija 30:9; EŻekjel 34:23; 37:24; Hosegħa 3:5).

Joseph Klausner, skular imminenti Lhudi, qal li l-Lhud qiesu lil David bħala tip ta' Kristu. Huwa jgħid: "Il-veru prototip tal-Messija kien it-tieni sultan Iżraelit, David, bin Ġesse. It-talenti politiċi kbar tiegħu, li bihom irnexxilu li jgħaqqad it-tribujiet ta' Iżrael u jagħmel nazzjon wieħed u qawwi skond il-ħsibijiet taż-żmien tiegħu, l-erojiżmu u l-kuraġġ kbir ta' l-għaġeb tiegħu, kif huwa muri fil-gwerer kbar tiegħu kontra l-ġirien kollha ta' Iżrael, u l-vittorji glorjużi tiegħu li fihom hu rebaħ lil dawk in-nies kollha li għalihom Iżrael kien suġġett sa dak iż-żmien—dawn il-ħwejjeġ kollha kienu neċessarji biex jagħmluh f'għajnejn il-poplu s-salvatur politiku kbir ta' dawk kollha li jiddefendu lil Iżrael f'kull żmien.

Imma l-karatteristiċi spiritwali tiegħu ukoll qabbluh biex isir f'għajnejn il-poplu it-tip ideali tas-Sultan-Messija.

Mhux biss l-isem "bin David' sar titlu ta' fama tas-Sultan-Messija, imma wkoll l-isem ta' 'David' innifsu. Il-profeta Hosegħa jgħid, dwar l-epoka tal-Messija,

*"Mbagħad ulied Iżrael jerġgħu jiġu, u jfittxu l-Mulej Alla tagħhom, u lil David is-sultan tagħhom."* (Hosegħa 3:5).

U fit-Talmund hemm opinjoni li l-Messija mistenni jkun David innifsu jew ikun imsejjaħ bl-isem 'David." F'Hosegħa, Klausner jaħseb li l-'isem David' huwa wżat hawn minflok 'id-dar ta' David'…" (Klausner, p. 21).

David, it-tip, jaħkem fuq il-poplu ta' Alla huwa xi kultant użat, għalhekk, meta Kristu jkun imfisser. Illum Kristu għandu saltna li fiha l-kulħadd, kemm Lhud u kemm Ġentili, li aċċettaw l-Evanġelju (ara Kolossin 1:13; Rumani 11:5, 10-23). Kristu jsaltan f'din is-saltna fuq it-tron fl-id il-leminija ta' Alla (Atti 2:33-34). Kristu għandu s-setgħa kollha fis-sema u fl-art (Mattew 28:18). Din il-ħakma għandha tkompli sakemm l-aħħar għadu jkun mirbuħ (Atti 2:35), liema l-aħħar għadu hija l-mewt (1 Korintin 15:25-26).

*"U meta kollox ikun imqiegħed taħtu, mbagħad l-Iben stess jitqiegħed taħt Alla li jkun qegħedlu kollox taħtu, sabiex Alla jkun kollox f'kollox"* (1 Korintin 15:28).

Dan ifisser lit-tmiem ikun ġie u s-saltna tkun merħija lil Alla (1 Korintin 15:24). Għalhekk Kristu qiegħed fuq it-tron u jaħkem issa fis-saltna f'ħakma li tispiċċa sakemm jasal it-tmiem. Hu għandu jsaltan sakemm dan ikun imwettaq (1 Korintin 15:24-25). Għalhekk, ma hemm ebda tron jew ħakma ta' Kristu fuq l-art għal elf sena biex jieħdu post din il-ħakma u s-saltna. Dak huwa kollu tagħlim tal-profeti u għalliema foloz li wkoll Ġesù Kristu wissa dwarhom. Meta Kristu jiġi, Hu jiġi mhux biex isalva lil xi grupp ta' Lhud, imma biex jerħi s-saltna u jagħmel il-ħaqq u jkompli jaħkem bħala Alla fis-smewwiet għal l-eternità.

Billi David bħala sultan li kien jaħkem fuq il-poplu ta' Alla kien tip ta' Kristu fuq it-tron Tiegħu, Kristu għandu jkun fuq it-tron ta' David, billi Hu qiegħed fuq it-tron Tiegħu jsaltan fuq

il-poplu ta' Alla. Kristu fuq it-tron Tiegħu huwa dak li hu mfisser meta jintqal li Hu jkun fuq it-tron ta' David.

Ċertament, mhuwiex raġunèvoli jew Skritturali li tgħid li David, is-sultan, kien tip ta' Kristu, imma t-tron ta' David ma kienx tip tat-tron ta' Kristu. Ħadd mhu se jsostni li tron letterali ta' David huwa mfisser f'Eżekjel 37:24. Dan juri kemm l-interpretazzjoni tal-millenjalisti hija falza u żbaljata għaliex huma jammettu f'ċerti skritturi jew siltiet li huma figurattivi imma mbagħad skritturi oħra fejn dawn jitkellmu dwar l-istess ħaġa huma jinterpretawhom letteralment! Hawn, f'din is-silta, huma ma jargumentawx lid-differenza, fuq din is-silta, bejnhom u bejn dawk li ma jaċċettawx il-veduta premillenjali, hija bejn dawk li jieħdu l-veduta letterali ta' din il-profezija u dawk li jgħidu li hija figurattiva jew tipika. Huma spiss jargumentaw hekk f'postijiet oħra, imma hawn huma ma jargumentawx hekk!

Kif, mela, jekk f'Eżekjel 37:24 David huwa wżat bħala tip ta' Kristu, u David letterali mhuwiex imfisser, jista' wieħed jargumenta lit-tron u l-ħakma mhumiex użati wkoll bħala tip tat-tron u l-ħakma ta' Kristu? Kif jista' wieħed jargumenta lis-sultan David huwa wżat tipikament, imma lit-tron li fuqu huwa jsaltan bħala sultan mhuwiex użat tipikament? Kif jista' David, biex inpoġġiha f'mod ieħor, bħala mexxej, ikun użat bħala tip ta' Kristu bħala mexxej jew ħakkiem, imma t-tron li fuqu Hu jaħkem ikun it-tron letterali li fuqu David ħakem minflok ma jkunu tipiku tat-tron ta' Kristu? Billi David, is-sultan, huwa wżat bħala tip, billi huwa l-ħakkiem, kif jista' t-tron ikun ħaġa' oħra milli jkun tipiku? Ir-riferenza għat-tron hija sempliċiment mod wieħed li jirriferi għal-ħakma.

Kif jista' wieħed jaħrab mill-konklużjoni li billi David jaħkem bħala sultan fuq il-poplu ta' Alla kien tip ta' Kristu, Kristu u l-ħakma Tiegħu fuq il-poplu ta' Alla hija l-antitip? Għalhekk kif wieħed jista' jevita l-konklużjoni li ladarba Kristu qiegħed fuq it-tron Tiegħu fuq il-poplu ta' Alla, dan huwa t-tron u l-ħakma li kienu murija fil-profezija tat-Testment il-Qadim taħt it-tip tat-tron u l-ħakma ta' David?

## IS-SUSTANZA AQWA MID-DELL

Hemm dawk li jsostnu li t-tron fl-id il-leminija ta' Alla qatt ma kien okkupat minn David, u li t-tron ta' David sempliċiment kien ħakma fuq in-nazzjon ta' Iżrael. Għalhekk, it-tron ta' Kristu fl-id il-leminija ta' Alla ma jistax ikun il-ħakma fuq it-tron ta' David. Jekk dan hu tassew, mbagħad is-saltna li ġejja ta' Kristu tkun inferjuri għall-ħakma preżenti Tiegħu. Hu għandu jinżel mit-tron tas-sema u jokkupa tron inferjuri f'Ġerusalem! Is-saltna millenjali tkun inżul fil-grad għal Kristu! Taqbel int ma' dan?

Huwa importanti ħafna għalina li nifhmu u nirrealizzaw li l-antitip huwa superjuri għat-tip. Id-dell, David, kien inferjuri għas-sustanza, Kristu. Is-sustanza hija aqwa mid-dell. Naqraw f'Lhud 10:1,

> "*Għax billi l-liġi għandha d-dell tal-ħwejjeġ li għandhom jiġu, u mhux ix-xbieha tal-ħwejjeġ infushom, ma tista' qatt bl-istess sagrifiċċji, li joffru minn sena għal sena, bla ma jaqtgħu xejn, tagħmel perfetti 'l dawk li jersqu lejn l-altar.*"

Il-postijiet qaddisa tat-Testment il-Qadim kienu figuri tal-veri fejn Kristu jidher fis-smewwiet għalina. Naqraw f'Lhud 9:24,

> "*Għax Kristu ma daħalx f'santwarji maħdumin bl-idejn, li huma xbihat tal-veru; iżda fis-sema stess, biex jidher issa għalina quddiem Alla.*"

Is-santwarju nnifsu kien figura, li ma kienx kbir daqs ir-realtà taħt it-Testment il-Ġdid. Dwar dan naqraw ukoll f'Lhud 9:8-11,

> "*B'dan l-Ispirtu s-Santu kien juri, li t-triq tas-santwarju kienet għadha mhix miftuħa, waqt li l-ewwel tinda kienet għadha wieqfa: Din kienet tixbiha għaż-żmien ta' issa; u li fiha*

*kienu jkunu offruti sew għotjiet u kemm sag-rifiċċji, li ma kinux jistgħu jagħmlu perfett lil dak li kien jagħti qima, għal dik li hi kuxjen-za; Billi dawn kellhom x'jaqsmu biss ma' ikel u xorb, u ħafna ħasil, u regulamenti tal-ġisem, imposti fuqhom sama jasal żmien it-tibdil. Imma Kristu billi ġie qassis il-kbir tal-ħwejjeġ tajba li għandhom jiġu, għadda minn tinda akbar u aktar perfetta, li mhix maħduma bl-idejn, jiġifieri, mhix ħolqien ta' din l-art.*"

Id-demm tas-sagrifiċċji tat-Testment il-Qadim kien tip tas-sagrifiċċju aħjar tad-demm ta' Kristu. Ukoll dwar dan naqraw f'Lhud 9:22-26, 28; 10:10.

"*U kważi kollox jissaffa bid-demm skond il-liġi: u bla tixrid tad-demm m'hemmx maħfra. Għalhekk mela kien meħtieġ li x-xbihat tal-ħwejjeġ tas-sema jissaffew b'dawn; iżda l-ħwejjeġ tas-sema nfushom b'sagrifiċċji aħjar minn dawn…bis-sagrifiċċju tiegħu nnifsu.*"

David is-sultan kien tip ta' Kristu s-Sultan; u fi qbil mal-fatt li l-antitip huwa akbar u aqwa mit-tip, Kristu huwa wisq aqwa minn David. Wara li David kien fil-qabar, Eżekjel ipprofetizza li:

"*David il-qaddej tiegħi, ikun sultan fuqhom; …il-qaddej tiegħi David ikun il-prinċep tagħ-hom għal dejjem*" (Eżekjel 37:24-25).

Il-wieħed iżda, li kellu jkun Sultan fuqhom għal dejjem ma kienx David, imma Kristu u dan wieħed ikun jafu jekk huwa jħalli l-Iskrittura tinterpreta lilha nfisha u mhux jaċċetta l-inter-pretazzjoni tal-Millenjalisti b'għajnejh magħluqa! Il-Kelma ta' Alla tagħtina l-interpretazzjoni tagħha billi tgħid hekk dwar dan:

"*Għax tweldilna tifel, ngħatalna iben; is-set-għa tkun fuq spallejh, u jsemmuh: Kunsillier*

*ta' l-għaġeb, Alla setgħan, Missier għal dejjem, Prinċep tal-paċi. Kbira tkun is-setgħa tiegħu, u s-sliem bla qjies fuq it-tron ta' David u s-saltna tiegħu. Hu jwettaqha u jsaħħaha bil-ħaqq u s-sewwa, minn issa u għal dejjem.* (Isaija 9:6-7).

Ukoll f'Luqa 1:31-33,

> "*Ara, inti se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir, u jkun jissejjaħ Bin l-Għoli. Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb, u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu.*"

Jista' jkun il-kliem aktar ċar minn hekk? Għalhekk, Kristu, mhux David, huwa Dak imfisser, u David huwa wżat sempliċiment bħala t-tip ta' Kristu. Imma t-tip ma kienx egwali għal antitip; l-antitip, Kristu, kien infinitament aqwa mit-tip, David.

Billi David is-sultan kien tip ta' Kristu, it-tron ta' David kellu jkun tip tat-tron ta' Kristu. Wieħed m'għandux jistenna aktar li t-tip, it-tron ta' David, li jkun identifikat ma' jew egwali għal l-antitip, it-tron ta' Kristu, milli huwa jistenna li David ikun identiku ma' jew egwali għal Kristu. U madankollu jista' jintqal b'mod xieraq li huwa t-tron ta' David, f'dak it-tron ta' David kien id-dell li tiegħu Kristu kien is-sustanza (fi kliem ieħor, tip u antitip). Jista' jintqal, u għandu jkun xieraq li tgħid li dan huwa t-tron ta' David bħallikieku tgħid li Kristu huwa l-David ta' Eżekjel (Eżekjel 37:24-25).

Billi l-antitip huwa aqwa mit-tip, u wieħed għandu jammetti lit-tron ta' David kien tip, allura huwa evidenti li wieħed għandu jkun tal-fehma li t-tron anti-tipiku għandu jkun aqwa mit-tron ta' David, li kien it-tip. Kif Kristu kien aqwa minn David, hekk ukoll it-tron Tiegħu għandu jkun aqwa mit-tron ta' David. Wieħed m'għandu ebda raġuni li jagħmel it-tron ta' David tip li ma joqgħodx fir-regola lit-tip huwa inferjuri għal l-antitip.

Huwa għalhekk mhux raġunèvoli u mhux Skritturali li targumenta li Kristu ma jistax issa jkun fuq it-tron ta' David, għaliex it-tron li fuqu issa qiegħed Kristu huwa bil-wisq superjuri għat-tron li fuqu kien David. Imma jintqal mill-millenjalisti li "L-Mulej irxoxtat huwa tabilħaqq eżaltat u fuq it-tron issa. Imma l-pożizzjoni ta' awtorità jew setgħa li jokkupa hemm fuq ma wiritha fl-ebda sens minn missieru, David. David qatt ma okkupa *dak* it-tron, lanqas ma kien jista'; l-istess daqs kemm huwa evidenti ukoll li l-Mulej Ġesù qatt għadu ma eżerċità l-awtorità fl-isfera tal-ħakma ta' David. It-tron li l-Mulej tagħna jokkupa issa huwa sovranità inklussiva kollha fis-sema. Hija pożizzjoni ta' awtorità suprema miżmuma minnu bħala r-raġel-Alla glorjuż—'sa ma l-għedewwa tiegħu jitqiegħdu mirfes taħt riġlejh…' Huwa qsim flimkien tat-tron ta' Alla li fuqu ebda sempliċi kreatura qatt ma poġġiet jew tista' tpoġġi" (R. H. Boll, *op. cit.*, p. 113). It-tip huwa inferjuri għal l-antitip, u wieħed għandu, għalhekk, jargumenta li Kristu (David l-antitipiku) għandu jkun fuq it-tron li huwa bil-wisq superjuri għal dak ta' David (it-tron tipiku). Minflok li l-punt tal-Millenjalisti jkun kontra l-interpretazzjoni tagħna, wieħed jistenna interpretazzjoni bħal din li tkun tajba, billi l-antitip huwa superjuri għat-tip.

L-interpretazzjoni tal-Millenjalisti li għadna kif rajna tista' tkun applikata bl-istess qawwa kontra l-idea tagħhom li Kristu se jkun f'millenju fuq it-tron ta' David fuq l-art. Din tista' tkun applikata kontra lit-tron ta' David ikun tron f'millenju bi Kristu jsaltan jew jaħkem fuq l-art minn Ġerusalem, għal dawn ir-raġunijiet li se nsemmi: Il-maħsub tron fil-millenju se jkun bil-wisq differenti u bil-wisq superjuri għat-tron ta' David f'Iżrael. Kif dan ikun hekk?

*L-ewwel*, Dan ikun akbar ġeografikament. Ta' David kien illimitat għall-pajjiż żgħir, imma t-tron ta' Kristu fil-millenju, jgħallmu l-millenjalisti, ikollu l-kwartieri ġenerali tiegħu f'Ġerusalem, imma jestendi 'l bogħod ħafna mill-Palestina u jħaddan id-dinja. Qatt David kellu ħakma bħal din?

*It-tieni*, Dan iħaddan wisq aktar minn nazzjon ta' Iżrael f'dak li huwa jħaddan wisq aktar ġnus. David qatt ma kellu

ħakma bħal din. (Il-Millenjalisti stess jgħidu li "t-tron ta' David—li dejjem fisser sempliċiment is-sovranità iddelegata-divinament fuq in-nazzjon ta' Iżrael, 'id-dar ta' Ġakobb' (Luqa 1:32-33)" Kif, mela, jista' t-tron ta' David ifisser il-ħakma ta' Kristu mhux biss fuq in-nazzjon ta' Iżrael, imma fuq il-ġnus kollha tad-dinja? It-tron ta' David qatt ma inkluda dik l-awtorità u ħakma. L-uniku mod li l-Millenjalisti nfushom jistgħu jiġġustifikaw f'li japplikaw it-terminu "it-tron ta' David" għat-tron ta' Kristu fuq id-dinja kollha fil-millennju għandu jkun li jżommu li l-antitip huwa aqwa jew akbar mit-tip, u, għalhekk, il-ħakma ta' Kristu fuq it-tron ta' David tinkludi wisq aktar milli li David ikun fuq it-tron ta' David qatt inkludiet. U meta huma jargumentaw dan, ikunu qegħdin jammettu li t-tron ta' Kristu (Kristu fuq it-tron ta' David) għandu jinludi aktar milli nkluda t-tron letterali ta' David. U meta dan ikun argumentat, il-punt li l-millenjalisti jagħmlu permezz ta' R.H. Boll u oħrajn huwa mwaqqa' fil-prinċipju.

*It-tielet*, il-ħakma fil-millennju tkun bil-wisq aktar differenti mit-tron ta' David f'dak li David ħakem fuq nies mortali biss waqt li Kristu għandu jaħkem fuq nies immortali rxuxtati kif ukoll nies mortali fil-millenju. Fejn David qatt kellu ħakma bħal din?

*Ir-raba'*, Is-setgħa li Kristu għandu jkollu fil-millennju tkun bil-wisq aktar superjuri għas-setgħa li kellu David waqt li kien fuq it-tron tiegħu.

Jekk dawn il-ħwejjeġ kollha, skond kif jaħsbuha l-Millenjalisti jistgħu jkunu nklużi fit-tron ta' David fil-Millennju li huma jassumu, *it-tron ta' David, mela, għandu jkun bil-wisq aktar differenti u bil-wisq aktar superjuri għat-tron ta' David taħt it-Testment il-Qadim*. U għalhekk l-istess argument, fil-prinċipju, li huma wżaw kontra li Kristu jkun fuq it-tron ta' David issa għaliex it-tron tiegħu huwa eżaltat wisq 'il fuq minn dak ta' David, jista' jkun użat bl-istess qawwa kontra l-interpretazzjoni millenjali tat-tron ta' David.

David fuq it-tron tiegħu kien tip ta' Kristu fuq it-tron Tiegħu. Kristu issa qiegħed fuq it-tron Tiegħu, għaliex Hu

jsaltan fis-saltna tiegħu (Atti 2:33-34; Kolossin 1:13). Li David jaħkem fuq il-poplu ta' Alla kien tip ta' Kristu jaħkem fuq il-poplu ta' Alla. Kristu issa qiegħed jaħkem fuq il-poplu ta' Alla. Għalhekk aħna għandna nikkonkludu li Kristu issa qie-għed fuq it-tron ta' David u mhux jistenna sal-millenju!

## IT-TRON TA' DAVID KIEN FUQ L-ART

Il-Millenjalisti jsostnu li Kristu ma jistax issa jkun fuq it-tron ta' David fis-smewwiet. Huma jgħidu lit-tron ta' David qatt ma kien fis-smewwiet, imma kien fuq l-art. Għalhekk, Kristu għandu joqgħod fuq tron fuq l-art sabiex ikun fuq it-tron ta' David. Minn dan wieħed jara sa fejn jaslu dawn l-għalliema foloz biex iwasslu t-tagħlim falz tagħhom. It-tweġiba għal din l-oġġezzjoni hija kif ġej:

*L-ewwel*, it-tron ta' David kien it-tron ta' Alla, għaliex Alla tahulu. Kien it-tron ta' Alla, għaliex permezz tiegħu Alla ħakem u mexxa lill-poplu Tiegħu fuq l-art (ara 1 Slaten 1:46-48; 2:12; 1 Kronaki 29:23). B'hekk, it-tron, għalkemm fuq l-art, kien it-tron ta' Alla u tal-ħakma Tiegħu fuq il-poplu Tiegħu.

Kristu qiegħed fuq it-tron Tiegħu (Kolossin 1:13); imma Kristu qiegħed ukoll fuq it-tron tal-Missier (Rivelazzjoni 3:21). Fuq dan it-tron Kristu jaħkem fuq il-poplu ta' Alla li jinsab fuq l-art. Alla iddelega l-ħakma lil Kristu u Alla jaħkem permezz ta' Kristu (ara 1 Korintin 15:24-28).

Ma hemm ebda bżonn lit-tron ikun fuq l-art għal Kristu biex ikollu l-awtorità kollha fuq il-poplu ta' Alla. Hu għandu l-ħak-ma kollha fuq il-poplu ta' Alla llum li qatt kellu David.

*It-tieni*, kif irrivelat f'Żakkarija 6:12-13, Kristu kellu jkun Sultan u Qassis fuq it-tron Tiegħu. Kristu issa Hu Sultan u Qassis mhux fuq tron fuq l-art, imma fuq wieħed li qiegħed fuq l-id il-leminija ta' Alla (Atti 2:33-34; Lhud 1:3, 13; 8:1, 4).

Billi t-tron ta' David kien tip tat-tron ta' Kristu, billi Kristu issa qiegħed fuq it-tron tiegħu, u billi Hu ma jistax ikun Qassis u Sultan fuq tron fuq l-art, it-tron ta' Kristu għandu jkun fis-smewwiet. Taqbel int ma' dan?

*It-tielet*, billi t-tip huwa inferjuri għal l-antitip, wieħed jistenna lit-tron ta' Kristu (l-antitip) ikun wisq aktar superjuri għat-tron ta' David (it-tip). Għalhekk, m'għandu jkun ta' l-ebda sorpriża għalina li l-post li minnu Kristu qiegħed isaltan issa huwa bil-wisq aktar superjuri mill-post li minnu David saltan—Ta' Kristu jinsab fis-smewwiet u ta' David fuq l-art. U dan li l-millenjalisti ma jistgħux u ma jridux li jifhmu u jaraw! U dan iffakkarni f'dak li qal l-Ispirtu s-Santu permezz tal-profeta Isaija u ta' l-appostlu Pawlu fejn qal:

> "*Mur għand dan il-poplu u għidilhom: Tisimgħu kemm tisimgħu ma tifhmux, u tħarsu kemm tħrasu ma tarawx. Għax il-qalb ta' dan il-poplu twebbset: kienu tqal biex jisimgħu b'widnejhom, u għalqu għajnejhom, li ma jmorrux jaraw b'għajnejhom u jisimgħu b'widnejhom u jifhmu b'moħhom, u hekk ibiddlu ħajjithom u jiena nfejjaqhom*" (Atti 28:25-27).

Mhuwiex eżattament dan li qiegħed jiġri llum permezz ta' dan it-tagħlim falz? Ħalli nkomplu naraw aktar provi Skritturali li jwaqqgħu dan it-tagħlim falz!

*Ir-raba*, Salm 110:1 huwa mwettaq fl-elevazzjoni ta' Kristu għat-tron fl-id il-leminija ta' Alla (Atti 2:33-34). Induru għal dan is-Salm, aħna nsibu li Kristu jsaltan f'nofs l-għedewwa Tiegħu, u li Hu jirbaħ lil għedewwa Tiegħu fuq l-art. Imma l-fatt lit-tron Tiegħu qiegħed fuq l-id il-leminija ta' Alla ma jżommux milli jsaltan fuq il-poplu ta' Alla u jegħleb lil għedewwa Tiegħu. Mela għaliex wieħed jinsisti li Kristu ma jistax jaħkem jew isaltan fuq it-tron ta' David fis-smewwiet, billi t-tron ta' David, wara kollox, kien is-sovranità ta' David fuq Iżrael? U fuq it-tron Tiegħu fl-id il-leminija ta' Alla, Kristu Hu Sultan, Hu Mulej, ukoll fuq Iżrael (Atti 2:33-36).

*Il-ħames*, dawn l-għalliema foloz, il-millenjalisti, jargumentaw li Kristu sejjer jaħkem fuq art imġedda fil-millennju. It-tron ta' David ma kienx aktar fuq art imġedda u mibdula milli dan kien allokat fis-sema fl-id il-leminija ta' Alla. Għaliex ma

jargumentawx li t-tron ta' Kristu fuq art ġdida u mibdula jkun l-istess bħat-tron ta' David fuq l-ewwel art li ma kinetx f'kondizzjoni bħal din?

*Is-sitta*, għaliex ma jargumentawx il-millenjalisti li t-tron li huma jassumu tal-millennju ma jistax ikun it-tron ta' David, billi David ħakem skond il-liġijiet tat-Testment il-Qadim, waqt li l-ħakma ta' Kristu ma tistax tkun skond dawk il-liġijiet? Kristu ma jistax ikun Sultan u Qassis fuq it-tron Tiegħu kieku l-liġi ta' Mosè kienet għadha fil-qawwa (Lhud 7:132-14; 8:4). Mba-għad, ukoll, il-millenjalisti jagħrfu lis-saltna mwiegħda mill-profeti tat-Testment il-Qadim ma kellix tkun identika mas-saltna tat-Testment il-Qadim. Ukoll, il-liġijiet tat-Testment il-Qadim intqalu lil missirijiet fl-imgħoddi, u għaż-żmijiet ta' l-imgħoddi, u mhux għalina (ara Lhud 1:1-2).

Il-ħakma ta' David kienet fuq poplu fuq l-art; il-ħakma ta' Kristu hija fuq poplu fuq l-art. L-awtorità Tiegħu fuq il-poplu ta' Alla hija sewwasew definittiva daqs kemm kienet ta' David għalkemm it-tron Tiegħu qiegħed fuq l-id il-leminija ta' Alla. Tiegħu hija ħakma fuq poplu fuq l-art, inkwantu l-lokazzjoni tat-tron li fuqu Hu jpoġġi.

Il-ħaġa importanti mhjiex il-lokazzjoni fiżika tat-tron Tiegħu, imma l-fatt ta' l-awtorità Tiegħu.

## KRISTU ISSA FUQ IT-TRON TAL-MISSIER MINFLOK FUQ IT-TRON TIEGĦU STESS

Xi kultant dawn l-għalliema foloz joġġezzjonaw billi jgħidu li Kristu mhuwiex qiegħed fuq it-tron Tiegħu stess, imma li Hu jinsab fuq it-tron tal-Missier. Jekk dan l-argument huwa tajjeb, Kristu ma jkunx fuq it-tron tiegħu stess fil-ħakma Tiegħu tal-millennju; U għalhekk il-pożizzjoni tagħhom stess hija meqruda. Hu jkun fuq it-tron ta' David u mhux fuq ta' Kristu!

> "*Mela billi kien profeta, u billi kien jaf li Alla kien wiegħdu b'ħalfa, li mill-frott ta' ġenbejh, skond il-ġisem, iqajjem 'il Kristu biex joqgħod fuq it-tron tiegħu*" (Atti 2:30).

Għalhekk, dan ma jistax ikun it-tron ta' Kristu kif jaħsbu l-millenjalisti, fil-millennju. Skond din il-loġika Kristu qatt ma jaħkem fuq it-tron tiegħu stess, għaliex il-millenjalisti jemmnu li wara l-ħakma millenjali Kristu jċedi s-saltna lill-Missier.

L-arument ma jreġix, għaliex Kristu issa qiegħed isaltan fuq it-tron fl-id il-leminija ta' Alla (Atti 2:33-24; Lhud 1:3, 13; 1 Korintin 15:24-28). Huwa t-tron ta' Kristu billi hija s-saltna ta' Kristu (ara Kolossin 1:13). Aħna bħala Kristjani tat-Testment il-Ġdid nemmnu lil l-Ispirtu s-Santu u mhux lil l-għalliema foloz!

Xi ħaġa tista' tkun ta' Alla u ta' Kristu fl-istess ħin. L-appostlu Pawlu qal li nies li jagħmlu l-ħażen ma jistax li jkollhom wirt fis-saltna ta' Kristu (Efesin 5:5). L-Evanġelju hu "l-Evanġelju ta' Kristu" (1 Tessalonikin 3:2), "l-Evanġelju ta' Alla" (1 Tessalonikin 2:2, 8-9), u "l-Evanġelju tagħna" (2 Korintin 4:3), "…Alla li sejħilkom għas-saltna u l-glorja tiegħu" (1 Tessalonikin 2:12). Ukoll, it-tron jista' jkun it-tron ta' Kristu u t-tron ta' David. Meta Salamun kien fuq it-tron tiegħu (1 Slaten 1:37, 47), Salamun kien fuq it-tron ta' David (1 Slaten 1:35; 2:12) u fuq it-tron ta' Alla (1 Kronaki 29:23), li kien ukoll it-tron li fuqu qagħad David. Għalhekk, meta Kristu qiegħed fuq it-tron ta' David Hu qiegħed fuq it-tron ta' Alla; u meta fuq it-tron ta' Alla hu qiegħed fuq it-tron Tiegħu, it-tron ta' David, li kien imwiegħed Lilu.

Il-millenjalisti jsostnu li fil-millenju li huma, b'mod żbaljat jassumu li għad irid jiġi, tkun is-saltna ta' Alla, is-saltna tal-Missier (Mattew 13:43), is-saltna ta' Kristu, u s-saltna ta' David; billi Kristu kellu jaħkem fuq il-poplu fuq it-tron ta' David. Meta huma jispjegaw kif dan kollu jista' jkun—jekk kellu jkun hemm millenju kif huma jpinġuh—huma jkunu spjegaw kif it-tron illum jista' jkun ta' Kristu, ta' Alla u ta' David.

Biex nerġa' nagħmel illustrazzjoni: il-knisja hija l-knisja ta' Kristu (Kolossin 1:18; Efesin 1:21-22; Rumani 16:16; Atti 20:28), u l-knisja ta' Alla (1 Korintin 1:2). Imma din hija l-istess knisja!

Alla ssuġġetta s-saltna għal Kristu, imma Hu ma ssuġġettax Lilu nnifsu għal Kristu (1 Korintin 15:27).

Hemm ħafna modi li fihom il-ħakma ta' David fiha xebħ kbir għall-ħakma ta' Kristu fuq is-saltna ta' Alla. L-ewwel aħna nitgħallmu lit-tnejn David u Kristu kienu profeti. Atti 2:30 jitkellem dwar David fejn jgħid "*Mela billi kien profeta.*" Is-Salmi ta' David hum mimlija bil-profeziji dwar Kristu. Jintqal lilna f'Atti 3:20-22 u 7:37 li Ġesù Kristu huwa l-Profeta li dwaru tkellem Mosè f'Dewteronomju 18:15. Ġesù kien l-akbar fost il-profeti, imma David kien profeta kbir.

Għalkemm ma kinetx il-funzjoni regolari tiegħu, David f'xi waqtiet wettaq il-funzjoni ta' qassis (2 Samwel 6:18; 1 Kronaki 16). Kristu Hu l-Qassis tagħna għal dejjem.

David kien sultan u hekk ukoll Kristu. Il-wegħda, iżda, li tikkonċerna d-dixxendenti skond il-ġisem ta' David, u t-tron tiegħu tad-dinja, kienet kondizzjonali. David qal lil Salamun biex iżomm il-kmandamenti ta' Alla,

> "*Biex il-Mulej iwettaq kelmtu li tkellem għalija, billi qal: Jekk uliedek iħarsu triqthom, billi jimxu quddiemi bil-fedeltà b'qalbhom kollha, u b'ruħhom kollha, ma jinqatagħlek qatt (qal hu) nisel fuq it-tron ta' Iżrael*" (1 Slaten 2:4).

> "*…Jekk tfittxu, iħallik issibu; iżda jekk titilqu, jarmik għal dejjem*" (1 Kronaki 28:9b)

Salamun evidentament ma żammx il-kmandamenti tal-Mulej. Naqraw fl-1 Slaten 11:11,

> "*Għalhekk il-Mulej qal lil Salamun: Talli għamilt dan, u ma ħaristx il-għaqda tiegħi, u l-istatuti tiegħi, li jien tajtek, żgur li jien inċarrat is-saltna minn fuqek, u nagħtiha lill-qaddej tiegħek.*"

Iżda, dan ma kellux isir matul il-ħajja tiegħu, u tribù wieħed kellu jkun imħolli

> "*lil ibnek minħabba David, il-qaddej tiegħi, u minħabba Ġerusalem li jiena għażilt*" (1 Slaten 11:13).

Aktar tard kien miktub:

> "*Għalhekk il-Mulej għadab sħiħ għal Iżrael, u warrabhom minn quddiem wiċċu: ma kienx baqa' ħlief tribù Ġuda waħdu. U Ġuda wkoll ma ħarisx il-kmandamenti tal-Mulej, Alla tagħhom, iżda mexa mad-drawwiet li daħħlu l-Iżraelin. U l-Mulej rema lil ġens Iżrael kollu, u għakkishom, u rħiehom f'idejn il-ħallelin, sama waddabhom minn quddiem wiċċu*" (2 Slaten 17:18-20).

Ukoll huwa miktub f'Eżekjel 21:25-27,

> "*U int, o prinċep ta' Iżrael, bla ġieh u midgħi, li wasal jumu, fiż-żmien ta' tmiem il-ħażen, hekk jgħid Sidi l-Mulej: Neħħi t-turbant, u aqla' l-kuruna: xejn ma jibqa' kif inhu: għolli lil min hu baxx, u baxxi lil min hu għoli. Ħerba! ħerba! ħerba! Nagħmilha: hi wkoll ma tibqax iżjed, sama jiġi min lilu tmiss bil-ħaqq, u nagħtihielu.*"

It-tron ta' Kristu, iżda, mhuwiex temporanju. Dan ma kellux "ikollu tmiem" (Luqa 1:32-33).

> "*Imma għall-Iben qal: It-tron tiegħek, o Alla, hu għal dejjem ta' dejjem: xettru ta' ħaqq hu x-xettru ta' saltnatek*" (Lhud 1:8).

Dan hu l-istess kif il-profeta Isaija kien ra minn qabel (Isaija 9:6-7).

L-awtorità ta' Kristu mhijiex fuq Iżrael skond il-ġisem (Atti 2:36), imma wkoll fuq il-Ġentili (Rumani 15:12), billi l-awtorità kollha kienet mogħtija Lilu (Mattew 28:18).

Il-konklużjoni ta' dan kollu hija li Kristu issa qiegħed fuq it-tron ta' David, u n-nies għandhom jissottomettu Għalih bħala

kemm Mulej u kemm Kristu, jew inkella jekk ma jagħmlux dan ibatu l-konsegwenzi. (Atti 2:34-35; 3:21-23). Dan japplika kemm għal-Lhud kif ukoll għall-Ġentili. Meta Kristu jerġa' jiġi Hu mhux se jiġi biex isalva lil Iżrael skond il-ġisem, dik hija interpretazzjoni żbaljata għal kollox tal-Kelma ta' Alla mill-millenjalisti. Lest int issa li taċċettah bħala s-Salvatur, jew f'xi jum tkun quddiemu bħala l-Imħallef? (Atti 2:21, 38, 41; 17:29-32). Tħallix, mela, li tkun imqarraq bit-tagħlim falz tal-millenjalisti!

## IT-TRON TA' MISSIERU DAVID

> "*Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' missieru David*" (Luqa 1:32).

Dan il-kliem kien imlissen mill-anġlu Gabrijel lil Marija, meta qalilha li hija tnisself'ġufha u jkollha iben, Ġesù (Luqa 1:31).

Ħafna nies iħossu li din il-profezija għad ma ġietx imwettqa, u li Ġesù għad ma rċeviex it-tron ta' missieru David. Diġa rajna aktar qabel dwar dan imma tajjeb li ngħidu xi ħaġa oħra ħalli nkomplu nsaħħu dak li tassew tgħid il-Kelma ta' Alla u nuru kemm huwa tagħlim falz dak li huwa mgħallem mill-millenjalisti! Dawn l-għalliema foloz iħarsu 'l quddiem għal żmien meta Ġesù jpoġġi fuq it-tron ta' David f'Ġerusalem, u jsaltan għal elf sena minn hemm.

Xi kultant wieħed jistaqsi, "Min qiegħed issa fuq it-tron ta' David? It-tweġiba li tinġieb hija, "Ħadd."

Iżda, aħna nsotnu li Ġesù Kristu QIEGĦED issa jsaltan mit-tron ta' David. Ħalli nkomplu naraw ħames raġunijiet oħra ma' dawk li diġa rajna għaliex aħna, bħala Kristjani fil-knisja ta' Kristu, insostnu dan:

**I. *It-tron ta' David huwa l-istess bħat-tron ta' Alla*.**

Naqraw f'Eżodu 19:3-6,

> *"U Mosè tala' ħdejn Alla, u l-Mulej għajjatlu mill-muntanja, qallu: Hekk tgħid lil dar*

> *Ġakobb, u tgħid lil ulied Iżrael. Intom rajtu x'għamilt lill-Eġizzjani, u kif erfajtkom fuq ġwinħajn ajkla, u ġibtkom lejja. Għalhekk issa, jekk tassew tisimgħu kliemi, u tħarsu l-għaqda tiegħi, intom tkunu t-teżor partikulari tiegħi fost il-popli kollha: U tkunu għalija saltna ta' qassisin, u ġens imqaddes. Dawn huma l-kliem li int għandek tgħid lil ulied Iżrael.*"

Naqraw fl-1 Samwel 8:7,

> "*U l-Mulej qal lil Samwel: Isma' leħen il-poplu f'kulma jgħidulek: għax huma lilek ma warrbukx, iżda lili warrbu, biex ma nsaltanx fuqhom.*"

Naqraw fit-2 Samwel 3:10,

> "*Jiġifieri li nneħħi s-saltna minn dar Sawl, u li nwettaq it-tron ta' David fuq Iżrael u fuq Ġuda, minn Dan sa Bir-Saba'.*"

Din hija waħda mill-ħafna siltiet li tuża l-esspressjoni "*it-tron ta' David.*"

Naqraw fl-1 Kronaki 29:23,

> "*U Salamun qagħad fuq it-tron tal-Mulej sultan flok David missieru.*"

Naqraw f'Ġeremija 22:30,

> "*Dan igħid il-Mulej: 'Iktbu 'l dan ir-raġel bħallikieku bla tfal, bniedem bla riżq f'ħajtu. Għax ħadd minn nislu ma jirnexxilu jsib post fuq it-tron ta' David, u jerġa' jsaltan fuq Ġuda.*"

Alla tkellem dwar is-sultan Ġeħojakin (Konija) f'dan il-mod:

> "*Għax ħadd minn nislu ma jirnexxilu jsib post fuq it-tron ta' David, u jerġa' jsaltan fuq Ġuda.*"

Dawn l-Iskritturi juru li Alla kien is-Sultan oriġinali ta' Iżrael. Imma l-Iżraelin warrbu lil Alla milli jkun Sultan fuqhom, u għażlu sultan għalihom infushom. Alla ippermetta dan, u t-tron ta' Alla kien għal dak l-iskop imċaqlaq mis-smewwiet għall-art.

## GĦALIEX MA HEMM EBDA PROFEZIJA DWAR IT-TRON TA' DAVID FIT-TESTMENT IL-ĠDID?

Jekk Kristu mhuwiex issa fuq it-tron ta' David, għaliex fit-Testment il-Ġdid ma fih ebda profeziji dwar iż-żmien meta Kristu joqgħod fuq it-tron ta' David? "Fejn hemm xi silta fit-Testment il-Ġdid li tgħid li Kristu f'xi data fil-futur, f'ħakma ta' elf sena fuq l-art, jew xi ħaġa'oħra, jieħu postu fuq it-tron ta' David? Billi t-Testment il-Qadim, iħares għall-futur, jitkellem dwaru bħala futur, għaliex it-Testment il-Ġdid ma jitkellimx dwar dan bħala fil-futur, għaliex it-Testment il-Ġdid ma jitkellimx dwaru bħala futur, jekk dan huwa fil-futur?"

Minflok ma jwiegħed fil-futur il-ħakma fuq it-tron ta' David, il-futur li jiġi wara il-ħakma preżenti ta' Kristu huwa l-għotja tas-saltna ta' Alla fis-sema u l-art il-ġdida fejn fihom tgħammar l-ġustizzja. Fi kliem ieħor, il-fidili mbagħad jidħlu fis-smewwiet u mhux f'ħakma ta' elf sena fuq l-art fejn fihom ikun hemm id-dnub u li jkun segwit b'ribelljoni kontra Alla u l-poplu tiegħu. Il-Qadim wiegħed il-Ġdid, imma t-Testment il-Ġdid iwiegħed ħajja eterna fis-Sema u Art Ġdida (2 Pietru 3:10-15; Rivelazzjoni 20:11—21:5).

## IT-TIENI MIĠJA TAL-MULEJ

Waqt li l-Premillenjalisti nsistew bl-aktar mod emfatiku li l-millennju għandu jiġi wara u mhux qabel it-tieni avvent, huma kienu normalment ippreparati biex jammettu li l-imminenza tal-miġja ma twarrabx jew tneħħi l-ġrajjiet li jintervjenu, imma għandha tkun interpretata f'armonija max-xhieda

## L-AĦĦAR JIEM

1. **Atti 2:16-17 = Ġoel 3:1-5**
2. **Lhud 1:1-2** – "F'dawn l-aħħar jiem jew żminijiet."
   a. **L-Epoka Kristjana.**
3. **1 Tessalonikin 5:3** – It-tieni miġja tiġi f'daqqa, għalla-rieda.
4. **Mattew 24:36-51** – It-tieni miġja tiġi meta ħadd ma job-sorha, għallarrieda.
5. **2 Pietru 3:8-14** – "Jasal tabilħaqq jum il-Mulej **bħal ħalliel**."
   a. "Jintemmu mbagħad is-smewwiet bi ħsejjes kbar, jinħallu bin-nar l-elementi tad-dinja, u l-art b'kull ma fiha tkun maħruqa min-nar."
   b. Ċertament li Ġerusalem tkun maħruq wkoll u dan mhux wara l-elf sena tal-millenjalisti imma wara li Kristu jerġa' jiġi **bħal ħalliel**, għallarieda, meta ħadd ma jobsru!
   c. **2 Pietru 3:11-12** – "**Ladarba hekk kollox għandu jintemm**, araw daqsxejn kif għandkom iġġibu ruħkom, kemm għandha tkun qaddisa u tajba ħajjtikom, waqt li tistennew b'ħerqa kbira l-miġja tal-jum ta' Alla."
      i. "Ladarba hekk kollox għandu jintemm." Kif?

d. “Hu minħabba f’dan il-jum li s-smewwiet jinħarqu u jinħallu u l-elementi tad-dinja jinqerdu bin-nar.”
e. Dan kollu jsir mhux wara l-elf sena tal-millenjalisti imma wara li “jasal tabilħaqq jum il-Mulej bħal ħalliel”!
f. Wara dan mhux elf sena ta’ ħakma letterali ta’ Kristu fuq l-art, f’Ġerusalem ikun hemm imma: “…smewwiet ġodda u art ġdida, li fihom tgħammar il-ġustizzja” (vers 13).
   i. Dawn huma s-smewwiet għaliex “*iċ-ċittadinanza tagħna hija fis-sema* (Filippin 3:20) u mhux fuq l-art!
   ii. **Rivelazzjoni 20:11** – “Rajt imbagħad tron kbir abjad u ’l dak li hu bilqiegħda fuqu. *L-art u s-sema ħarbu minn quddiemu, bla ma nstab post għalihom.*”

## IKUN L-IMPERU RUMAN MOGĦTI L-ĦAJJA MILL-ĠDID?

Il-ktieb ta’ Danjel huwa l-isfond tal-viżjoni ta’ Ġwanni tal-bhima ħierġa mill-baħar (Rivelazzjoni 13). Tradizzjonalment u storikament l-erba’ metalli ta’ Danjel 2 huma identifikati bħala (1) deheb, Babel, 606-538 Q.K.; (2) fidda; Medo-Persjan, 538-330; (3) bronż, Greċja, 330-63; u (4) ħadid, Ruma, 63Q.K.-476 W.K. Iżda, billi l-iskulari liberali jagħtu d-data lill-ktieb ta’ Danjel fis-sena 165 Q.K., u billi Ruma ma kinetx fl-eżistenza f’dak iż-żmien, u billi dawk l-iskulari ma jemmnux fi profezija profetika, jiġifieri, li tbassar minn qabel, huma fittxew biex isibu r-raba’ saltna qabel l-Imperu Ruman. Biex jagħmlu dan huma ttorturaw l-istorja billi ppurvaw jinjettaw, wara Babel, Imperu Medi (Median Empire) qabel il-gvernijiet Persjani u Griegi. F’dan il-mod huma jħallu barra mill-konsiderazzjoni lil Ruma, u madankollu, jżommu l-erba’ metalli ta’ Danjel.

Iżda, jekk il-Ktieb ta' Danjel fisser Medi bħala l-metall tal-fidda, u Persja bħala l-bronż, allura storikament Danjel żbalja, għaliex ma kien hemm ebda Medi separat wara li Babel waqa' fis-sena 538. Medi kien diġa' spiċċa qabel ma Babel waqa'. Kien l-Imperu Medo-Persjan li żamm l-awtorità meta waqa' Babel, għaliex

> 'l-Imperu Medi kien sar l-Imperu Medo-Persjan bl-att ta' Ċiru nnifsu talinqas sittax-il sena qabel ma hu ħa postu minflok Nabonidu bħala sultan f'Babel…Ebda imperu Medi ma impona l-kontroll tiegħu fuq Babel bejn l-eġenomiji (predominji) Neo-Babilonjan u l-Persjan (*Interpreter's Dictionary of the Bible*, I, 756).

Medi kien ingħaqad ma' Persja fis-sena 553, u jekk il-kittieb tal-Ktieb ta' Danjel ma kienx ispirat u sempliċiment kien storiku ordinarju tat-tieni seklu qabel Kristu, huwa kien jaf li wara Babel kien hemm l-Imperu Medo-Persjan. Fil-ktieb ta' Danjel il-Medi u l-Persjani huma kkunsidrati bħala wieħed: huma kellhom liġi waħda (Danjel 6:15) u dawn huma rrappreżentati permezz ta' żewġt iqrun tal-muntun (Danjel 8:20).

Xi skulari, jaraw id-diffikultà storika f'li jagħmlu l-Greċja r-raba' saltna (Babel=Medi=Persja= Greċja), jagħmlu lil Babel id-deheb, Medo-Persjan il-fidda, Greċja l-bronż, u s-suċċessuri ta' Alessandru l-imperu tal-ħadid. Iżda, s-suċċessuri ta' Alessandru ma kinux ħafna, qawwija, u universali (Danjel 7:7, 19, 23). Ukoll, la fil-jiem ta' Alessandru nnifsu, lanqas tas-suċċessuri tiegħu ma kienet imwaqqfa divinament xi saltna għal dejjem (Danjel 2:44). Jekk wieħed iħalli l-istorja tieħu l-korsa tagħha, ukoll għalkemm din tagħmel il-ktieb ta' Danjel profetiku, is-sekwenza ta' Babel, Medo-Persjana, Greċja, u Ruma jaqblu mal-fatti kollha, u fil-jiem ta' l-Imperu Ruman (63 Q.K. -476 W.K.) saltna imwaqqfa divinament li ma tispiċċa qatt kienet imwaqqfa minn Ġesù Kristu (Mark 1:15; 9:1; Luqa 24:49; Atti 2:3-30) fis-sena 30 W.K.

(1) *Nidentifikaw il-Bhima*. Wara li l-identità tar-raba' saltna ta' Danjel 2 tidher li hija Ruma, allura r-raba' bhima ta' Danjel 7 hija magħrufa wkoll bħala Ruma. Ukoll is-snien tal-ħadid tar-raba' bhima huma parallelli mal-metall tal-ħadid li jiddeskrivi l-Ruma f'Danjel 2. Imbagħad, meta wieħed idur għal Rivelazzjoni 13, Ruma mill-ġdid hija murija. Il-bhima ta' Danjel 7 ħarġet mill-baħar, kif għamelt dik ta' Rivelazzjoni 13. L-għaxart iqrun ta' kull annimal irrappreżentaw għaxar slaten (Danjel 7:7, 24; 17:12). Kull bhima kienet bsaħħitha (Danjel 7:7; Rivelazzjoni 13:4), u kull waħda kienet konkwistatur (Danjel 7:7; Rivelazzjoni 12:4; 7). R.H. Charles, skular magħruf li pprova jagħmel il-Greċja bħala r-raba' saltna ta' Danjel, madankollu ammetta li l-bhima ta' Ġwanni f'Rivelazzjoni li kienet tiela mill-baħar hija l-istess bħar-raba' bhima ta' Danjel. Huwa qal ukoll li l-Kristjani tal-bidu ikkonsidraw Ruma bħala r-raba' saltna ta' Danjel, juru l-lingwa ta' Ġesù f'Luqa 21:20 u kwotazzjoni mill-epistola ta' Barnaba.

Mod ieħor kif wieħed jidentifika l-bhima ta' Rivelazzjoni 13 huwa permezz tan-numru 666. Hemm ħafna interpretazzjonijiet dwar it-tifsira ta' dan in-numru u wieħed m'għandux jaċċetta xi interpretazzjoni bl-addoċċ. "Min għandu moħħ" (Rivelazzjoni 13:18) jistudja liema isem huwa mfisser hawn. Il-prattika li tqabbel l-ittri ta' l-alfabet man-numri u tifforma ismijiet hija antika ħafna. Fuq ħajt f'Pompej, fl-Italja, hemm il-kliem, "Jiena nħobb tfajla lin-numru tagħha huwa 545." Dan għandu jagħmel l-isem tagħha Phme. L-ittri Griegi li jagħmlu l-isem "Ġesù" jiġu 888; dak ta' Jupiter (*he arche*), 717. l-istess, l-ittri Rumani għandhom ekwivalenti numeriċi, bħal I=1; II=2; III=3; IV=4; V=5; X=10; L=50; C=100; M=1000.

(2) *Ismijiet u Numri*. X'isem indika Ġwanni bin-numru 666? Irenaeus lura fit-tieni seklu qal li s-666 ta' Ġwanni jista' jirriferixxi għar-"Raġel Latin" imma hu ppreferixxa "Titus" bħala l-wieħed intenzjonat minn Ġwanni. R.H. Charles qal li dan fisser "Nero," imma huwa kellu juża l-ittri tal-lingwa Lhudija li Ġwanni ma kienx qiegħed jikteb biha, biex jasal għall-konklużjoni tiegħu. Oħrajn billi jużaw ittri Latini, li

Ġwanni ma kienx qiegħed juża, sabu lin-numru 666 jista' jkun imqabbel ma' Diocletian; oħrajn, ma Julian l-Apostata. Xi wħud, ukoll, billi jmorru għal-lingwa Lhudija, huma kapaċi li jagħmlu Luteru bħala t-tifsira ta' Ġwanni. L-istess, billi jużaw il-Lhudi, xi wħud iffiguraw it-tifsira bħala "s-Siġġu Latin" jew "is-Sedi Rumana" jew "ir-Raġel Ruman." Oħrajn, billi jibqgħu ma' l-ittri Griegi, isibu 666 li jfisser "apostata." Xi wħud, billi japplikaw l-ittri Latini, jiksbu r-riżultat mixtieq tagħhom "Viċiġerent ta' Alla" jiġifieri, il-Papa, waqt li oħrajn billi jużaw il-Latin jaslu għall-konklużjoni lin-numru 666 juri għal Benito Mussolini jew Hitler. F'tard fl-1930 xi wħud stqarru li l-Ajkla Blu, li kienet meħtieġa taħt in-'National Recovery Act' biex tkun murija fuq il-merkanzija kollha, kienet il-marka tal-bhima. Hemm ħafna u ħafna interpretazzjonijiet oħra li sfortunatament huma ħafna nies li jaċċettawhom b'għajnejhom magħluqa u b'hekk jagħmlu lil Alla bħala li Hu Alla tal-konfużjoni!

Sabiex jipprotieġi lill-Kristjani mill-persekuzzjoni, apparentament l-Ispirtu s-Santu ma riedx li jispelli "l-Imperu Ruman" jew "is-Saltna Latina" fil-Ktieb ta' Rivelazzjoni. Imma, l-Ispirtu s-Santu, billi jaf li kull ittra ta' l-alfabet kella numru ekwivalenti, uża numru bħala sinjal biex ifisser il-qawwa ħażina u mill-agħar li kienet mifruxa mad-dinja kollha li Hu kien iddeskriva. Hu ħaseb li l-Kristjan ta' l-ewwel seklu li kellu moħħ (Rivelazzjoni 13:18) ikun jista' jqiegħed in-numru bl-ittri t-tajba, u b'hekk jifhem il-messaġġ ikkowdjat (Il-ħmistax l-ittra Griega li jagħmlu "s-Saltna Latina" [*he latine Basilei]* għandhom valur numeriku fl-ordni kif ġej: 8, 30, 1, 300, 10, 50, 8, 2, 1, 200, 10, 30, 5, 10 u 1, li jġibu t-total ta' 666. Ara *Campbell-Pucell Debate*, p. 228-305).

In-numru 666 ta' Rivelazzjoni 13:18 kien jirrappreżenta l-bhima b'sebat irjus, u għaxart iqrun (Rivelazzjoni 17:3, 9-10, 12) bis-setgħa tax-xitan u t-tron u awtorità kbira "fuq kull tribù u kull poplu u kull ilsien u kull ġens" (Rivelazzjoni 13:2, 7). Hi fetħet fommha biex tidgħi kontra Alla" (Rivelazzjoni 13:6). Kienet misjuqa minn "omm in-nisa żienja" (Rivelazzjoni 17:5),

li rrappreżentat "il-belt il-kbira li għandha s-saltna fuq is-slaten ta' l-art" (Rivelazzjoni 17:18) "li magħha waqgħu fiż-żina s-slaten ta' l-art" (Rivelazzjoni 17:2), li permezz tagħha "l-merkanti ta' l-art stagħnew bil-ħala" (Rivelazzjoni 18:3), li kienet fis-sakra "bid-demm tal-qaddisin, u bid-demm tal-martri ta' Ġesù" (Rivelazzjoni 17:6). Sa mill-ewwel martri minħabba Ġesù, ebda qawwa oħra universali li taqbel ma' din id-deskrizzjoni ma eżistiet ħlief Ruma, is-Saltna Latina, u ebda setgħa oħra ma eżistiet li hija rrappreżentata bin-numru 666.

(3) *Il-Qrun Numru Ħdax*. Danjel

(Hugo McCord's Book, p. 175)

**Danjel 7:22** – "…il-qaddisin IRĊEVEW is-saltna."

a. Meta? Ara Atti 2.

1. **Danjel 2:44** – "…fi żmien dawn is-slaten, Alla tas-sema jqajjem saltna **li ma tinqered qatt**."
   a. Is-slaten Rumani – ir-raba' saltna.
   b. **Danjel 7:23** – "Huwa qal, "Ir-raba' bhima tfisser ir-raba' saltna, li jkun hawn fuq l-art."
      - Danjel 2:38 - L-Ewwel Saltna – Babel.
      - Danjel 2:39 – It-Tieni Saltna – Medo-Persjana.
      - **Danjel 2:39** – It-Tielet Saltna – **Griega**.
      - **Danjel 2:40** – Ir-Raba' Saltna – **Rumana**.
   c. **Mattew 3:2** – Qorbot is-saltna – Ġwanni l-Battista.
   d. **Mark 9:1** – Qabel imutu **jaraw** is-saltna ġejja bil-qawwa.
   e. **Lhud 12:28** – "Aħna **ħadna** saltna li ma titħarrikx…"
   f. **Kolossin 1:2, 13** – Il-qaddisin meħlusa mid-dlam u **mdaħħla** fis-saltna…"
2. **Danjel 7:22** – "Sama ġie x-Xiħ fil-jiem, u ngħata l-ħaqq lill-qaddisin ta' l-Għoli; u wasal iż-żmien li l-qaddisin **ħadu** s-saltna."

a. Kien imwettaq.

3. **Danjel 7:28** – "**Sa hawn, tmiem ir-rivelazzjoni**…"
   a. Ma tistax terġa' tqajjem l-Imperu Ruman!
   b. Imma l-millenjalisti jgħidu li tista'!
   c. Dwn igiddbu lil l-Ispirtu s-Santu fl-ispirazzjoni Tiegħu!

4. **Luqa 19:12, 15** – Kristu rċieva s-saltna.

5. **1 Korintin 15:28** – Hu se jerġa' jagħtiha lura lill-Missier!
   a. Temmen int li l-Missier **se jerġa'** jagħtiha lura lil Kristu għal elf sena fuq l-art wara li Kristu jkun tahielu?
   **a.** U li Kristu wara l-elf sena se **jerġa'** jagħtiha lura lill-Missier?
   **b.** Alla mhux Alla tat-taħwid imma tas-sliem.
   **c.** Jekk wieħed jaċċetta t-tagħlim falz tal-millenjalisti hekk ikun qiegħed igħid, li Alla hu Alla tat-taħwid!
   **d.** Il-bniedem iħawwad u jinganna lil ħafna nies oħra biex iġibu fix-xejn il-Kelma ta' Alla bit-tagħlim falz tagħhom.

1. Imma aħna nafuha t-twissija dwar jekk inħallu min iqarraq bina x'jiġrilna! (ara **Efesin 5:6**).
   a. Mhijiex xi ħaġa sabiħa li jkollok il-korla ta' Alla fuqek!
   b. Emmen fil-Millenjaliżmu u dak li jkollok!

## INTERPRETAZZJONI OĦRA FALZA TAL-MILLENJALISTI!

# IŻRAEL SKOND IL-ĠISEM U IŻRAEL SPIRITWALI

1. Iżrael **skond il-ġisem** huwa tip ta' Iżrael **Spiritwali**, **il-knisja**.

**Rivelazzjoni 7:3,**

> *"U qalilhom: "Tagħmlulhomx ħsara lil l-art u lill-baħar, anqas lis-siġar, qabel ma nkunu stampajna s-siġill fuq il-**ġbin tal-qaddejja ta' Alla** tagħna."*

**Rivelazzjoni 1:1,**

> *"Ir-Rivelazzjoni ta' Ġesù Kristu, li tahielu Alla biex igħarraf **lill-qaddejja tiegħu** b'dak li għandu jiġri ma jdumx. Alla bagħat lil anġlu tiegħu jfissirha lill-**qaddej tiegħu Ġwanni**."*

a. Minn dan naraw li dawk li huma msejħa "qaddejja" fiż-żewġ kapitli huma **l-istess** nies, Kristjani.
b. Meta ried Alla li jispeċifika min kien il-qaddej Hu semma isem, "*lill-qaddej tiegħu* ***Ġwanni***."

**Rivelazzjoni 7:4**,

> "*Imbagħad smajt x'kien il-għadd ta' l-issiġillati: mija u erbgħa u erbgħin elf issiġillati,* ***minn kull tribù*** *ta' wlied Iżrael.*"

a. Hawn mhux it-tribujiet kollha huma msemmija, eżempju, it-tribujiet ta' Dan u ta' Efrajm mhumiex imsemmija!
b. Imma xorta qiegħed jgħid sewwa u dawn wkoll huma nkluduti jekk nieħdu n-numru ta' 144,000 bħala **simboliku**!
c. Imma ħalli nħallu l-Iskrittura tinterpretalna dan: Naqraw **f'Rivelazzjoni 21:15-16**,

> "*Dak li kien qiegħed ikellimni kellu qasba tal-qjies, tad-deheb, biex jieħu l-qisien tal-belt u tal-bibien u l-ħajt tagħha, belt kwadra, tul wisa' wieħed. U ħa l-qjies tal-belt bil-qasba, tul* ***ta' tnax-il elf stadju****: tul u wisa' u għoli fiha l-istess. U ħa wkoll il-qjies tal-ħajt tagħha:* ***mija u erbgħa u erbgħin*** *(144,000) driegħ b'qjies tal-bniedem, jew ta' anġlu.*"

**Hawn għandna l-istess simboliżmu li għandna f'Rivelazzjoni 7:4-8.**

- Żgur li ħadd ma jsostni li l-qisien tal-belt li huma msemmija huma **letterali** u mhux **figurattivi**!

a. Il-144,000 tat-tnax-il tribù ta' Iżrael **jissimbolizzaw** lil **Iżrael spiritwali**, il-Knisja ta' Kristu fuq l-art.
b. Ħalli nerġgħu nħallu l-Iskrittura tinterpreta dan għalina:

**Ġakbu 1:1**,

> *“Ġakbu, qaddej ta’ Alla u ta’ Sidna Ġesù Kristu,* ***lit-tnax-il tribù*** *mxerrda mad-dinja: sliem.”*

i. Min kienu “*t-tnax-il tribù mxerrda mad-dinja*”?
ii. Dawn huma l-knisja ta’ Kristu, l-*Iżrael spiritwali*!
iii. Il-kelma *diaspora* (imxerrda) nsibuha hawn u fl-**1 Pietru 1:1** –

> *“Lil dawk li qegħdin jgħixu mxerrda bħala pellegrini f’Pontu, fil-Galazja, fil-Kappadoċja, fl-Asja u fil-Bitinja”*

iv. Hawn din għandha riferenza għall-**Iżrael spiritwali**, il-knisja tal-Mulej, il-Kristjani kollha.
v. Dan huwa muri ċar bl-istqarrijiet li nsibu f’din l-ittra li jeħtieġu sfond ta’ nies li mhumiex Lhud, bħal, per eżempju:

**1 Pietru 1:14**,

> *“Bħala wlied ubbidjenti, tgħixux skond il-ġibdiet ta’ qabel, meta kontu għadkom tgħixu fl-injoranza tagħkom.”*

**1 Pietru 2:10**,

> *“Intom li darba ma kontux poplu, issa sirtu l-poplu ta’ Alla; intom li darba ma kontux issibu ħniena, issa sibtu l-ħniena tiegħu.”*

**1 Pietru 4:3-4**,

> *“Biżżejjed li fl-imgħoddi kontu tagħmlu r-rieda tal-pagani u tgħixu ħajja żienja f’passjoni bla lġiem, f’sokor, fi tbahrid sfrenat, f’xorb żejjed u fl-idolatrija moqżieża ta’ l-allat. Issa li ma għadkomx titħalltu magħhom f’dan il-ġenn ta’ żina jistgħġbu bikom u jistkerrhukom.”*

- Dawn is-siltiet juru ċar li l-appostlu kiteb lill-Kristjani, kemm Lhud u kemm pagani, mingħajr ma qies l-isfond reliġjuż jew razzjali tagħhom, bħala li jiffurmaw il-ġisem jew il-knisja li fiha,

**Kolossin 3:11,**

> *"**Ma hemmx Grieg jew Lhudi**, ċirkonċiż jew mhux, Barbaru jew Skita, ilsir jew ħieles, iżda f'kollox Kristu u f'kulħadd."*

- Il-frażi "**lit-tnax-il tribù**" hija figurattiva, u għalhekk tħaddan fiha d-dixxipli kollha ta' Kristu huma mil-liema razza fiżika huma, u biex tenfasizza l-fatt *li ma' Alla ma hemm ebda ħarsien lejn l-uċuħ*. Dan l-Iskrittura tgħidulna b'mod ċar ħafa u f'bosta skritturi:

1. **Luqa 20:21** – "Dawk staqsewh u qalulu: "*Mgħallem, aħna nafu li inti tgħid u tgħallem is-sewwa **bla ma tħares lejn wiċċ ħadd**, imma t-triq ta' Alla tgħallimha kif tassew hi.*"
2. **Rumani 2:9-11** – "*Tbatija u dwejjaq għal kull ruħ ta' bniedem li jagħmel il-ħażen, l-ewwel għal-Lhud u mbagħad Griegi; glorja u ġieh u sliem għal kull min jagħmel it-tajjeb, l-ewwel Lhudi, u mbagħad għall-Grieg. Għax Alla **ma jħarisx lejn l-uċuħ**.*"
3. **Galatin 2:6** – "*Min-naħa tagħhom, il-mexxejja—kienu x'kienu, lili xejn ma jimpurtani; **Alla lejn wiċċ ħadd ma jħares**…*"
4. **Efesin 6:9** – "*U intom, is-sidien, agħmlu l-istess magħhom; ħallukom mit-tehid, għax tafu li s-Sid fis-smewwiet hu tagħhom bħalma hu tagħkom, u **hu ma jħares lejn wiċċ ħadd**.*"

5. **Kolossin 3:25** – "*Kull min jagħmel id-deni jitħallas tad-deni li jkun għamel,* ***għax Alla ma jħares lejn wiċċ ħadd****.*"

6. **1 Pietru 1:17** – "*Jekk intom issejjħu Missier lil dak li,* ***bla ma jħares lejn l-uċuħ****, jagħmel minn* ***kulħadd*** *skond l-għemil ta' kull wieħed, għixu fil-biża' ż-żmien tal-ħajja li qegħdin tgħaddu* ***f'art barranija****.*"

- **U għaliex Alla ma jħares lejn wiċċ ħadd?**

**Galatin 3:26-29** –

> "*Għax intom ulied Alla* ***lkoll kemm intom****, permezz tal-fidi fi Kristu Ġesù. Intom, li intom mgħammda fi Kristu, lbistu 'l Kristu.* ***<u>Issa</u> ma hemmx iżjed <u>Lhudi</u> u anqas <u>Grieg</u>****, ma hemmx ilsir u anqas ħieles, ma hemmx raġel u anqas mara; għax* ***intom <u>ILKOLL ĦAĠA</u> <u>WAĦDA</u> fi Kristu Ġesù****. Imma jekk intom ta' Kristu****, intom ukoll nisel Abraham, werrieta skond il-wegħda****.*"

- **Għaliex aħna lkoll ħaġa waħda?**

It-tweġiba hija għaliex dak li qal Ġesù twettaq:

**Ġwanni 10:16** –

> "*Għandi wkoll ngħaġ oħra, li mhumiex minn dan il-maqjel: lilhom ukoll jeħtieġ li niġbor, u huma jisimgħu leħni, u kun hemm* ***merħla <u>waħda</u>, ragħaj <u>wieħed</u>****.*"

Jekk xi ħadd ikollu xi dubju dwar dan, l-appostlu Pawlu jgħid ċar min hija **l-merħla waħda**,

**Efesin 4:3-6,**

> "*Ħabirku biex iżżommu Spirtu **wieħed** bir-rabta tas-sliem: **ġisem wieħed** u ruħ waħda, l-istess kif kontu msejħa għal **tama waħda**; Mulej wieħed, **fidi waħda**, magħmudija waħda; Alla wieħed u **Missier ta' kulħadd**, li jsaltan fuq kulħadd, b'kulħadd u f'kulħadd.*"

**F'Rumani 2:28-29 naqraw,**

> "***Mhux dak li jidher li hu Lhudi minn barra hu Lhudi**, **laqnas** min għandu ġismu ċirkonċiż; **Il-Lhudi** veru hu dak li hu **Lhudi minn ġewwa**; iċ-ċirkonċiżjoni vera **hi dik tal-qalb**, opra ta' l-ispirtu **u mhu**x tal-Liġi miktuba. Bniedem bħal dan, mhux il-bnedmin ifaħħruh, imma Alla.*"

1. Li tkun dixxendent ta' Abraham, il-missier tal-fidili, hu meqjus fuq il-bażi ta' l-**ubbidjenza** u mhux fuq il-**ġenealoġija:**
   **a.** Rumani 4:9-12, - Jitkellem dwar Abraham, Pawlu jgħid, f'vers 12,

   > "*Hu missier iċ-ċirkonċiżjoni **mhux biss għal-Lhud** ċirkonċiżi, **imma wkoll** għal dawk li jimxu fuq il-passi tal-fidi ta' missierna Abraham qabel ma kellu ċ-ċirkonċiżjoni.*"

   **b. Titu 3:9,**

   > "*Aħrab il-kwistjonijiet fiergħa u **l-ġenealoġiji** u l-ġlied u t-tilwim fuq il-liġi. Dawn kollha huma bla fejda u vojta.*"

   **c.** 1 Timotju 1:3-4,

   > "*Ibqa' f'Efesu, bħalma wissejtek jien u sejjer lejn il-Maċedonja, biex tordna lil xi*

*wħud ħalli ma jgħallmux tagħlim ieħor, u anqas ma jiġru wara ħrejjef u ġenealoġiji li ma jispiċċaw qatt,* ***ħwejjeġ li aktar iqanqlu l-kurżità milli jgħinu għall-pjan ta' Alla li jseħħ*** ***bil-fidi***.*"*

**Kolossin 2:11-12,**

> *"Fih intom kontu ċirkonċiżi, mhux biċ-ċirkonċiżjoni b'idejn il-bnedmin, imma biċ-ċirkonċiżjoni ta' Kristu, li biha intom inżajtu mill-ġisem tad-dnub; indfintu miegħu bil-magħmudija u bih irxuxtajtu permezz tal-fidi tagħkom fil-qawwa ta' Alla li qajmu mill-imwiet.*" (ara wkoll **Galatin 3:28-29**).

2. **Il-veru Iżrael ta' Alla llum hija l-Knisja ta' Kristu**.
**Rumani 9:6-8,**

> *"Mhux li l-wegħda ta' Alla sfat fix-xejn;* ***għax mhux dawk kollha li huma mnissla minn Iżrael huma Iżraelin. Mhux dawk*** *kollha li huma min-nisel ta' Abraham huma wliedu għax il-wegħda kienet din: "Minn Iżakk jissejjaħ in-nisel tiegħek." Dan ifisser,* ***mhux ulied il-ġisem huma wlied Alla****, imma l-imwielda bis-saħħa tal-wegħda huma magħduda b'ulied Abrah*am."

- Ħalli l-Iskrittura tinterpretalna din is-silta.
- Kif persuna ssir iben jew bint ta' Alla, kemm jekk din hija **Lhudija jew pagana**?

**Ġwanni 1:12-13,**

> *"Imma lil dawk li laqgħuh tahom is-setgħa li jsriu wlied Alla, dawk li jemmnu f'ismu, LI TWIELDU MHUX MID-DEMM, ANQAS MILL-ĠIBDA TAL-ĠISEM, u anqas mir-rieda tal-bniedem, iżda minn Alla.*"

**Galatin 3:26-27,**

> *"Għax intom ulied Alla lkoll kemm intom, permezz tal-fidi fi Kristu Ġesù. Intom, li intom mgħammda fi Kristu, lbistu 'l Kristu."*

**Galatin 3:7,**

> *"Kunu afu mela, li dawk li jgħixu fil-fidi,* ***dawk huma wlied Abraham****."*

**2 Korintin 5:7,**

> *"Aħna ngħixu bil-fidi u mhux bil-viżjoni."*

**Galatin 6:16,**

> *"U dawk kollha li jimxu fuq din ir-regola, is-sliem u l-ħniena, u wkoll fuq* ***Iżrael ta' Alla****."*

- Il-Kristjani veri huma l-**Iżrael ta' Alla**—kif huma f'distinzjoni minn **Iżrael skond il-ġisem** (Rumani 2:29; 4:12).
- Fi Kristu, id-drittijiet kollha mogħtija minħabba distinzjonijiet tal-ġisem, huma eliminati, u kulħadd hu **meqjus egwali** fil-privileġġ quddiem Alla.

**Filippin 3:3,**

> *"Għax dawk li* ***tassew għandhom iċ-ċirkonċiżjoni huma aħna, aħna*** *li qegħdin naqdu lil Alla fl-Ispirtu u niftakru fi Kristu Ġesù; aħna* ***li ma nqegħdux il-fiduċja tagħna fil-ġisem****."* (kompli ara versi 4-11).

**2 Korintin 5:16-17,**

> *"Għalhekk aħna* ***ma nagħrfu <u>lil ħadd skond il-ġisem</u>****. Jekk għarafna lil Kristu skond il-ġisem, issa ma nagħrfuhx aktar hekk. Meta wieħed jingħaqad ma' Kristu, isir*

*Holqien ġdid; **il-qadim għadda u daħal il-ġdid**.*"

- Mela, jekk il-Mulej mhuwiex qiegħed iqis din id-differenza, ċertament li aħna m'għandniex inqisuha!

**Rumani 10:12,**

*"**Ma hemmx għażla bejn Lhudi u Grieg; hu Sid ta' kulħadd** u għani ma' dawk kollha li jsejħulu.*"

**Rumani 11:1,**

*"Issa nistaqsi jien, "Forsi Alla ċaħad il-poplu tiegħu?' Żgur li le! Għax jien ukoll Iżraeli, min-nisel ta' Abraham, mit-tribù ta' Benjamin.*"

- L-appostlu, wara li wera li l-Lhud kienu rriġettaw lil Kristu u li Alla kien irriġettahom, jara l-konklużjoni milħuqa minnhom—li Alla kien warrabhom bħala nazzjon; għalhekk hu jistaqsi l-mistoqsija u jweġibha.
- Pawlu kien mill-aktar demm safi ta' l-Iżraelin. Kieku Alla warrabhom minħabba li huma kienu Iżraelin, Pawlu ma kienx ikun il-qaddej Tiegħu.
- Huma qaċċtu lilhom infushom għaliex irriġettaw lil wisq mistenni Messija.
- Alla ma warrabx lill-poplu Tiegħu li Hu kien għażel formalment.
- Imma li Hu kien irriġettahom bħala nazzjon huwa ndisputabbli.
- Qabel il-miġja ta' Kristu, Iżrael kienu l-poplu ta' Alla minħabba d-dixxendenza tagħhom minn Abraham.

- Imma malli Kristu bagħat lil l-appostli Tiegħu b'kummissjoni mad-dinja kollha**, il-bażi ta' l-aċċettar inbidlet**.
- Fidi fi Kristu **weħidha** kienet tassigura favur.
- Mingħajr ma jkun ubbidjenti lejn Kristu, l-aktar Lhudi devot kien irriġettat
- Bl-ubbidjenza, ħadd ma kien irriġettat.
- Alla rriġetta lin-nazzjon ta' Iżrael minħabba li huma ma obdewx lil Kristu.
- L-individwu, Alla żammu fil-favur Tiegħu minħabba l-ubbidjenza tiegħu lejn Kristu.
- Illum **kulħadd** hu salv bil-grazzja ta' Alla (Efesin 2:8-10).
- Li tkun Lhudi skond il-ġisem **ma jiswa xejn**!

**Rumani 3:9,**

> "*Xi ngħidu mela? **Aħna Lhud aħjar mill-oħrajn**? **B'ebda mod**. **Ġa wrejna li sew il-Lhud u sew il-Grieg huma lkoll** taħt il-ħakma tad-dnub.*"

**Rumani 3:29,**

> "*Forsi Alla hu Alla **tal-Lhud biss**? Mhux tal-pagani wkoll? IVA, tal-pagani WKOLL.*"

**Rumani 3:30,**

> "*Alla hu wieħed, u hu l-istess wieħed li jiġġustifika permezz tal-fidi **l-Lhudi ċirkonċiż u l-pagan mhux ċirkonċiż**.*"

**Rumani 3:21,**

> "*B'daqshekk qegħdin inġibu fix-xejn il-liġi permezz tal-fidi? Ma jkun qatt, imma **qegħdin inwettqu l-liġi**.*"

**Ġwanni 10:16,**

> *"Għandi wkoll ngħaġ oħra, li mhumiex minn dan il-maqjel: lilhom ukoll jeħtieġ li niġbor, u huma jisimgħu leħni, u jkun hemm **merħla waħda, ragħaj wieħed**."*

**Efesin 4:3-6,**

> *"Ħabirku biex iżżommu spirtu wieħed bir-rabta tas-sliem: **gisem wieħed** u ruħ waħda, l-istess kif kontu msejħa **għal tama waħda**; Mulej wieħed, fidi waħda; Alla wieħed u **Missier ta' kulħadd**, li hu fuq kulħadd, b'kulħadd u f'kulħadd."*

- Mela, minn dan rajna li dak li naqraw f'Rivelazzjoni 7:3 *dwar "il-qaddejja ta' Alla tagħna"* jirriferi **għall-Kristjani kollha**.
- "*It-tnax-il tribù*" jirriferi għall-Kristjani kollha, il-Knisja ta' Kristu.
- "*Il-mija u erbgħa u erbgħin elf*" ukoll jirriferi **għall-Kristjani kollha**, il-Knisja li hija l-ġisem ta' Kristu.

## INTERPRETAZZJONI OĦRA FALZA TAL-MILLENJALISTI!

## IL-LHUD WARA T-TIENI MIĠJA TA' KRISTU!

1. **Lhud 2:1-3** – "Din hi s-salvazzjoni li ngħatat….sħiħa lilna.
   a) **Vers 10** – Ġesù Hu l-Awtur tas-salvazzjoni **ta' kulħadd, kemm Lhudi u kemm Grieg.**
      i. **Lhud 5:9** – "U, billi laħaq il-perfezzjoni, sar awtur tas-salvazzjoni ta' dejjem **għal kull min jisma' minnu.**"
   b) **Vers 14** – "…b'mewtu jeqred is-setgħa ta' dak li kellu l-mewt f'idejh, jiġifieri, ix-xitan."
   c) **Kolossin 2:14-15** – "Neżża' l-prinċipati u s-setgħat…"
   d) Jekk wieħed Lhudi mhuwiex lest li "jisma' minnu" dan se jintilef għal dejjem. *Ma hemm ebda ċan ieħor* għalih li jista' jsalva!

2. **Lhud 3:7** – "Għalhekk, **kif jgħid l-Ispirtu s-Santu**: Jekk illum tisimgħu leħnu, la twebbsux qalbkom."
   a) **Lhud 4:7** – "Jekk illum tisimgħu leħnu."
   b) Dan intqal lil-Lhud, "jekk illum" u mhux meta Kristu jerġa' jiġi!
   c) **Vers 11** – "Infittxu mela li nidħlu f'dan il-mistrieħ…"
   d) **Versi 12-13** – "Il-kelma ta' Alla hija ħajja u qawwija, taqta' aktar minn xabla b'żewġt ixfar; hija tinfed sa

tifred minn xulxin ir-ruħ u l-ispirtu, u l-ġogi u l-mudullun; u tgħarbel il-ħsibijiet u l-fehmiet tal-qalb. Xejn ma hemm fil-ħolqien li hu moħbi għalih, imma kollox hu miftuħ għal għajnejn Alla, lil lilu rridu nagħtu kont."

e) **Vers 16** – "Ħa nersqu, mela, b'qalbna qawwija lejn it-tron tal-grazzja, biex naqilgħu ħniena u nsibu l-grazzja li naħtieġu."
f) Stedina: Jekk irridu aħna, Lhud u Ġentili, l-istess!!

3. **Rivelazzjoni 3:20** – "Ara, jiena fil-bieb, u qiegħed inħabbat; **jekk <u>xi ħadd</u> jism-agħni u jiftaħli l-bieb**, jiena nidħol għandu u niekol miegħu, u hu jiekol miegħi."
   a) "Jekk xi ħadd jismagħni **<u>u</u>** jiftaħli l-bieb."
   b) Għal min tapplika din l-istedina? Tapplika din għall-Ġentili biss jew għal-Lhud kollha wkoll ta' kull żmien?

4. **Kif il-bnedmin jiftħulu l-bieb?**
   a) **Aqra Mattew 28:18-20**.
   b) "Il-ġnus kollha."
   c) Il-kelma "ġnus" għal min tirriferi hawn?
   d) Għall-Ġentili biss jew għal-Lhud u l-Ġentili flimkien?
   e) Ħalli nħallu l-Kelma ta' Alla tinterpretalna din il-frażi, "**il-ġnus kollha**."

5. **Mattew 25:31-32** – "Meta jiġi Bin il-bniedem fil-glorja tiegħu u bl-anġli kollha tiegħu, imbagħad joqgħod fuq it-tron glorjuż tiegħu. U quddiemu **jinġabru l-ġnus kollha**, u hu jifridhom minn xulxin bħalma r-ragħaj jifred in-ngħaġ mill-mogħoż."
   a) Din is-silta kienet iebsa ħafna fuq dawk li jgħallmu l-millenju.
   b) Ir-raġuni hija għaliex din tippreżenta l-ħaqq tal-"ġnus kollha" **flimkien**. It-tajbin u l-ħżiena flimkien.
   c) Il-premillenjalisti jgħallmu li t-tajbin biss ikunu mqajma meta jiġi Ġesù.

d) Imbagħad wara l-millennju l-ġudizzju ġenerali.
e) Allura kellhom jaraw x'interpretazzjoni sejrin jagħtu lil dan il-vers ta' **Mattew 25** dwar il-frażi "**il-ġnus kollha**."
f) Huma ħarġu bl-interpretazzjoni li "**l-ġnus kollha**" hawn tirriferi għall-Ġentili.
g) Imma din hija interpretazzjoni mhux biss żbaljata imma wkoll interpretazzjoni bl-iskop biex tqarraq u tinganna lil dawk li jaċċettawha u sfortunatament huma ħafna dawk li jaċċettawa!
h) Imma, wieħed m'għandux jinsa t-twissija tal-Kelma ta' Alla li ndsibu f'**Efesin 5:6**.

6. **Luqa 24:47** – "U li l-indiema u l-maħfra tad-dnubiet tixxandar **f'ismu fost il-ġnus kollha**, **<u>ibda minn Ġerusalem</u>**."
   a. Naħseb li lkoll naqblu li "**fost il-ġnus kollha**" hawn tfisser li l-Lhud ukoll huma nklużi! "**Ibda minn Ġerusalem**"!
   b. Imma ħalli nkomplu nħallu l-Kelma ta' Alla tinterpretalna dan:

7. **Atti 17:26** – "U għamel minn demm wieħed **il-ġnus kollha** tal-bnedmin biex igħammru fuq il-wiċċ kollu ta' l-art."
   a. Hawn erġajna rajna l-istess frażi "**il-ġnus kollha**."

8. Il-kelma Griega għall-ġnus f'dawn is-siltiet kollha li qrajna hija "***ethnos***."
   a) Hemm kelma oħra Griega li tfisser razza fis-sens kif il-millenjalisti jippruvaw japplikawha (b'mod żbaljat) għall-Kummjissjoni l-Kbira ta' **Matt. 28:18-20**.
   b) Din hija l-kelma "***genea***."
   c) **Filippin 2:15** – "Biex tkunu bla ħtija u bla ħjiena, ulied Alla, bla tebgħa, f'nofs **ġens** im-għawweġ u maqlub, li fih intom tiddu bħal kwiekeb fid-dinja."

d) Ukoll hemm il-kelma "***genos***" li nsibuha:
   i. **Mark 7:26** – "Il-mara kienet Griega Sirofenissa minn **ġensha**…"
   ii. **Galatin 1:14** – "U kont imxejt 'il quddiem fir-reliġjon tal-Lhud aktar minn ħafna ta' mpari fost **ġensi**, billi kont imħeġġeġ għall-aħħar għat-tagħlim ta' missirijieti."

10. **Mattew 25:1-13** – Il-parabbola ta' l-għaxar xebbiet.
   a) **versi 10-13** – "Xħin dawk marru biex jixtru jiġi l-għarus; dawk li kienu lesti daħlu miegħu għall-festa tat-tieġ, U L-BIEB **INGĦALAQ**. Saflaħħar waslu wkoll ix-xebbiet l-oħra, u bdew igħidu, 'Mulej, Mulej, **iftħilna**!' Iżda hu weġibhom u qal, 'Tassew, ngħidil-kom, **lilkom ma nafkomx**.' Ishru, MELA, għaliex la tafu l-jum u lanqas is-siegħa."
   b) **Mattew** 7:21-23.
      i. **vers 23** – "Imbagħad jien ngħidilhom, '**Lilkom qatt ma kont nafkom**! Warrbu minn quddiemi, intom li tagħmlu l-ħażen."

11. Jalla aħna ma nkunux fost dawk li lilhom il-Mulej jgħidilhom: **"lilkom qatt ma kont nafkom! Warrbu minn quddiemi intom li tagħmlu l-ħażen"** minħabba li nkunu aċċettajna t-tagħlim falz tal-millenjalisti!

==================================

## RIVELAZZJONI 20:1-6

## U L-ĦAKMA TA' KRISTU TA' ELF SENA FUQ L-ART!

Hija espressjoni komuni, aħna nisimgħuha minn kull naħa, li "l-Bibbja tgħid ċar li Kristu se jsaltan fuq l-art għal elf sena." Temmnu dan int? Jekk int temmnu, minn fejn ġibt dan it-tagħ-

lim tiegħek, minn Alla jew mill-bniedem? Forsi inti twieġeb li minn Alla, imma jiena ngħidlek biex ma tgħaġġilx għaliex jew int kont ingannat u aċċettajt dan it-tagħlim mingħajr ma kont taf sewwa x'tgħid is-silta li dwarha sejrin nistudjaw jew qrajt is-silta waħdek u fhimt ħażin il-messaġġ tagħha mingħajr ma kont taf x'tgħid l-Iskrittura dwar dan is-suġġett. Jiena ngħid li dik hija xi ħaġa li l-Bibbja **imkien** ma tgħid ċar jew f'mod vag, jew mhux ċar għal kollox. L-istess bħat-tagħlim dwar "il-Battalja ta' Armageddon," l-immaġinazzjoni tal-millenju **mhijiex** fil-Bibbja. Armageddon huwa msemmi fil-Bibbja imma t-teorija tal-"Battalja ta' Armageddon" **imkien** ma tinsab fl-Iskrittura Mqaddsa. Il-Bibbja għandha xi ħaġa xi tgħid dwar "elf sena" imma **xejn** dwar ħakma ta' elf sena fuq l-art. Kristu jsaltan jew jaħkem imma l-ħakma ta' Rivelazzjoni 20 **mhijiex** il-ħakma ta' Kristu li jippruvaw jgħallmu l-għalliema foloz, il-millenjalisti. Pjuttost ħakma pekulari u speċjali ta' ċerti erwieħ ***ma' Kristu***. Dan ma jsemmix jew jirriferi għall-ħakma ***ta' Kristu***. Dawk imsemmija kienu qegħdin isaltnu jew jaħkmu, użu speċjali tal-kelma, applikat għal inċident speċjali tal-viżjoni ta' Rivelazzjoni. It-test jgħid: "huma" għexu u saltnu. Fejn huma għexu u saltnu? Huma għexu u saltnu ma' Kristu. Ġwanni ra erwieħ *barra* mill-ġisem *mhux fil-ġisem*. Din kienet viżjoni ta' erwieħ tal-martri jgħixu u jsaltnu ma' Kristu f'sens partikulari u pekulari. Qatt int għaddielek minn moħħok dan?

Qabel ma nidħol għas-suġġett ta' Kristu jsaltan għal elf sena fuq l-art u nagħti prova li dan huwa tagħlim falz, tajjeb li naraw l-ewwel xi jfissru l-elf sena lix-xitan ikun marbut. Naqraw f'Rivelazzjoni 20:2, 3,

> *"U huwa qabad id-dragun, u s-serp tal-qedem, li hu d-demonju u xitan, u rabtu għal elf sena, u waddbu fil-bir bla qiegħ, li mbagħad għalqu fuqu u ssiġillah biex ma jqarraqx iżjed bil-ġnus sa ma jintemmu l-elf sena…"*

Wieħed mill-akbar żbalji li wieħed jista' jagħmel huwa li dan kif jaqra xi silta mill-Iskrittura, jeħodha kif inhi u jinterpretaha letterali meta fil-fatt din tkun figurattiva. Il-ħsara li ssir

lill-Kelma ta' Alla minħabba f'hekk hija kbira wisq li wieħed ifissirha. Dan it-test huwa wieħed minn dawk li ħafna għalliema reliġjużi bnew fuqu tagħlim falz li jwassal għat-telfien ta' dejjem ta' dawk kollha li jaċċettawh.

Fil-viżjoni Ġwanni ra l-irbit isir. Figurattivament hu jiddeskrivi d-dragun bħala "s-serp tal-qedem" li bla dubju hija allużjoni għas-serp ta' Għeden. Billi Satana huwa spirtu, l-unika "katina" li tista' effettivament torbtu jew tgħelbu hija l-Kelma ta' Alla. Eżempju ta' dan jagħtihulna Ġesù Nnifsu f'Mattew 4 meta hu għeleb lix-xitan f'kull waqt b'hekk "hemm miktub."

Id-dewmien ta' dan l-irbit jintqal li hu elf sena. Huwa dan numru simboliku jew letterali? Bħas-soltu, ħafna huma dawk li ma jaqblux dwar dan. Li napplikaw it-teorija ta' jum-sena jagħti l-ammont enormi ta' 365,000 sena. Dan jidher sproporzjonat għal kollox ma numri oħra f'dan il-ktieb li jidhru li jaqblu mat-teorija. Jekk ikun meħud letteralment, il-bidu u t-tmiem eżatti tal-perjodu ma jkunux jistgħu jiġu ffissati definitivament. B'dawn id-diffikultajiet quddiemna, ikun jidher aħjar li nikkonsidraw in-numru bħala simboliku. Numri oħra bħal 3, 7, 10, u 12 jidhru li fihom sinifikat spiritwali. F'Eżekjel 39 għandna deskrizzjoni tal-waqa' ta' Gog, u vers 9 jgħid lil-Iżraelin għandhom jagħmlu nar u jqabbdu l-armi tagħhom għal "seba' snin." Ċertament li dan ifisser il-qerda kompluta ta' l-għodod tagħhom tal-gwerra, mhux li dan jieħu seba' snin letterali biex jaħarquhom. Permezz ta' Mosè Alla hedded lil Iżrael b'seba' darbiet aktar jew seba' darbiet iżjed kastig jekk huma jkomplu jippersistu u jirribellaw kontrih (Levitku 26:18, 21, 24, 28). Evidentament dan ma jfissirx eżattament seba' darbiet, għaliex id-dnubiet tagħhom kien jistħoqqilhom bil-wisq aktar minn seba' darbiet. Dan ifisser li huma jkunu kkastigati għal kollox kif kien jixirqilhom dnubiethom. Hekk ukoll in-numru definittiv—1,000 sena—huwa probabbilment użat għall-perjodu twil imma indefinit. Eżempju ta' dan insibu f'Eżodu 20:6, fejn Alla jgħid: "U *nagħmel ħniena ma' eluf minn dawk li jħobbuni, u jħarsu l-kmandamenti tiegħi*." Dan ifisser li Alla juri l-ħniena Tiegħu lill-klassi kollha msemmija; "*għexur ta'*

*eluf u eluf ta' eluf*" (Rivelazzjoni 5:11) ifisser numru bla għadd. Hekk ukoll fit-test tagħna l-kelma "*elf*" tfisser tul indefinit ta' żmien, imma twil biżżejjed għas-simboli biex isibu twettiq komplut tagħhom. Mela minn dan naraw li ma nistgħux nieħdu "*l-elf sena*" bħala li huma elf sena letterali! Issa ħalli nkomplu dwar dak li naqraw f'Rivelazzjoni 20.

(1) Test inadegwat.

F'konverżazzjoni ma' xi predikatur ta' xi denominazzjoni wieħed jinstema' jgħid b'mod invarjabbli li l-Bibbja tgħid ċar li aħna sejrin insaltnu ma' Kristu fuq l-art elf sena. Meta l-predikatur ikun mitlub biex jikkwota s-silta mill-Iskrittura li, skond hu, tgħid f'mod ċar ħafna dak li huwa jsostni, mill-ewwel huwa bl-akbar mod kunfidenti u bla dubju ta' xejn jirriferi lis-semmiegħa tiegħu għal Rivelazzjoni 20:4. Huwa fl-ordni, fil-waqt, u fil-post issa ħalli neżaminaw bir-reqqa din is-silta mill-Iskrittura li tant hija mifhuma ħażin u applikata ħażin. Dan hu l-mod kif din tinqara:

> "*U jiena rajt tronijiet, u dawk li qagħdu fuqhom, u lilhom intgħata l-ħaqq: u rajt l-erwieħ ta' dawk li kellhom rashom maqtugħa minħabba x-xhieda ta' Ġesù, u minħabba l-kelma ta' Alla, u li ma qimux lill-bhima, u lanqas lix-xbieha tagħha, u lanqas ħadu l-marka tagħha fuq ġbinhom jew fuq idhom; u huma għexu, u saltnu ma' Kristu elf sena.*"

Din is-silta hija kważi universalment emmnuta li attwalment tgħid li aħna sejrin insaltnu ma' Kristu fuq l-art elf sena. Il-pronom "aħna" huwa pronom personali ta' l-ewwel persuna; il-verbi "għexu" u "saltnu" huma verbi tat-temp passat. Imma *ngħixu* u *nsaltnu* huma verbi tat-temp futur. Ebda bniedem ma jista' jitlob u jistqarr *u lanqas m'għandu ebda dritt* li **jbiddel** is-sentenza ta' dan it-test mill-pronom tat-tielet persuna personali "huma" għall-pronom ta' l-ewwel persuna personali "aħna," u li jbiddel il-verbi "għexu" u "saltnu" tat-temp passat għal "jgħixu" u "jsaltnu" tat-temp futur. Din hija bidla kbira għal xi bniedem li jagħmel li għandu uqija ta' rispett lejn il-Kelma ta' Alla! Trid

tkun tassew prużuntuż biex tbabas mal-Kelma ta' Alla! Iżda li wieħed ibabas mal-Kelma ta' Alla hija ħaġa serja ħafna. Dawk kollha li llum qegħdin jgħallmu dak it-tagħlim falz, jiġifieri, li Kristu se *jsaltan* (futur) għal elf sena fuq l-art, bl-akbar rispett lejhom, għandhom il-kundanna fuqhom li dwarha naqraw f'Rivelazzjoni 22:18-19.

> "*Jiena nwissi lil kull min jisma' l-kelmiet tal-profezija ta' dan il-ktieb: jekk xi ħadd iżid magħhom, Alla jixħet il-kastigi msemmijin f'dan il-ktieb; u jekk xi ħadd ineħħi xi kliem milli hawn fil-ktieb ta' din il-profezija, Alla jneħħilu s-sehem li jmissu mis-siġra tal-ħajja u mill-belt il-qaddisa msemmijin f'dan il-ktieb.*"

Qabel ma nibdew biex naraw xi jgħid tassew it-test tagħna, tajjeb li nkunu nafu xi ħaġa dwar xi prinċipji ta' l-interpretazzjoni. L-għajta tagħna bħala Kristjani tat-Testment il-Ġdid hija "Skrittura Biss." Kull ħaġa jew kull tagħlim li jikkontradixxi lil l-Iskrittura Mqaddsa għandu jittwarrab. Naħseb li sa hawn naqblu lkoll! L-Iskrittura għandha tkun l-awtorità finali tagħna (ara Mattew 28:18; 1 Korintin 4:6; Galatin 1:6-9; Kolossin 3:17; 2 Ġwanni 8-9; Rivelazzjoni 22:18-19).

Huwa stmat li *5% tan-nies jaħsbu*, 15% tan-nies jaħsbu li huma jaħsbu, u 80% tan-nies jippreferu li jmutu milli jaħsbu. Jiena naħseb lin-nies ta' Berea f'Atti 17:10-11 kienu fost il-5% li jaħsbu. Huma analizzaw id-dettalji u waslu għall-konklużjoni. Fl-ispirtu tal-verità, huma "*fittxew kuljum fl-Iskrittura, jekk dawk il-ħwejjeġ kinux hekk*" li kien qal Pawlu. Jiena qiegħed nitlob lil kull min jaqra dan l-istudju biex ikun fost dawk il-5% li jaħsbu u ma jħallix lil min jaħseb għalih! Li wieħed ikun bħan-nies ta' Berea jfisser li jaċċetta t-tagħlim tal-Kelma ta' Alla u mhux xi jgħidu l-iskulari, it-teoloġi, il-kummentarji, jew forsi dak li aħna nkunu nixtiequ li tgħid l-Iskrittura.

It-*teoloġija kollha għandha tiġi minn eseġesi*. Eseġesi hija kelma mill-Grieg li tfisser li tispjega dak li tgħid l-Iskrittura. Aħna, bħala Kristjani neħtieġu li jkollna mudell biex niċċekk-

jaw dawk il-ħwejjeġ li nisimgħu dwar dak li tgħid il-Kelma ta' Alla. Imma jekk dak li nisimgħu jkun f'konflitt ma' l-Iskrittura, jekk dak li jiena nemmen ikun f'konflitt ma' l-Iskrittura, allura jkun jeħtieġ li jiena nimmodifika t-teoloġija tiegħi u mhux nimmodifika l-Iskrittura!

Ħalli naraw xi eżempji: Ir-regola primarja ta' l-ermenewtika, jiġifieri, l-intepretazzjoni ta' l-Iskrittura, hija msejħa "analoġija tal-fidi." L-analoġija tal-fidi hija r-regola li l-Iskrittura tinterpreta lilha nfisha, jiġifieri, l-Iskrittura tinterpreta l-Iskrittura. Dan ifisser li ebda parti ta' Skrittura ma tista' tkun interpretata f'tali mod li jagħmilha tikkontradixxi jew f'konflitt ma' dak li huwa mgħallem ċar xi mkien ieħor fl-Iskrittura.

Prinċipju ieħor ta' l-ermenewtika huwa li ***l-impliċitu***—dak li huwa ssuġġerit għalkemm mhux espress ċar, għandu jkun interpretat permezz ta' ***l-impliċitu***—dak li jintqal ċar. Jekk aħna nżommu dan f'moħħna fl-istudju tagħna dwar l-elf sena, allura ma jkunx diffiċli għalina biex nifhmu sewwa dak li jrid ifisser l-Ispirtu s-Santu dwar dan is-suġġett. Issa ħalli nkomplu bl-istudju tagħna b'dan il-ħsieb f'moħħna. Ġwanni qal,

"*huma* ***għexu*** *u* ***saltnu*** *ma' Kristu elf sena.*"

Ġwanni ma qalx,

"*huma* ***jgħixu*** *u* ***jsaltnu*** *ma' Kristu elf sena.*"

Hawn għandna l-ewwel prova ta' xi jgħidu l-iskulari, it-teoloġi, il-kummentarji jew saħansitra dak li wieħed ikun jixtieq li tgħid l-Iskrittura!

Is-silta **ma tgħid xejn** dwar "l-elf sena ta' ħakma ta' Kristu." Hemm differenza enormi fiż-żewġ espressjonijiet. Rivelazzjoni 20 jgħid,

"*huma għexu u saltnu ma' Kristu.*"

Temmnu dan int? Huma min? Għexu fejn? Saltnu—saltnu kif, ma' min u fejn? "*Għexu u saltnu*"—ma' min, f'liema post? Mhijiex il-ħakma ta' Kristu imma l-ħakma ta' l-erwieħ "ma' Kristu," li hija msemmija f'Rivelazzjoni 20. Hemm differenza enormi bejn li tgħix u taħkem (issaltan) "**ma'** Kristu" u ħakma millenjali

“**ta’** Kristu.” Qiegħed tara kif wieħed ikun imqarraq mingħajr ma lanqas biss jgħaddilu minn moħħu li qiegħed ikun imqarraq! Imma tinsiex it-twissija ta’ l-Ispirtu s-Santu:

> “*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f’hekk tinżel il-korla ta’ Alla fuq dawk li ma jisimgħux.*” (Efesin 5:6).

Mela ejja nkunu tassew għall-fatti fil-każ u ma nħallux lil Satana jaqbadna fix-xibka tiegħu permezz tat-tagħlim falz tal-millenjalisti! Din is-silta ta’ Rivelazzjoni 20:4 **ma ssemmix** “il-ħakma ta’ Kristu,” imma “il-ħakma ta’ *l-erwieħ* **ma’** Kristu.” Huma mhux biss “saltnu” jew ħakmu Miegħu, huma “għexu” Miegħu. Iż-żewġ verbi “*għexu*” u “*saltnu*” huma t-tnejn illimitati bl-elf sena. Jekk l-espressjoni tfisser żmien, allura meta ż-żmien igħaddi l-ħakma tispiċċa, u huma jieqfu milli jkomplu jsaltnu, l-għejxien igħaddi u huma jieqfu milli jkomplu jgħixu.

Ta’ min jinnota wkoll ħaġa li hija ta’ importanza kbira u li turi kemm huwa falz it-tagħlim millenjali. Fil-vers 4, ta’ Rivelazzjoni 20, Ġwanni jgħid:

> “*…u rajt l-ewrwieħ ta’ dawk li kellhom ras-hom maqtuha…*”

Dan jgħidilna min kienu qegħdin taħt it-tronijiet. L-istqarrija definita hija li Ġwanni ra “erwieħ”; ma hemm totalment xejn imsemmi dwar “iġsma.” Li l-Ispirtu s-Santu għażel it-terminu “erwieħ” u mhux “iġsma” ċertament li ma kienx aċċidentali, u ċertament li jindika li l-qawmien f’din is-silta mhuwiex ta’ iġsma. Dan waħdu huwa fatali għal l-idea li Ġesù għandu jiġi personalment fil-bidu ta’ l-elf sena. B’figura rettorika ruħ xi kultant tieqaf għall-bniedem kollu, imma f’silta bħal din ruħ fil-ġisem—bniedem ħaj—hija indikata ċar. Ara Atti 2:41; 27:37. Il-kelma Griega għal ruħ (*psyche*) spiss tfisser ħajja, kif l-Iskritturi li ġejjin juru: Mattew 6:25; 16:26-27. “L-erwieħ” li ra Ġwanni simbolikament irrappreżentaw il-ħajja tal-klassijiet li hu jsemmi mmedjatament. Huma *jsaltnu* ma’ Kristu għaliex ħajjithom huma imitati mill-qaddisin fuq l-art li, bħalhom, imutu qabel ma jsiru taridturi tal-

fidi, jew billi jaċċettaw dottrini foloz. Dawk fuq it-tronijiet huma wkoll imfissra bħala "erwieħ" ta' dawk li kellhom "rashom maqtugħa minħabba fix-xhieda ta' Ġesù, u l-Kelma ta' Alla," li jfisser li kienu ġew maqtula minħabba t-twemmin tagħhom fi Kristu u minħabba li rrifjutaw li jiċħdu lil Kristu jew il-Kelma ta' Alla. Il-qtugħ tar-ras, li kienet forma komuni li tneħħi lil dawk ikkundannati, probabbilment tippreżenta kull xorta ta' martirju. Dawn kienu qaddisin li ddistingwew lilhom infushom billi żammew sodi fil-persekuzzjoni jew fil-mewt għall-knisja. Dawk il-qaddejja ta' Alla biss li ddistingwew lilhom infushom ikunu jaqblu għas-sim-bolu ta' li jsaltnu simbolikament għal elf sena.

It-tabella ta' taħt għandha tgħin biex tenfasizza li Rivelazzjoni 20 fih nieqes il-ħwejjeġ lit-teorija millenjali teħtieġ.

**ĦWEJJEĠ mhux IMSEMMIJA f'RIVELAZZJONI 20:1-6**

1. **Dawn ma jsemmux it-Tieni Miġja ta' Kristu**
2. **Dawn ma jsemmux Qawmien bil-Ġisem**
3. **Dawn ma jsemmux Ħakma fuq l-Art**
4. **Dawn ma jsemmux Tron Letterali (ta' David)**
5. **Dawn ma jsemmux lil Ġerusalem jew il-Palestina**
6. **Dawn ma jsemmux Lilna**
7. **Dawn ma jsemmux lil Kristu Fuq l-Art**

**Saħta Imħabbra Fuq kull min Iżid mal-Kliem ta' Dan il-Ktieb (Rivelazzjoni 22:18-19).**

Rivelazzjoni 20:1-6, mela, ma jsemmux it-tieni miġja ta' Kristu. Din mhix is-suġġett ta' dawn il-versi. Ma jsemmux qawmien bil-ġisem, dan mhux is-suġġett tagħhom. Ma jsemmux ħakma fuq l-art—lanqas ma jsemmu "l-ħakma ta' Kristu" —u lanqas ma hija s-suġġett. Mhuwiex possibbli għal erwieħ li jgħixu u jsaltnu "ma' Kristu" mingħajr ma Kristu jkun fuq l-art? Barra minn dan, dawn ma jsemmux it-tron ta' David jew xi tron ieħor fuq l-art. U dawn lanqas ma jsemmu lil Ġerusalem jew il-Palestina, lanqas ma jsemmu lil Kristu fuq l-art.

Ġesù qal li Ġerusalem muhwiex il-post fejn in-nies għandhom jaduraw (Ġwanni 4:20-21) imma l-millenjalisti jridu li

dak il-post jagħmluh hemm! Ġesù qal lis-saltna Tiegħu mhijiex ta' din id-dinja (Ġwanni 18:36), imma l-millenjalisti jridu jagħmluha fid-dinja, ta' din id-dinja. Jistgħu l-millenjalisti jgħidu konsistentament li għalkemm Rivelazzjoni 20 ma jsemmi xejn minn dawn il-ħwejjeġ, dan jgħallimhom kollha? Imma huwa għalkollox possibbli u konsistenti għal dawn il-ħwejjeġ kollha msemmija li jeżistu mingħajr ma jkunu fuq l-art.

Dan ifakkarni dwar iż-żagħżugħ li kien għadu kif iżżewweġ. Wara li mar fuq xogħol biex ibigħ l-affarijiet tiegħu 'l bogħod mid-dar, il-mara żagħżugħa tiegħu iddeċidiet li ma kinetx se tistenna sat-tmiem il-ġimgħa biex tara lil żewġha, għalhekk bagħtitlu telegramma li kienet tgħid: "Għażiż tiegħi, fittex ejja malajr, malajr ħalli tarani. Qiegħedha mmut." Ir-raġel żagħżugħ qabad il-kappell tiegħu u l-bagalja u ġera għat-tren, imma meta wasal u niżel jiġri mit-tren, ara! Martu ż-żagħżugħa kienet fl-istazzjon tistennih, kollha tbissim, biex tilqgħu. Bi skantament kbir hu qal: "Għażiża tiegħi, għaliex bgħattli dik it-telegramma? Inti għedtli li kont qed tmut." Hija weġbitu: "O, jiena kont qed immut biex narak, imma kont nista' nibgħat telegramma b'għaxar kelmiet biss għal 25ċ.

Issa, din hija preċiżament is-sitwazzjoni mil-millenjalisti fuq Rivelazzjoni 20. Il-kliem tal-millenjaliżmu mhux qiegħed hemm, l-ideat tal-millenjaliżmu mhumiex hemm, u billi l-kliem huma s-sinjali ta' l-ideat, ma hemmx 'tiġbid' biżżejjed fis-silta kollha biex saħansitra tissupplixxi l-idea għat-teorija falza tagħhom. Din hija l-qlajja ta' immaġinazzjoni fantastika li hija l-kaġun ta' telfien ta' ħafna erwieħ!

Mela, int li temmen dan it-tagħlim falz, qatt ippruvajt, qabel ma aċċettajt dan it-tagħlim, issib fejn f'dawn il-versi minn Rivelazzjoni 20 tista' ssib imsemmija t-tieni Miġja ta' Kristu? Qatt ippruvajt issib fejn dawn il-versi jsemmu l-Qawmien bil-Ġisem? Qatt ippruvajt issib fejn dawn il-versi jsemmu l-Ħakma fuq l-Art ta' Kristu? Qatt ippruvajt issib qabel ma aċċettajt dik it-teorija falza fejn dawn il-versi jsemmu Ġerusalem jew il-Palestina? U fuq kollox, qatt int ippruvajt issib fejn dawn il-versi jsemmu Lilna? U wkoll qatt int ippruvajt issib fejn f'dawn il-

versi nistgħu nsibu li Kristu se jsaltan FUQ l-art? U hawn nixtieq li forsi noħroġ xi ftit barra mis-suġġett u nsemmi ħaġa oħra dwar it-tieni miġja ta' Kristu. Imkien fl-Iskrittura ma wieħed jista' juri xi vers fejn jgħid li Kristu se jerġa' jiġi *fuq l-art*. Imma, malli tgħid dan lill-millenjalisti, huma jkunu pronti u jikkwotawlek Atti 1:11 fejn iż-żewġt irġiel libsin l-abjad qalu lil l-appostli:

> "*Irġiel tal-Galilija, x'intom tħarsu lejn is-sema? Dan Ġesù, li kien meħud minn magħkom lejn is-sema, għad jerġa' jiġi kif rajtuh sejjer.*"

Imma hawn ma hemm xejn imsemmi li Kristu se jinżel fuq l-art! Mela kif aħna nistgħu nkunu nafu jekk Kristu se jinżilx fuq l-art jew le meta jerġa' jiġi? Jekk aħna lesti li nħallu l-Iskrittura tinterpreta lilha nfisha, iva, inkunu nafu sewwa dwar dan. L-appostlu Pawlu, waqt li qiegħed jitkellem dwar dan is-suġġett, jiġifieri, it-tieni miġja tal-Mulej, jgħid hekk:

> "*Ma rridux li ma tkunux tafu, ħuti, fuq il-mejtin biex ma ssewdux qalbkom bħal l-oħrajn li ma għandhomx tama. Jekk aħna nemmnu li Ġesù miet u qam mill-imwiet, hekk ukoll Alla jiġbor miegħu lil dawk li raqdu f'Ġesù. Dan ngħidulkom fuq il-kelma tal-Mulej, jiġifieri li aħna li nkunu għadna hawn ħajjin għall-miġja tal-Mulej, ma mmorrux qabel dawk li jkunu raqdu. Għaliex il-Mulej innifsu mal-kmand, mal-leħen ta' l-arkanġlu u t-tromba ta' Alla, jinżel mis-sema, u dawk li jkunu mietu fi Kristu jqumu l-ewwel. Imbagħad aħna li nkunu ħajjin, li nkunu għadna hawn, ninħatfu magħhom* ***fl-ajru fis-sħab biex niltaqgħu mal-Mulej fl-ajru****. Hekk inkunu dejjem mal-Mulej. Agħmlu l-qalb lil xulxin b'dan il-kliem*" (1 Tessalonikin 4:15-18. enfasi tiegħi).

L-Ispirtu s-Santu jagħtina tweġiba ċara ħafna hawn. Għalhekk f'versi 21 u 22 jgħidilna:

> "*Ippruvaw kollox: it-tajjeb żommuh, u fuq kollox warrbu kull xorta ta' ħażen.*"

*(2) **Ħwejjeġ letterali u ħwejjeġ figurattivi.***

Xi wħud jgħidu li l-elf sena huma letterali. Fil-ktieb li jġib it-titlu ta' "Unveiling the Future" ("Nikxfu il-Futur"), l-awtur qal li dak kollu f'dan il-kapitlu huwa letterali. Agħti ħarsa lejn dak kollu—żwiemel letterali, sjuf (xwabel) letterali, xettru tal-ħadid letterali, inbid ibaqbaq fil-magħsra letterali, għedt int? Imbagħad tjur letterali—tjur jieklu l-laħam letterali tas-slaten! Dak kollu letterali? Imbagħad anġlu letterali nieżel bil-muftieħ letterali u b'katina letterali jorbot id-dragun letterali! U l-ġisem letterali tad-dragun letteralment mela d-dinja kollha. Id-denb letterali tiegħu laħaq lejn is-sema letterali u kines kwiekeb letterali mill-orbiti letterali tagħhom u wadabhom lejn l-art.

Il-ġisem tad-dragun mela d-dinja kollha, madankollu, hu kellu jkun imwaddab fil-bir letterali bla qiegħ, bid-denb u b'kollox! Fejn setgħu jħaffru l-bir fl-art ladarba t-test jgħid li l-ġisem tad-dragun mela l-art kollha? Id-denb letterali tiegħu laħaq il-kwiekeb? Jekk dan il-bir letterali kien letteralment bla qiegħ, ikun dan, fuq kollox, "bir"?

Issa, kemm mill-affarijiet li sejrin naraw fit-tabella li jmiss huma letterali? Xi ngħidu għar-riferenza ta' dan id-dragun jiknes il-kwiekeb tas-sema mill-orbiti tagħhom b'denbu? Tassew kien denb kbir u twil! Kemm hemm bogħod għall-kwiekeb? Bosta miljuni ta' kilometri. Imma dan id-dragun kines il-kwiekeb mis-sema b'denbu. Hekk tgħid l-Iskrittura f'Rivelazzjoni. Imbagħad dak id-dragun kellu ġisem li mela d-dinja; madankollu ħofra hija mħaffra fl-art biex tissiġillah fiha! Letterali? Billi l-ġisem tal-bhima kien kbir daqs id-dinja kollha, fejn ħaffru l-bir jew il-ħofra? Ħalli issa naraw it-tabella.

**LETTERALI JEW FIGURATTIV—LIEMA?**
**Rivelazzjoni 19—20**

1. Żiemel Abjad u Ġerrej
2. Armati – Żwiemel – Gwerra
3. Sejf – Ħiereġ – mill-Ħalq
4. Ħakma – Xettru tal-Ħadid
5. Inbid – Ibaqbaq – Mgħasra
6. Isem fuq Wirku (Koxxtu)
7. Tjur Itiru għal Ikla
8. Jieklu l-Laħam – Slaten – Nies – Żwiemel
9. Tjur Mimlija b'Laħamhom
10. Bhima – Marka – Xbieha
11. Anġlu Nieżel
12. Muftieħ – Katina – Bir
13. Marbut – Elf Sena
14. Dragun – Denb – Kwiekeb
15. Żrinġijiet Ħerġin mill-Ħalq
16. Marbut – Bir bla Qiegħ
17. Maqful – Issiġillat
18. Tronijiet – Rashom Maqtugħa
19. Ħabs – Mitluq – Battalja
20. Kamp tal-Qaddisin – Imdawwar
21. Nar u Kubrit

**HUMA DAWN KOLLHA LETTERALI JEW KOLLHA FIGURATTIVI?**

***(3) l-Elf Sena***

Hemm wieħed u għoxrin figura tal-kliem f'din it-tabella meħuda minn Rivelazzjoni 20. Huma dawn letterali? Huma xi wħud minnhom figurattivi? Huma xi wħud minnhom letterali? Jekk hekk, liema minnhom? Issa, kull wieħed li għandu moħħ li jaħseb u qiegħed jużah, jaf tajjeb li dawn is-simboli mhumiex letterali. F'serje ta' simboli bħal dawn, huwa raġunèvoli li tagħmel applikazzjoni letterali ta' l-elf sena u applikazzjoni figurattiva għal kumplament kollu? Ċertament li le. L-elf sena bħall-partijiet l-oħra tal-viżjoni hija figura tal-kliem—simbolu ta' xi ħaġa oħra.

Il-Bibbja tgħid li Alla jiftakar jew iżomm il-patt Tiegħu sa *elf* ġenerazzjoni (Dewteronomju 7:9). Igħodd Alla elf ġenerazzjoni

letterali, imbagħad jieqaf milli jkompli jiftakar il-patt tiegħu? Dan ifisser li l-memorja ta' Alla dwar il-patt jew l-għaqda Tiegħu hija perfetta, hija kompluta, hija sħiħa. L-elf sena huma figura ta' ħaġa kompluta, u ma tfissirx ċiklu ta' żmien.

Mela xi ngħidu dwar il-millennju? Xejn ma jintqal dwar millennju. L-elf sena ma jfissrux millennju. Ma hemm ebda millennju. Qatt ma kien hemm millennju. Qatt mhu se jkun hemm millennju. Rivelazzjoni kapitlu 20 ma jirriferrixxix għall-millennju. Fejn ikun dan? Imkien. Meta jkun dan? Qatt. Mela xi ngħidu dwar il-millennju? Xejn dwaru—kull ma nista' ngħid li dan mhuwiex! L-"elf sena" mhumiex letterali, kif rajna aktar qabel, għalhekk mhumiex millennju u m'għandhom **ebda** riferenza għall-millennju. Il-kelma maġika "millennju" **mhijiex** fit-test.

***(4) L-Erwieħ tal-martri***

F'din il-viżjoni Ġwanni ra "tronijiet" u lil "dawk li qagħdu fuhom." U dawk li hu *ra* kienu l-*erwieħ* ta' dawk li *kellhom ras-hom maqtugħa*. *Huma* ma "qimux" lill-bhima. *Huma* ma "ħadux" il-marka tiegħu, u *huma* "għexu" u "saltnu" ma' Kristu.

L-ewwel "*huma għexu u saltnu ma' Kristu elf sena*." Dan **ma jsemmix** it-tieni miġja ta' Kristu, qawmien bil-ġisem, ħakma fuq id-dinja, tron letterali—f'Ġerusalem jew xi mkien ieħor. Dan lanqas ma jsemmi lilna, u lanqas ma jsemmi lil Kristu fuq l-art. Rivelazzjoni kapitlu 20 ma jsemmi xejn minn dawn il-ħwejjeġ, *u saħta hija ippronunzjata fuq kull min **iżid** mal-kliem tal-ktieb*! Staqsi lilek innifsek, jekk int temmen li Kristu se jerġa' jsaltan fuq l-art għal elf sena, qatt għaddielek minn moħħok li dawn il-ħwej-jeġ mhumiex imsemmija f'Rivelazzjoni 20? Se tagħmel issa li taf, sejjer twarrab għal kollox it-tagħlim falz tal-bnedmin li għandu s-saħta ta' Alla ippronunzjata fuqu jew le? Din hija kustjoni ta' mewt jew ħajja eterna! Tħallix is-suppervja tgħelbek imma kun umli u warrab dak it-tagħlim falz u qerriedi!

It-tieni, "huma" għexu u saltnu ma' Kristu. Dan jgħid li "huma" —l-erwieħ tal-martri, dawk li kellhom rashom maqtugħa, għexu u saltnu ma' Kristu. X'tgħid int, li huma "għexu u saltnu"

jew li huma *se* "jgħixu u jsaltnu" ma' Kristu? Dawk biss li kellhom rashom maqtugħa daħlu f'dawk l-elf sena. Jekk dawk l-elf sena huma letterali, allura l-qtugħ ta' l-irjus huwa letterali, u *dawk biss* li jkollhom letteralment rashom maqtugħa jidħlu fil-millennju! Dan lilna jaqtagħna barra sakemm ma jkun hemm ebda millennju letterali. Jekk huma elf sena letterali, huwa qtugħ letterali ta' l-irjus. Jekk huwa qtugħ ta' l-irjus figurattiv, l-elf sena huma figurattivi, u f'kull mod ma hemmx millennju! Mela kun int minn dawk il-5% li jaħsbu u tħallix lil min jaħseb għalik hu u jqarraq bik!

It-tielet. "Huma għexu u saltnu." Jekk it-terminu "saltnu" huwa illimitat b'elf sena, il-verb "għexu" huwa wkoll illimitat b'elf sena. Jekk il-ħakma tispiċċa bl-elf sena, il-ħajjin jispiċċaw b'elf sena, u l-millennju jispiċċa b'kulħadd fih jieqaf milli jkompli jgħix. U tabilħaqq, dak ikun tassew millennju bla ebda tama, mhux hekk?

Aħna dan ma nemmnuħx għaliex huwa t-tagħlim falz tal-profeti u l-għalliema foloz li l-Kelma ta' Alla tikkundannahom!

### *(5) L-ewwel qawma.*

L-espressjoni "din hi l-ewwel qawma" hija fiha nfisha l-prova li riferenza hija magħmula għall-qawma figurattiva. Il-kelma kienet użata f'sens mhux tas-soltu, tant mhux tas-soltu li kien meħtieġ għal Ġwanni biex jispjega l-użu tagħha billi jgħid, "din" hija l-ewwel qawma—dan huwa dak li hu mfisser bis-simbolu, spjega Ġwanni.

Fuq din it-tabella sejrin naraw xi paralleli f'qawmien figurattiv.

**L-EWWEL QAWMA**

1. Iżrael f'Babel—Eżekjel 37:1-14
   "Jien sa niftaħ l-oqbra tagħhom—u toħorġu—Tgħixu
2. Is-Sidien Ħżiena—Isaija 26:13,14, 19
   "Huma mietu—ma jgħixux—mejtin ma jqumux—il-mejtin tiegħek jgħixu—huma jqumu
3. Iżrael Fi Kristu—Rumani 11:15
   "Id-dħul tagħhom—ħajja mill-mewt"

4. L-Erwieħ tal-Martri—Rivelazzjoni 6:9—20:4-5
   "L-erwieħ tal-maqtula—taħt l-artal"—Erwieħ rashom maqtugħa—fuq tronijiet"
5. Eżentati mit-Tieni Mewt—Rivelazzjoni 2:11; 20:6
   "Min jirbaħ—Ma jkollux ħsara mit-Tieni Mewt"—Parti fl-ewwel qawma—it-tieni mewt ma għandix setgħa."

**IL-QAWMA TA' KAWŻA**

Meta aħna nissuġġerixxu li Rivelazzjoni 20 hija qawma figurattiva jew spiritwali, xi wħud jgħidulna b'mod ta' disprezz "min qatt sema' dwar qawma figurattiva?" Tajjeb—jekk int qatt ma smajt b'waħda, ħalli nurik xi ftit mill-Kelma ispirata ta' Alla fejn hemm dan imsemmi b'mod l-aktar ċar. Alla kien jaf li fil-futur kien se jkun hemm dan it-tagħlim falz u għalhekk tana eżempji fil-Kelma Tiegħu biex aħna nkunu nistgħu niddefendu t-tagħlim Tiegħu kontra t-tagħlim falz tal-bnedmin:

Isma' lil Eżekjel x'għandu xi jgħid dwar dan:

> *"Id il-Mulej kienet fuqi, u l-Mulej ħariġni bl-ispirtu, u qegħidni f'nofs il-wied, li kien mimli bil-għadam, U ġegħilni ngħaddi minn ħdejhom dawramejt: u, ara, kienu nexfin għall-aħħar. U qalli: O bin il-bniedem, jista' jarġa' dan il-għadam jieħu l-ħajja? U weġibt: O Sidi Mulej, int taf. Raġa' qalli: Ħabbar għal dan il-għadam, u għidilhom: O għadam niexef, isimgħu l-kelma tal-Mulej. Hekk igħid Sidi l-Mulej lil dan il-għadam: Ara, jien indaħħal fikom in-nifs, u intom ikollkom il-ħajja. U nqiegħed fuqkom in-nervi, u nrabbi fuqkom il-laħam, u ngħattikom bil-ġilda, u nqiegħed fikom in-nifs, u jkollkom il-ħajja; u tagħrfu li jiena l-Mulej. Għalhekk ħabbart kif kont ordnat: u jiena u nħabbar kien hemm ħoss, u taħrik, għadma lejn għadma. U xħin ħarist, ara, in-nervi u l-għadam ġew fuqhom, u l-ġilda għattiethom minn fuq: imma ma kienx hemm nifs fihom. Imbagħad qalli: Ħa-*

*bbar lir-riħ, ħabbar, o bin il-bniedem, u għid lir-riħ: Hekk igħid Sidi l-Mulej: Ejja mill-erbat irjieħ, o nifs, u onfoħ fuq dawn il-maqtulin, biex ikollhom il-ħajja. Għalhekk jien ħabbart bħal ma ordnali, u n-nifs daħal ġo fihom, u ħadu l-ħajja, u waqfu fuq riġlejhom, eżerċtu kbir ħafna ħafna. Imbagħad qalli: O bin il-bniedem, dan il-għadam huma dar Iżrael kollha: ara, huma jgħidu: Għadamna niexef, u tamitna mitlufa: aħna maqtugħin għal kollox. Għalhekk ħabbar u għidilhom: Hekk igħid Sidi l-Mulej: Ara, o poplu tiegħi, jien sa niftaħ l-oqbra tagħkom, u nġibkom f'art Iżrael. U tagħrfu li jiena l-Mulej, meta niftaħ l-oqbra tagħkom, o poplu tiegħi, u ntellagħkom mill-oqbra tagħkom. U nqiegħed l-ispirtu tiegħi fikom, u jkollkom il-ħajja, u nqegħidkom f'artkom: imbagħad tagħrfu li jiena, il-Mulej, tkellimt, u għamilt, igħid il-Mulej*" (Eżekjel 37:1-14).

Hawn għandna deskrizzjoni ta' qawmien, straordinarju, tassew. Li joħroġ lil Iżrael barra mill-art tal-jasar tagħhom u jġibhom lura f'arthom kien imsejjaħ qawma. Huma kienu fl-oqbra tagħhom f'Babel, madankollu, huma kienu poplu ħaj. Alla qal li Hu fetaħ l-oqbra tagħhom u ħariġhom barra u kkawżahom li jgħixu. Issa, dik kienet qawma figurattiva, mela tgħidx li qatt ma smajt b'waħda.

Issa isma' lil Isaija, li pprofetizza l-eżilju Babilonjan mitt sena qabel:

"*O Mulej, Alla tagħna, sidien oħra ħakmuna, barra minnek: iżda bik biss l-isem tiegħek insemmu. Dawn mietu, ma jgħixux iżjed; huma spirti, ma jqumux: għalhekk int ikkastigajthom u qridthom, u neħħejt kull tifkira tagħhom. Int kattart il-ġens, o Mulej, int kattart il-ġens: int igglorifikat: int wessajt it-truf*

*kollha tal-pajjiż. O Mulej, fid-dwejjaq huma fittxuk; għamlu talba umli xħin il-kastig tiegħek kien fuqhom. Bħal mara tqila, li qorbot biex tiled, u li tkun titkagħweġ u tgħajjat bl-uġigħ; hekk konna aħna quddiemek, o Mulej. Tqalna, tkagħwiġna, qisna wlidna riħ; ma wlidna l-ebda ħelsien għall-art; u dawk li jgħammru fid-dinja ma waqgħux. Il-mejtin tiegħek igħixu; l-iġsma tagħhom iqumu flimkien ma' ġismi mejjet. Qumu, u għannu, o intom li tgħammru fit-trab: għax in-nida tiegħek hu bħan-nida taż-żerniq, u l-art trodd il-mejtin*" (Isaija 26:13-19).

Ir-riferenza hawn hija għas-sidien ħżiena tat-Testment il-Qadim. Huma kienu qegħdin jeżerċitaw dominanza fuq il-poplu mgħakkes ta' Alla. Huma kienu "sidien" fuq il-poplu ta' Alla. Isaija qal, sidien oħra darba kellhom "dominanza" fuqhom, imma huma kienu "mejtin," u ma "jgħixux"; kienu "mejta," u "ma jqumux." Ifisser dan li l-ħżiena ma jkunux imqajma mill-mewt? Iffiser dan li l-ħżiena mejtin ma jerġgħux jgħixu? Ebda eżistenza futura għall-ħżiena? Jekk dak hu li dan ifisser, ma hemm ebda qawmien tal-ħżiena u verità fundamentali b'hekk tkun miċħuda, imma din mhix it-tifsira. It-tifsira hija din: Id-dominanza tas-sidien ħżiena fuq il-poplu ta' Alla tkun imwaqqfa. Waqt li dawn is-sidien kellhom dominanza fuq il-poplu ta' Alla ntqal li huma kienu qed "jgħixu"—fid-dominanza tagħhom. Meta d-dominanza tagħhom tkun meqruda u l-oppressjoni tal-poplu ta' Alla tinġieb fit-tmiem, dawn is-sidien ikunu "mejta"—huma kienu mejta bħala sidien. Huma ma jgħixux—jiġifieri, id-dominanza tagħhom ma terġax teżisti.

Imma jitkellem dwar il-poplu ippersegwitat ta' Alla, dan jgħid, "*Il-mejtin tiegħek igħixu*" (v. 19). Meta Iżrael kienu fil-jasar taħt dawn is-sidien, intqal dwarhom li huma kienu mejtin, u s-sidien ħżiena ntqal dwarhom li huma kienu qegħdin jgħixu. Imma meta d-dominanza tas-sidien spiċċat huma kienu mneħħija—is-setgħa tagħhom kienet mejta—huma kienu mejtin; huma m'għandhomx

"jgħixu"—f'dominanza ħażina; huma m'għandhomx "iqumu"—bħala sidien. Imma l-poplu ta' Alla li kienu fil-jasar kienu fi stat imsejjaħ "mejtin," għalkemm ħajjin. Imma Isaija qal "Huma jgħixu," u "huma jqumu." Għalhekk, li joħorġu mill-jasar tagħhom jippreżenta qawma, imma mhux qawma letterali—din kienet qawma figurattiva.

Issa dik hija x-xorta ta' qawma murija f'Rivelazzjoni 20. Waħda hija d-deskrizzjoni ta' Iżrael ippersegwitat fit-Testment il-Qadim; l-oħra hija d-deskrizzjoni tal-knisja ppersegwitata fit-Testment il-Ġdid. Il-prinċipju huwa l-istess. Imma x'inhu jiġri llum? Il-bniedem, għaliex jaħseb li hu għandu l-awtorità li jinterpreta l-Kelma ta' Alla jagħti l-interpretazzjoni tiegħu u, kif jgħid tajjeb il-Mulej, "*ħelu ħelu jġibu il-Kelma ta' Alla fix-xejn*" (Mark 7:9). L-Ispirtu s-Santu jnterpretalna t-tifsira ta' dan fis-siltiet li rajna mil-Kelma Tiegħu stess. Il-bniedem jinterpretalna dan mill-opinjoni tiegħu. Liema interpretazzjoni se taċċetta int?

Eżempju ieħor huwa r-riferenza ta' l-appostlu Pawlu għall-qawmien spiritwali ta' Iżrael:

> "*Għax jekk ir-rimi tagħhom sar ir-rikonċil-jazzjoni tad-dinja, x'ikun id-dħul tagħhom, ħlief ħajja mill-mewt?*" (Rumani 11:15).

Meta l-Lhud kienu kkonvertiti għal Kristu taħt l-Evanġelju, kien id-dħul tagħhom "bħala ħajja mill-mewt." Dik hija qawma oħra figurattiva—qawma spiritwali.

Meta Ġwanni ra l-erwieħ tal-martri, maqtula minħabba x-xhieda ta' Ġesù u l-Kelma ta' Alla, "taħt l-artal," imbagħad raw lil l-istess erwieħ "fuq tronijiet," din kienet viżjoni ta' vittorja. Tieħu l-erwieħ minn taħt l-artal u televahom għat-tronijiet kien imsejjaħ qawma, f'eżattament l-istess sens li toħroġ lill-poplu ta' Iżrael barra mill-jasar f'Babel kien li tiftaħ l-oqbra tagħhom, u tirrestaw-rahom lejn l-art tagħhom kien li tikkawżahom li "jgħixu" –mewta figurattiva u qawma figurattiva.

Issa aqra Rivelazzjoni 2:11 u qabblu ma' Rivelazzjoni 20:6.

(1) "*Min jirbaħ ma jkollux ħsara mit-tieni mewt*"—Rivelazzjoni 2:11

(2) "*…min għandu sehem fl-ewwel qawma: fuq dawn it-tieni mewt ma għandhiex setgħa*"—Rivelazzjoni 20:6.

Juri bil-quddiem il-persekuzzjonijiet tal-Kristjani tal-bidu, Ġwanni qalilhom f'Rivelazzjoni 2:11 li "*min jirbaħ ma jkollux ħsara mit-tieni mewt.*" Imma f'Rivealzzjoni 20:6 l-istess appostlu ikellem lil l-istess persuni qal, "*min għandu sehem fl-ewwel qawma: fuq dawn it-tieni mewt ma għandhiex setgħa.*" Għalhekk li jkollhom parti fl-ewwel qawma huwa l-istess daqs li jkunu eżentati mit-tieni mewt. Imma li tirbaħ dawn il-persekuzzjonijiet huwa l-istess daqs li tkun eżentat mit-tieni mewt.

1. Li tirbaħ il-persekuzzjonijiet huwa l-istess daqs eżenzjoni mit-tieni mewt.
2. Parti fl-ewwel qawma hija l-istess daqs eżenzjoni mit-tieni mewt.
3. Ħwejjeġ li huma l-stess daqs ħwejjeġ oħra huma l-istess għal xulxin.
4. Li tirbaħ il-persekuzzjonijiet u parti fl-ewwel qawma kienu ndaqs għall-istess ħaġa, għalhekk huma kienu l-istess għal xulxin.

Jintqal li Rivelazzjoni 2:25-28 jirriferu għat-tieni miġja ta' Kristu meta Hu jagħti lill-qaddisin "setgħa fuq il-ġnus" u mbagħad Hu "jsaltan fuqhom b'xettru tal-ħadid"—fil-millenju. Interpretazzjoni bħal din takkuża lil Ġesù Kristu li huwa qarraq lill-knisja f'Tijatira f'li jemmnu li Hu jiġi fil-ħajja tagħhom. Għandu jkun osservat li "l-miġja" ta' Kristu hija msemmija f'bosta sensi, f'postijiet oħra fit-Testment il-Ġdid, u f'Rivelazzjoni. Lil Efesu, Pergamu, Sardi u Laodikija, Kristu qal li Hu "jiġi." Hu "jiġi" fil-ġrajjiet imsemmija, ħwejjeġ imwiegħda jew imhedda. Lil Tijatira Hu qal: 1. Biex iżommu tajjeb. 2. Biex jirbħu. 3. Biex iħarsu l-opri Tiegħu. Dawk kollha "sa ma niġi jien," juru li dan ma kienx jirriferi għat-tieni miġja Tiegħu. Barra minn dan, l-espressjonijiet f'versi 26-28 kienu indikattivi ta' ħwejjeġ li jiġru fil-perjodu tal-ħajja ta' Tijatira: 1. Setgħa fuq il-ġnus—l-influwenza ta' l-Evanġelju li jkisser il-qawwa tal-persekuzzjonijiet pagani u l-ġnus pagani. 2. Xett-ru tal-ħadid—l-influwenza irreżistibbli ta' Kristu fil-predikazz-joni u

l-ħajja tal-Kristjani tal-bidu—kienet ta' eżempju ukoll fil-martirju. 3. Il-kewkba ta' fil-għodu, il-post eżaltat ta' dawk li jirbħu, maġenb Kristu, fl-imperu glorjuż Tiegħu—il-knisja.

Jintqal li Rivelazzjoni 3:21-22 jagħmlu distinzjoni bejn it-tron tal-Missier, li fuqu Kristu qiegħed issa, mal-Missier "fit-tron Tiegħu," u t-tron ta' Kristu Nnifsu li Hu għandu jokkupa meta jiġi, għalhekk "lir-rebbieħ nagħtih li joqgħod maġenbi fuq it-tron tiegħi." Imma s-saltna ta' Alla u s-saltna ta' Kristu u l-knisja huma saltna waħda. L-Ispirtu s-Santu jgħidu dan permezz ta' l-appostlu Pawlu:

> "*Għax dan kunu afu: li ebda żieni jew faħxi jew rgħib—li hu idolatra—ma jkollu wirt **fis-saltna ta' Kristu u ta' Alla***" (Efesin 5:5).

U l-knisja ta' Alla u l-knisja ta' Kristu huma knisja waħda. Dan ukoll jgħidu l-Ispirtu s-Santu. (ara 1 Tessalonikin 1:1; 2:14). Għaliex, mela, mhux ukoll it-tron ta' Alla u t-tron ta' Kristu mhumiex tron wieħed? Il-Kristjani jaqsmu fis-saltna ta' Kristu issa—Luqa 22:29; u huma jaqsmu t-tron Tiegħu issa—Rivelazzjoni 3:21-22.

Qabbel Mattew 19:28 ma' Luqa 22:29. "Fir-riġenerazzjoni" Ġesù joqgħod fuq it-tron tal-glorja Tiegħu. Titu 3:5 jirriferi għall-"ħasil tat-twelid Ġdid." It-taqsima ta' l-Evanġelju hija r-riġenerazzjoni, it-taqsima tar-riġenerazzjoni u tat-twelid mill-ġdid, li permezz tiegħu aħna nkunu "ħolqien ġdid." Mela issa aħna għandna "r-riġenerazzjoni," issa għandna "t-twelid mill-ġdid," u aħna issa "aħna ħolqien ġdid." F'li tiċħad li din it-taqsima hija r-riġene-razzjoni l-interpretazzjoni premillenjali tiċħad it-twelid mill-ġdid issa.

Kristu issa qiegħed fuq it-tron tal-glorja—Luqa 24:26—u l-appostli qegħdin fuq tronijiet ta' awtorità issa, "tnax-il tron, jiġġudikaw lit-tnax il-tribù"—il-knisja kollha ta' Alla. Hija t-tron tal-glorja u t-tron ta' l-awtorità rispettivament—issa.

F'Mattew 19:28, Ġesù qal: "Intom li ġejtu warajja," tkunu mogħtija tronijiet. Imma f'Luqa 22:28: "intom li żammejtu sħiħ miegħi" tkunu mogħtija saltna (v. 29). Għalhekk, li jkollok "tronijiet" fir-riġenerazzjoni kien l-istess daqs li tkun "mogħti" (appuntat) saltna—issa.

F'din it-taqsima Kristu qiegħed fuq it-tron Tiegħu tal-glorja. Din testendi miż-żmien li Hu daħal fil-glorja Tiegħu (Luqa 24:26) sa ma "jiġi fil-glorja Tiegħu" (Mattew 25:31). Kristjani li jirbħu "joqgħodu miegħu fit-tron tiegħu" l-istess kif huma jaqsmu t-tron Tiegħu fl-istess sens u għal l-istess daqs, u huma jaqsmu l-glorja Tiegħu fl-istess grad—issa.

Dawn il-konsiderazjonijiet jeqirdu l-interpretazzjoni millenjali tat-tron tal-Missier u t-tron ta' l-Iben, dwar dak li għandu x'jaqsam dwar distinzjoni u differenza bejniethom, u jirrifjutaw l-interpretazzjonijiet tagħhom ta' Rivelazzjoni 2:25-28 u Rivelazzjoni 3:21-22.

Dan iwassalna għax-xena ta' l-għeluq ta' Rivelazzjoni murija f'kapitli 20, 21 u 22 f'sommarju ġenerali tal-veritajiet eleganti tal-viżjoni f'relazzjoni għall-obligazzjonijiet tal-knisja trijonfali ħierġa mill-persekuzzjonijiet u oppressjonijiet għall-vittorja glorjuża.

## III. IL-KNISJA TRIJONFALI U L-ISTEDINA TA' L-EVANĠELJU

Bħala kontinwazzjoni għall-viżjoni ta' vittorja, l-aħħar kapitli ta' Rivelazzjoni jippreżentaw il-knisja mlibbsa fl-ilbies ta' vittorja "bħal għarusa mżejna għal żewġha" (Rivelazzjoni 21: 2). Il-figura ma tindikax li l-knisja mhijiex issa l-għarusa ta' Kristu, kif xi wħud assumew. Pjuttost, l-appostlu Pawlu jgħidilna f'Rumani 7:4 li l-knisja kienet miżżewwġa lil Kristu u qed tagħti frott għal Alla f'dik ir-relazzjoni. L-esspressjoni "bħal għarusa mżejna" hija biss paragun—turi l-kobor grandjuż tal-knisja trijonfali fl-ilbies tal-vittorja—fil-glorja kollha u ġmiel u kobor grandjuż ta' għarusa fit-tiżjin tagħha. Huwa hawn li l-knisja vittorjuża iġġeded il-missjoni tagħha għall-bnedmin:

> "*L-Ispirtu u l-għarusa jgħidu: Ejja*" (Rivelazzjoni 22:17).

Ħalli niġbru fil-qosor it-tifsira tas-suġġett minn Rivelazzjoni 20 sa kapitlu 22.

(1) Analiżi tat-test.

Kien muri li Rivelazzjoni 20:4 huwa għal kollox mhux adegwat bħala test biex isostni t-teorija millenjali—u huwa l-uniku test li jsemmi l-elf sena. Għalhekk, il-millenjalisti m'għandhom ebda test. Ebda appostlu f'xi epistola qatt ma semma perjodu ta' żmien bħal dan, lanqas taqsima jew sistema bħal din, lanqas żmien millenjali jew tama bħal din. Għalhekk, dan ittagħlim falz ma jappartjenix għad-dottrina appostolika, jew għat-tama u dmir Kristjan. Rivelazzjoni 20 mhuwiex ħlief ilquċċata ta' tixbiha li bdiet bix-xena ta' rebħa f'kapitlu 6:9 u tispiċċa f'xena ta' vittorja f'kapitlu 20:4. Ix-xebħ jew paragun ta' kapitli 6 u 20 jirrivela l-applikazzjoni tas-simboli ta' bejn ġrajja u oħra, bejn żmien u ieħor. Analiżi deskrittiva ta' l-aħħar kapitli għandha tagħmel konklużjoni xierqa għal l-istudju tagħna, f'li turi s-suċċess tal-kawża tal-martri u l-glorja tal-knisja vittorjuża.

1. L-anġlu nieżel mis-sema.

> "*U rajt anġlu nieżel mis-sema, li kellu l-muftieħ tal-bir ta' l-abbissi u katina kbira f'idu. U qabad id-dragun, dak is-serp il-qadim, li hu x-Xitan, u Satana, u rabtu għal elf sena, u waddbu fil-bir bla qiegħ...*" (Riv. 20:1-3).

L-anġlu, hu sempliċiment messaġġier ta' l-Evanġelju. Il-katina tirrappreżenta l-iskop innifsu ta' l-Evanġelju jew il-Kelma ta' Alla, biex ma jħallix lix-xitan iqarraq bin-nies. Marbut—mhux imħolli li jqarraq—jissinifika t-trijonf tal-verità fuq l-iżball. Elf sena—kif fil-postijiet l-oħra kollha fejn din il-frażi hija msemmija, turi ħaġa kompluta. Hawn din għandha riferenza għas-suċċess komplut tal-kawża fuq il-persekuzzjonijiet, u m'għandha ebda riferenza għal ċiklu ta' żmien. It-trijonf ta' Kristu fuq Satana kien ġie muri ċar biżżejjed f'parabboli bħal dawk li naqraw f'Mattew 12:29 u Luqa 11:21 fil-parabbola tarraġel b'saħħtu,

> "*Sakemm il-bniedem qawwi u armat tajjeb igħasses il-palazz tiegħu, ħwejġu jkunu fiż-*

*żgur: Imma jekk wieħed aqwa minnu jaqbeż fuqu u jegħelbu, jaħtaflu l-armi kollha li fuqhom kien iserraħ rasu, u jqassam il-priża tiegħu.*"

Għalhekk Ġesù għeleb lil Satana, u qassam il-priża tiegħu, u ġab fix-xejn il-qawwa tiegħu. Hekk jgħid l-appostlu Pawlu f'Kolossin 2:15,

"*Neżża' l-Prinċipati u s-Setgħat, u għamel wirja minnhom quddiem id-dinja, u karkarhom warajh fit-trijonf tiegħu fi Kristu.*"

Hekk jgħid ukoll f'Lhud 2:14,

"*Billi l-ulied għandhomn l-istess demm u ġisem, Ġesù wkoll bl-istess mod sar bħalhom, biex b'mewtu jeqred is-setgħa ta' dak li kellu l-mewt f'idejh, jiġifieri x-xitan.*"

Xi wħud jippruvaw jiġġustifikaw it-tagħlim falz tagħhom tal-millenju billi jgħidulna li l-ħażen għadu jiddomina fid-dinja u għalhekk Satana għad għandu s-setgħa. Imma l-Kelma ta' Alla tgħidilna l-kontra fis-siltiet li għadna kif qrajna! Lil min int se temmen? Ukoll fit-Testment il-Qadim kien hemm ħafna ħażen imma dan ma kienx ifisser li Alla ma kienx fil-kontroll!

2. *l-erwieħ fuq tronijiet.*

"*U rajt tronijiet, u fuqhom qagħdu bilqiegħda xi wħud li lilhom ingħatat is-setgħa li jagħmlu l-ħaqq: u rajt ukoll l-erwieħ ta' dawk li kienu jaqtgħulhom rashom minħabba fix-xhieda ta' Ġesù u l-kelma ta' Alla, u lil dawk li ma kinux xteħtu jagħtu qima lill-bhima u lix-xbieha tagħha, u li ma ħadux il-marka fuq ġbinhom u fuq idhom. U dawn bdew igħixu u jsaltnu ma' Kristu għal elf sena*" (Riv. 20:4).

Dawn l-erwieħ ma kinux iġsma u ma kinux mogħtija ġisem. Dawn kienu erwieħ. U qawmien mhuwiex neċessarju għal erwieħ biex igħixu. Dawn l-erwieħ *għexu*. Dawn l-erwieħ kienu qegħdin

taħt l-artal f'kapitlu 6, huma qegħdin fuq tronijiet f'kapitlu 20. F'wieħed, kawża sofriet f'telfa; fl-ieħor, kawża kienet inkurunata b'vittorja. Huma *għexu u saltnu*—ineħħi l-erwieħ minn taħt l-artal u jelevahom għat-tronijiet huwa rriferut għalih bħala qawmien—il-qawmien ta' *kawża*. Huma għexu fil-kawża li fiha mietu. Huma *saltnu* fil-persuni ta' dawk li ġew warajhom, u fil-karattru bħalhom u fl-ispirtu bħalhom l-istess kif Ġwanni l-Battista ġie fl-ispirtu u l-qawwa ta' Elija.

*Għexu u saltnu*—jekk "saltnu" hija illimitata b'elf sena letterali, "għexu" wkoll għandha tkun hekk illimitata b'elf sena letterali. Mela jekk il-ħakma tispiċċa ma' l-elf sena, l-għejxien jispiċċa ma' l-elf sena, li ma tantx ikun millenju ta' tama fuq kollox!

*Tronijiet*—mhux letterali u tad-dinja, imma l-istat eżaltat ta' dawk li kienu għelbu l-persekuzzjonijiet tagħhom.

Rashom maqtugħa—Ġwanni ra "l-erwieħ" ta' dawk li kellhom rashom maqtugħa; huma ma għexux fi stat tad-dinja. Jekk letterali, dawk biss li kellhom rashom letteralment maqtugħa jistgħu jidħlu fil-millenju. Jekk figurattivament, ma hemm ebda millenju, li huwa l-fatt tal-kustjoni.

*Elf sena*—il-viżjoni ta' vittorja, vittorja kompluta. L-elf sena qegħdin jirrappreżentaw l-infinità; dawn mhumiex ċiklu ta' żmien lanqas perjodu ta' żmien, u m'għandhom ebda riferenza għal żmien. L-epoka Kristjana hija infinità, bla tmiem. Alla jżomm il-patt Tiegħu sa l-elf nisel (Dewt. 7:9) u jum wieħed għall-Mulej hu daqs elf sena (2 Pietru 3:8)—jiġifieri, il-memorja ta' Alla tal-patt jew rabta Tiegħu hija infinità, u fid-dinja infinità ta' Alla jiem u snin mhumiex magħrufa. Il-vittorja tagħhom kienet kompluta, it-trijonf tagħhom sħiħ u s-saltna tagħhom infinità.

Il-prinċipju fundamentali ta' l-eseġesi jipprojbixxi li l-elf sena jkunu interpretati letteralment hawn, u l-kelma sena simbolikament fil-ktieb kollu barra minn dan. Mela, jekk l-elf sena huma letterali, il-ħakma ta' Kristu kienet għal elf sena biss, lanqas ġurnata waħda aktar jew inaqas. U, jekk letterali, billi ż-żewġ verbi "għexu" u "saltnu" huma immodifikati bl-elf sena, meta huma

jieqfu milli jkomplu jsaltnu, huma jieqfu wkoll milli jkomplu jgħixu. Barra minn dan, jekk letterali, dawk biss li kellhom rashom maqtugħa, għexu u saltnu. U, fl-aħħarnett, il-pronom tat-tielet persuna, "huma" ma jistax jinbidel għall-ewwel personali "aħna"; u l-verbi tat-temp passat "għexu u saltnu" ma jistgħux ikunu mibdula għall-verbi ta' temp futur "għandhom igħixu u jsaltnu." Qiegħed tara kemm wieħed jinqabad f'tagħlim falz mingħajr biss lanqas jgħaddilu minn moħħu li qiegħed jiġi ingannat? Il-konklużjoni hija li hemm wisq ħafna diffikultajiet fit-triq ta' l-applikazzjoni letterali.

3. *Il-bqija tal-mejtin.*

> "*Il-bqija tal-mejtin ma reġgħux ħadu l-ħajja sa ma jkunu ntemmu l-elf sena*" (Riv. 20:5).

Il-bqija tal-mejtin ma għexux—billi dawk biss li jintqal li għexu kienu l-erwieħ li kienu maqtula b'martri, u l-bqija tal-mejtin ma għexux, imma l-ħaqq kien mogħti lilhom, lil min huma iġġudikaw u kif? U jekk "għexu" tfisser li huma kienu mogħtija iġsma letterali, allura meta l-bqija tal-mejtin ma "ħadux il-ħajja" sa ma jkunu ntemmu l-elf sena, dan ikun ifisser li l-bqija tal-mejtin ikunu mogħtija iġsma letterali fit-tmiem ta' l-elf sena, li jisforza l-qawma tal-ħżiena kmieni wisq, qabel l-istaġun iż-żgħir, u qabel iż-żmien għall-qawmien u l-ġudizzju fl-ordni ta' ħwejjeġ millenjali. Għalhekk it-teorija tagħhom terġa' tiġi fix-xejn hawn. Il-bqija tal-mejtin hawn sempliċiment tirriferi għall-persekuturi li l-oppressjonijiet tagħhom kienu megħluba, l-istess kif jintqal f'Isaija 26 għas-sid il-ħażin tat-Testment il-Qadim, li kellu dominju fuq il-poplu ta' Alla, bħala li kien mejjet u m'għandux igħix, mejjet u m'għandux iqum.

*Din hija l-ewwel qawma*—l-istess kif il-ħelsien ta' Iżrael mill-jasar ta' Babel kien irriferut għalih f'Eżekjel 37 bħala qawma barra mill-oqbra tagħhom; u d-dominju mkisser tas-sidien kien qawma mill-oppressjoni, ta' Isaija 26; hekk ukoll, li għelbu dawn il-persekuzzjonijiet, jittrijonfaw fuq il-mewt u l-martirju, f'kawża vittorjuża ta' Kristu, huwa msejjaħ qawmien f'Rivelazzjoni 20. Il-fatt li dawn kellhom jintqalu li kienet

qawma huwa prova li din hija wżata f'sens mhux tas-soltu tal-kelma; figurattiv, metaforiku; mhux applikazzjoni fiżika tal-kelma. "L-ewwel qawma" hija spiritwali—il-qawma ta' l-emmieni veru f'kull żmien li jaqsam il-ħajja tal-Mulej irxoxtat permezz ta' ubbidjenza lejn il-kmandamenti tiegħu. Is-silta f'Rivelazzjoni 20 ma tiddeskrivi ebda perjodu ta' barka li għandha tkun gawduta fl-għeluq ta' din it-taqsima jew żmien. Din ma ġġibx il-kostruzzjoni letterali u l-millenjalisti nfushom ma jaċċettawx il-konklużjonijiet u l-konsegwenzi tagħha.

4. *Parti fl-ewwel qawmien.*

> "*Hieni u qaddis min għandu sehem fl-ewwel qawmien u l-imwiet: it-tieni mewt ma għandha ebda setgħa fuq dawn, imma jkunu qassisin ta' Alla u ta' Kristu, u jsaltnu miegħu elf sena*" (Riv. 20:6).

Hemm assjoma (ħaġa li fuqha jaqbel kulħadd) li tgħid li ħwejjeġ egwali għall-istess ħwejjeġ huma egwali għal xulxin. F'Rivelazzjoni 2:11 jintqal li rebħu l-persekuzzjonijiet eżentahom mit-tieni mewt. Imma f'Rivelazzjoni 20:6 jintqal li parti fl-ewwel qawmien eżentahom mit-tieni mewt. Ħwejjeġ egwali għall-istess ħwejjeġ huma egwali għal xulxin—parti fl-ewwel qawmien irriferiet għal li tirbaħ jew tegħleb il-persekuzzjonijiet u tidħol fit-trijonf ta' dik il-vittorja. Ukoll, huwa l-istess xorta ta' qawmien imsemmi f'Isaija 26 u f'Eżekjel 37. Dwarhom jintqal: "huma jkunu qassisin ta' Alla u ta' Kristu, u jsaltnu miegħu elf sena." Dan, naturalment, jirriferi għall-"erwieħ" li "għexu u saltnu" f'vers 4, u hawn "isaltnu miegħu" tirriferi għall-kontinwità ta' dik is-saltna jew ħakma li kienet bdiet fl-espressjoni "għexu u saltnu" ta' vers 4: Din tirriferi għal l-istess "erwieħ," l-istess ħakma, u l-istess esperjenzi, u sempliċiment uriet il-kontinwazzjoni tagħha.

5. *Ix-Xitan Jinħall.*

> "*U meta jintemmu l-elf sena, ix-xitan jinħall mill-ħabs tiegħu*" (Rivelazzjoni 20:7).

It-trijonf tal-qawwiet tal-ġustizzja u l-ħażen, tal-verità u ta' l-iżball, kien ħaġa alterna. Qawmien tal-ħażen ġara, imfisser

bħala Satana jkun maħlul mill-ħabs tiegħu, trijonf alternat tal-kawża tal-persekuturi u l-kawża tal-martri. Il-fatti attwali ta' l-istorja fl-esperjenzi tal-knisja jwettqu dawn il-figuri u metafori. Versi 8 sa 10 jiddeskrivu l-aħħar attentat iddisprat tal-qawwiet tal-persekuturi biex iwaqqfu l-avvanz tal-knisja u jfixklu t-tifrix tal-Kristjaneżmu fost il-ġnus kollha, imma l-oppożizzjoni maqgħuda flimkien ta' l-influwenzi kollha li jopponu tal-persekuturi ma jistgħux jieqfu kontra Kristu u l-knisja Tiegħu. Dawn kollha waqgħu f'telfa kompluta u t-tmiem tal-persekutu-ri kien imħabbar minn qabel f'deskrizzjoni hekk wisq figurat-tiva bħal "*nar niżel mis-sema u belagħhom*," u huma kienu "*mwaddba fil-belliegħa ta' nar u kubrit…u jibqgħu jbatu lejl u nhar għal dejjem ta' dejjem*" (Rivelazzjoni 20: 9-10). Ma hemm ebda regola ta' eseġesi jew ta' interpretazzjoni li tista' tagħti applikazzjoni letterali ta' lingwa bħal din. Hija d-desk-rizzjoni simbolika tat-tmiem u kundanna tal-mexxej li ħaqar il-knisja ta' Kristu, li qatt aktar ma jeżisti biex jumilja l-Għarusa ta' Kristu.

6. *Il-ħaqq tal-mejtin*.

> "*…U rtajt il-mejtin, kbar u żgħar, weqfin quddiem Alla; u nfetħu l-kotba…u l-mejtin u sar ħaqq minnhom kull wieħed skond l-egħmejjel tagħhom, skond ma kienu mniżżla fil-kotba…u l-mewt u post il-mejtin ġew mixħuta fil-belliegħa tan-nar. Din hija t-tieni mewt. Hekk ukoll min ma nstabx imniżżel bil-ktieb tal-ħajja, kien miħut bil-belliegħa tan-nar*" (Riv. 20:11-15)."

L-istampa ta' dawn il-versi mhijiex ħlief kontinwazzjoni tal-kuntrast bejn il-kawżi tal-ġustizzja u tal-ħażen, tal-verità u tal-qerq jew ta' l-żball, Kristjaneżmu u l-paganiżmu, u l-waqfien tagħhom rispettivament quddiem it-tron il-kbir tal-ħaqq divin. Il-ħwejjeġ kienu msieħba fil-konflitt qawwi bejn il-knisja fuq naħa waħda , u l-qawwiet kollha tal-Ġudaiżmu, Rumaniżmu, u paganiżmu u l-oħrajn. Issa l-parteċipanti waqfu quddiem it-tron tad-deċiżjoni divina, fejn il-kustjonijiet kienu issettiljati. Il-kawża

tal-ġustizzja kienet meħlusa u l-kawża tal-ħażen kienet akkużata u ikundannata għal dejjem. Dawn is-siltiet ma fihom ebda faraġ ġewwa fihom għal xi daqs jew grad għall-millenjalisti. Napplikaw is-silta *għall-mejtin*, ħalli jkun innutat li din tirriferi għall-"mejtin, żgħar u kbar"—il-mejtin kollha, mhux parti mill-mejtin. Xi wħud minnhom kienu misjuba fil-ktieb tal-ħajja u xi wħud ma kinux misjuba fil-ktieb tal-ħajja. Jekk dan jirriferi biss għall-ħżiena fit-tmiem tal-millenjaliżmu, kif isostnu l-millenjalisti, imbagħad ma jkun hemm ebda użu ta' xejn li tiftaħ il-ktieb, gilkoll ikunu jafu li l-ħżiena ma kinux fil-ktieb tal-ħajja!

Mela—fl-analiżi ta' Rivelazzjoni 20—ċertament ma hemm ebda evidenza ta' Kristu fuq l-art fil-millenju bejn vers 4 ta' dak il-kapitlu u vers 11.

Jiena tajt dawn is-suġġerimenti għal raġuni waħda biss—li hija, biex nuri li ma hemm xejn x'wieħed jibża' f'qari ta' vers vers ta' Rivelazzjoni 20. It-teorija millenjali mhijiex fih, u jekk mhijiex hemm, din ma tinsab imkien aktar.

(2) Is-sema ġdida u l-art ġdida.

> "*U rajt sema ġdida u art ġdida, għax is-sema ta' qabel u l-art ta' qabel għabu; u ma kienx hemm iżjed baħar. U jien Ġwanni rajt il-belt qaddisa, Ġerusalem ġdida, nieżla mingħand Alla mis-sema, imħejjija qisha għarusa mżejna għal żewġha*" (Riv. 21:1-2).

Ngħaddu minn kapitlu 20, kaptilu 21 juri s-sema ġdida u l-art ġdida. Din mhijiex esspressjoni ġdida. Din tinsab fit-Testment il-Qadim u f'postijiet oħra fit-Testment il-Ġdid. Induru għal Isaija 66:22-23 l-esspressjoni hija applikata għall-kondizzjonijiet tal-poplu ta' Alla Iżrael wara r-ritorn tagħhom minn Babel. Isaija jgħid hekk:

> "*Għax bħalma s-smewwiet ġodda, u l-art ġdida, li ser nagħmel, jibqgħu quddiemi, igħid il-Mulej, hekk jibqa' nisilkom u isimkom. U jiġri, minn qamar ġdid għal qamar*

*ġdid, u minn Sibt għal Sibt, illi kull ħaj jiġi jqim quddiemi, igħid il-Mulej.*"

Wara li kienu meħlusa mill-jasar, meħuda lura lejn arthom, fis-"sema ġdida u art ġdida," tagħhom huma jerġgħu mill-ġdid "minn qamar ġdid għal qamar ġdid, u minn Sibt għal Sibt" jiġu "biex iqimu quddiemi, igħid il-Mulej." Għalhekk, f'Rivelazzjoni 20 il-ħelsien tal-knisja ippersegwitata mill-persekuturi tagħhom huwa mfisser bħala "s-sema ġdida u art ġdida." Jekk aħna nħallu l-Iskrittura tinterpreta lilha nfisha m'għandu jkollna ebda diffikultà biex nifhmu sewwa dak li trid tgħidilna. Jekk ħelsien mill-jasar fit-taqsima antika kien jista' jkun imsejjaħ "sema ġdida u art ġdida" għal Iżrael, ċertament vittorja fuq il-persekuturi tal-knisja fit-taqsima l-ġdida tista' tissejjaħ jew tkun irriferuta b'mod xieraq f'figura bħal din. U dik hija l-qawwa ta' l-esspressjoni f'Rivealzzjoni 21. Imma meta din id-dinja antika tkun meqruda bin-nar, skond it-2 Pietru 3:13, ikun hemm "sema ġdida u art ġdida" għal l-eternità kollha. Hemm il-kuntrast qiegħed bejn din l-isfera tad-dinja li tgħaddi u dik id-dinja eterna msejħa smewwiet. Imma s-smea l-ġdida u l-art il-ġdida, kemm jekk fit-Testment il-Qadim jew fit-Testment il-Ġdid, qatt ma tirriferi għal żmien millenjali fuq l-art.

(3) L-għarusa ta' Kristu u l-ikla tat-tieġ.

> "*...Ejja nurik il-għarusa, mart il-Ħaruf*"—Riv. 21:9—"*għax l-ikla tat-tieġ tal-Ħaruf waslet, u l-martu hejjiet ruħha*" (Riv. 21:9).

Ir-riferenzi għall-knisja bħala l-għarusa ta' Kristu u l-festa tat-tieġ mhumiex xi ħaġa mhux tas-soltu f'Rivelazzjoni milli huma f'postijiet oħra fl-Iskrittura. L-għaqda spiritwali ta' l-emmieni ma' Kristu hija l-premessa li minnha l-appostlu Pawlu jiġbed il-konklużjonijiet tiegħuf'Rumani 6, li wieħed li kien mgħammed fi Kristu m'għandux ikompli fid-dnub.

> "*Nibqgħu fid-dnub?...Ma tafux li aħna li tgħammidna fi Kristu tgħammidna fil-mewt*

*tiegħu? Għalhekk aħna midfunin miegħu bil-magħmudija fil-mewt…Għaliex jekk sirna ħaġa waħda miegħu…ma naqdux aktar id-dnub*" (Rumani 6:1-7).

Il-mewt tal-midneb hija t-twelid ta' l-emmieni. Hija veduta kompluta u ta' l-għaġeb ta' l-għaqda tal-Kristjan ma' Kristu bil-magħmuidja, f'liema att l-emmieni "jsir ħaġa waħda"—magħqud miegħu—għalhekk, l-għaqda ta' l-emmieni ma' Kristu. Fil-kapitlu ta' wara—Rumani 7—l-appostlu jiddiskuti l-aspett ta' l-għaqda taż-żwieġ. L-għaqda ma' Kristu ta' l-emmieni mgħammed hija għaqda spiritwali taż-żwieġ (Rumani 7:4).

Xi wħud ikkunsidraw din is-silta involuta f'diffikultà apparenti ta' figuri mħallta. Fl-ewwel parti, versi wieħed sa tlieta, il-parti taħt id-dominju tal-liġi hija ppersonifikata bmejta, madankollu hija maħsuba li tgħix waqt lir-raġel huwa mejjet. Fit-tieni parti, vers 4, il-parti l-miżżewwġa għal-liġi hija mejta—għalhekk, skond il-figura, il-liġi għandha tkun il-ħaġa li baqgħet ħajja. Imma l-appostlu ma jittrattax ma' dawn id-dettalji. L-illustrazzjoni mhijiex inkonsistenti bħala analoġija li ma testendix aktar mill-punt ta' dissoluzzjoni (tmiem ta' għaqda) li hija neċessarja għal relazzjoni oħra. Din hija parabbola b'punt wieħed ta' xebħ. Relazzjoni ta' qabel hija miġjuba fit-tmiem, kont meħlus permezz tal-mewt, u l-parti ħajja tinsab f'relazzjoni ġdida. Il-konnessjoni dottrinali hija li l-emmieni mgħammed ta'kapitlu 6 għandu fi Kristu il-ħelsien sħiħ mir-rabta ta' qabel ta' relazzjoni legali mal-liġi, u issa sar l-għarusa ta' Kristu.

L-għarusa tal-Ħaruf ta' Rivelazzjoni mhix ħlief estenzjoni illustrata ta' din l-istess analoġija ta' l-għaqda spiritwali taż-żwieġ bejn Kristu u l-knisja. L-apokalissi ma jgħallimx li l-knisja ma ssirx l-għarusa ta' Kristu, jew li tkun miżżewġa lil Kristu, sakem Hu jerġa' jiġi—dan pjuttost juri l-oppost. Dan iż-żwieġ spiritwali huwa rikorrenti f'kull emmieni mgħammed—kull darba li wieħed ikun mgħammed fi Kristu dan iż-żwieġ isir. Mela kif iż-żwieġ huwa kontinwu, il-festa (l-ikla) tat-tieġ hija wkoll kontinwa—fil-

festa kostanti u miżmuma ta' sħubija ta' dawk kollha li huma f'għada ta' żwieġ ma' Kristu.

Hija din il-festa ta' sħubija tal-knisja vittorjuża, mhux aktar maħqura minn oppressuri lanqas imrażżna mill-persekuturi tal-knisja, li Ġwanni jiddeskrivi bħala l-festa jew l-ikla taż-żwieġ tal-Ħaruf f'kapitli 19:7-9 u 21:1-9 ta' Rivelazzjoni.

Il-"Ġerusalem il-Ġdida" nieżla mis-sema, ta' vers tnejn, hija deskrizzjoni tal-knisja trijonfanti fil-ġmiel kbir tagħha ta' glorja, imżejna bi lbies ta' vittorja. Jekk huwa maħsub minn xi wħud li l-"Ġerusalem il-Ġdida" hija s-sema, allura ikkunsidra li din il-"Ġerusalem il-ġdida" kienet nieżla "mis-sema"—kienet is-sema nieżla mis-sema? Il-viżjoni kollha dik tal-knisja vittorjuża u trijonfali li rebħet il-kuruna tal-ħajja permezz tat-tbatija, u issa fil-ġmiel ta' għarusa mżejna fl-ilbiex ilellex tagħha, hija tieqaf 'il quddiem fil-ġmiel kbir ta' l-għarusa tal-Mulej, il-knisja. Għalhekk, mix-xeni ta' persekuzzjoni, tbatija u niket, it-tixbihat ta' Ġwanni jispolu fil-viżjonijiet li jsaħħru bil-ġmiel tagħhom ta' trijonf u vittorja! "Din hija l-vittorja li tegħleb lid-dinja, il-fidi tagħna," u "grazzi lil Alla li jagħtina l-vittorja permezz tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu."

(4) Il-knisja trijonfali u l-istedina ta' l-Evanġelju.

Issa aħna niġu għall-kapitlu 22. il-knisja kienet mgħaddsa f'xeni ta' sagrifiċċju u tbatija, matul periklu, għerien u mewt hija ħarġet qawwija u sħiħa, fil-fedeltà għad-dottrina u lealtà lejn Kristu. Issa fl-ilbies ta' għarusa, l-obligazzjonijiet tal-Kummissjoni l-Kbira ul-Istedina l-Kbira għal darb'oħra huma mqiegħda fuqha.

> "*L-Ispirtu u l-Għarusa jgħidu, Ejja! Min jisma', ħa jgħid: Ejja! U kull min hu bil-għatx, ħa jiġi, ħa jieħu b'xejn min irid l-ilma tal-ħajja*" (Riv. 22:17).

Hija din "l-aċċentwazzjoni tal-pożittiv" fil-predikar ta' l-Evanġelju minn knisja trijonfali, ħierġa mill-persekuzzjoni, tenfasizza minn issa 'l quddiem l-awtorità ta' Ġesù Kristu fl-iskema tal-fidwa ta' l-Evanġelju.

Vers 14 huwa riferenza diretta għall-Evanġelju:

> "Imberkin *dawk li jagħmlu l-kmandamenti tiegħu, biex ikollhom id-dritt għas-siġra tal-ħajja u jistgħu jidħlu fil-belt mill-bibien.*"

Il-kmandamenti huma dawk ta' l-Evanġelju; is-siġra tal-ħajja hija salvazzjoni fi Kristu; il-bibien fil-belt juru d-dħul fil-knisja tal-Mulej. Ra minn qabel it-taqsima ta' l-Evanġelju David qal:

> "*Iftħuli l-bibien tal-ħaqq: jien nidħol minn-hom, u nfaħħar il-Mulej: Dal-bieb tal-Mulej; il-ġusti jidħlu minnu. Infaħħrek: għax int weġibtni, u sirt is-salvazzjoni tiegħi. Il-ġebla li ma ridux il-benneja saret ras il-għareb*" (Salm 118:19-22).

Elf sena qabel Kristu, David kanta dwar il-qawmien ta' Kristu, u l-bibien tas-salvazzjoni li fihom wieħed jidħol meta jobdi l-Evanġelju. Hekk ukoll huwa, ħierġa miż-żmien mudlam tal-persekuzzjoni, l-għarusa vittorjuża, il-knisja, mill-ġdid tħabbar l-Evanġelju—"imberkin dawk li jagħmlu l-kmandamenti tiegħu, biex ikollhom id-dritt għas-siġra tal-ħajja u jistgħu jidħlu fil-belt mill-bibien"—iva, "dan il-bieb tal-Mulej" li fih kulħadd jista' jidħol permezz ta' ubbidjenza għall-Evanġelju ta' Kristu, jaċċettaw l-istedina ta' l-Għarusa, il-knisja ta' Kristu.

Innota s-sors ta' l-istedina—"L-Ispirtu u l-Għarusa jgħidu, Ejja." Alla jistieden; Kristu jistieden; l-Ispirtu jistieden; il-knisja tistieden; u kull Kristjan jistieden—"min jisma' ħa jgħid, "Ejja." Dawk li jagħtu l-istedina jinvestuha bid-dinjità u bl-awtorità; is-sors ta' l-istedina iġiegħel l-aċċettar tiegħek. Innota wkoll l-intenzjoni ta' l-istedina—"kull min." Kull fejn il-bniedem jinsab, kull fejn id-dnub imur, l-istedina ddoqq, kull min. Dik il-frażi kbira "kull min"—kull min irid ħa jiġi. Imbagħad innota s-suġġetti ta' l-istedina—"kull min hu." Nies intelliġenti, responsabbli, li kapaċi jagħtu kont tagħhom infushom, li jistgħu jwieġbu għalihom infushom huma suġġetti ta' l-Evanġelju. Dawk biss li jistgħu "jridu" jistgħu jiġu—huma biss dawn li huma

suġġetti għall-Evanġelju. Dan mela jinvolvi r-rieda tal-bniedem. Min jista' jiġi? Ġesù qal,

> "*Ħadd ma jista' jiġi għandi jekk il-Missier li bagħtni ma jiġbdux lejja…Kulħadd ikun imgħallem minn Alla, Mela kull min jisma' lill-Missier u jitgħallem minnu jiġi għandi*" (Ġwanni 6:44-45).

L-ordni hija: Mgħallem, Isma', Tgħallem, Ejja. "Kull min jista' jiġi." Il-Mulej qal,

> "*Morru fid-dinja kollha, xandru l-bxara t-tajba lill-ħolqien kollu. Min jemmen u jitgħammed, isalva; iżda min ma jemminx, ikun ikkundannat*" (Mark 16:15-16).

Dan huwa l-istess daqs li tgħid, Għallem, isma, tgħallem, u ejja. Huwa l-"kull min" tal-Mulej. Fl-aħħarnett, innota l-benefiċċji ta' l-istedina:

> "*Ħa jieħu b'xejn min irid l-ilma tal-ħajja.*"

Il-ħajja fil-forom kollha tagħha hija prezzjuża, u aħna nitqabdu biex ingawduha. Imma l-ħajja eterna tisboq kollox fil-prezzjożità tagħha.

> "*Għalikom, mela, li temmnu, dan hu prezzjuż! Imma għal dawk li ma jemmnux…ġebla ta' tiġrif, u blata ta' tfixkil*" (1 Pietru 2:7-8).

L-aktar ħitan mudlama tal-ħabsijiet ma jistgħux iżommu l-biżgħat aktar kbar mill-kliem—"ġebla ta' tiġrif, u blata ta' tfixkil." Imma għal dawk kollha li jobduh Kristu hu l-awtur tas-salvazzjoni ta' dejjem, u lilhom joffrilhom il-ħajja. Is-setgħa Tiegħu biex jaħfer kienet imħabbra. Hija għola mis-setgħa leġislattiva; hija għola minn setgħa ġudizzjarja; hija s-setgħa tal-maħfra. Il-Mulej Ġesù Kristu għandu setgħa li jaħfer u jeżerċitaha permezz tat-termini benefiċjenti ta' l-Evanġelju. Li jobdi l-kondizzjonijiet tiegħu, jaċċetta kull tbatija li tista' tiġi, l-emmieni mgħammed jippossiedi r-ruħ ta' martri, u għandu s-sehem tiegħu

fil-premjijiet murija u mfissra "fir-rivelazzjoni ta' Ġesù Kristu…lill-qaddej tiegħu Ġwanni."